IL-PONT
rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 63– **SETTEMBRU 2021**

# werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 8 |
| L-Intervisti: Paul Vella u Lina Brockdorff | 11 |
| L-Intervisti: Paul Zahra u Marthese Fenech | 15 |
| L-Intervista: Dalila Hiaoui | 24 |
| Kitba ta' Mario Attard | 27 |
| Marija Najthefer Popov – Poetessa Siberjana | 28 |
| Kitba ta' Ramon Bonett Sladden | 30 |
| *Ir-Raġel li Ġie mal-Lejl* ta' Alfred Massa | 33 |
| "Il-Poeżija Magħżula" ta' Joe Saliba | 35 |
| *Riflessi* ta' Patrick J Sammut | 37 |
| Victor V. Vella dwar *Raġel bil-Għaqal* | 39 |
| Aktar reċensjonijiet | 43 |
| Il-Poeżiji | 45 |
| Versi lil hinn minn xtutna | 52 |
| Minn fuq l-ixkaffa | 53 |


Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**







Illum iktar minn qabel hemm bżonn li lil uliedna ngħallmu l-Poeżija sa minn età ċkejkna. Il-Poeżija hija frott bnedmin sensittivi u riflessivi; hija wkoll Sbuħija fiha nnifisha. U forsi minħabba din il-firda mid-dinja tal-Poeżija, il-bniedem illum tbiegħed minn ommu n-Natura, nesa japprezza l-isbuħija u l-ħtieġa tagħha għalih stess, u minflok mela moħħu bi ħwejjeġ materjalistiċi li bil-ftit il-ftit se jwassluh għall-qirda tiegħu nnifsu. Il-Professur Taljan Luca Serianni, awtur tal-antoloġija poetika *Il verso giusto. 100 poesie italiane* (Laterza, 2020), jemmen li l-ewwel laqgħat mal-Poeżija għandhom isiru diġà ma' tfal li jattendu l-ewwel snin tal-iskola, ladarba huma sensibbli ħafna għar-rima u għar-ritmu tal-kelma, u t-tagħlim bl-amment tal-poeżiji jgħin biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-poeżiji u mhux biss biex isaħħaħ il-kapaċità li jiftakru. Serianni però jinsisti wkoll li l-Poeżija għandha tiġi mgħallma lill-istudenti ta' etajiet ikbar - 15 sa 18-il sena -, u dan permezz ta' poeti importanti. L-għalliema hawn għandhom jikkonċentraw iktar milli fuq iċ-ċirkustanzi li wasslu għall-kitba tal-poeżija, fuq il-qari tat-test u l-analiżi tal-lingwaġġ użat. Hemm bżonn ta' iktar tagħlim bħal dan, li jgħin lill-ġenerazzjonijiet li telgħin ikunu iktar konxji ta' dan li l-bniedem verament jeħtieġ: fost dawn, il-paċi interna, l-hena li mhix ġejja mill-flus u mill-ħwejjeġ materjali, ir-rispett lejn il-proxxmu u lejn il-ħlejjaq kollha, u l-bqija. Il-ħajja mhix biss numri, kilba, u profitt, imma hemm iktar minn dan.

Dan hu marbut ukoll ma' fenomenu ieħor, pożittiv ferm, li qed jissaħħaħ fil-preżent. Qed jiżdiedu ż-żgħażagħ li permezz tal-mezzi soċjali virtwali qed ixerrdu l-imħabba tagħhom għall-kotba (eżempju wieħed hu l-#BookTok). Huma bosta dawk li ħolqu spazji virtwali kemm f'YouTube, kif ukoll f'TikTok, imma anki f'siti oħrajn, biex jitkellmu dwar il-kotba favuriti tagħhom u b'hekk iħajru lil oħrajn bħalhom biex jixtru, jissellfu, ipartu, u jaqraw kotba varji. Dan huwa eżerċizzju validu tassew u jmur kontra t-twemmin li l-mezzi teknoloġiċi l-ġodda qed jeqirdu l-imħabba għall-ktieb. Tkun idea eċċellenti li d-djar tal-pubblikazzjoni lokali jimpjegaw *influencers* żgħażagħ bħal dawn biex ixerrdu l-interess fil-ktieb permezz ta' videos qosra, kummenti kritiċi, diskussjonijiet (anki mal-istudenti fl-iskejjel stess), u anki qari ta' siltiet qosra minn kotba ppubblikati. Jistgħu wkoll joffru spazji fejn jinġabru ż-żgħażagħ ħalli jaqraw, jirriflettu u jiddiskutu flimkien kotba differenti.

Dwar in-numru ta' kotba li qed jiġu ppubblikati lokalment... Hemm min ma jarax dan bħala ħaġa pożittiva, imma għall-kuntrarju, bħala xi ħaġa li tirrifletti l-fatt li l-livell tal-letteratura Maltija qed jonqos. Personalment ma naqbilx ma' dan. Filwaqt li jista' jkun veru li mhux dak kollu li jiġi ppubblikat huwa ta' livell, nemmen ukoll li llum hawn iktar opportunitajiet biex dak li jkun joħroġ għad-dawl il-kitbiet tiegħu. Meta qabel, in-numru ta' djar ta' pubblikazzjoni kien iktar limitat, bosta, kittieba nisa u rġiel, kienu jaqtgħu qalbhom u jħallu lil kitbiethom fil-kexxun bla ma jaqsmu t-talent tagħhom ma' ħadd. Illum hemm pubblikaturi li fetħu l-bibien tagħhom u jħarsu lejn ix-xogħol u mhux lejn isem jew wiċċ dak li jkun. U dan hu tajjeb ferm biex il-letteratura Maltija tissaħħaħ b'xogħlijiet miktubin minn kittieba ġodda.

U ħaġa oħra: mhux kull minn jippubblika kotba varji regolarment huwa "cacalibri", kif xi wħud ta' lsienhom laxk isostnu. Hemm min ilu jistudja deċennji twal, b'sagrifiċċji kbar, inklużi ljieli bla mistrieħ. Fost dawn hemm min ta u għadu qed jagħti kontribut qawwi lill-qasam tal-Letteratura u tal-Kritika Letterarja Maltija. Għandu jintwera rispett u ġieħ lil individwi bħal dawn minn min għandu l-kariga u r-responsabbiltà li jagħmel dan, filwaqt li min dara jaħli ħinu minkejja l-pożizzjoni tiegħu għandu jsegwi l-eżempju t-tajjeb u mhux iqiegħed il-bsaten fir-roti.

Kemm hi importanti s-sentenza "For individuals to function in a healthy democracy, they must develop a stronger understanding of the nation's history." Din hi parti minn tweġiba li tagħti l-kittieba żagħżugħa Kanadiża-Maltija Marthese Fenech. Poplu b'saħħtu demokratikament hu poplu li jaf l-Istorja ta' pajjiżu, mhux poplu maħkum mit-tnessija u minn ħwejjeġ fiergħa oħrajn. Iva, din id-darba IL-PONT qed jintervista żewġ kittieba li jgħixu barra minn Malta imma li għandhom kuntatti ma' Malta: apparti Marthese Fenech, insiru nafu ftit aħjar lill-poetessa Marokkina-Taljana Dalila Hiaoui.

Nerġa' ntenni: min jaqra l-paġni fejn hemm il-poeżiji jħoss li hemm għajta komuni: għajta favur il-ġustizzja u kontra l-ħażen, għajta favur il-protezzjoni tal-ambjent naturali u kontra l-qirda tar-raba' li tfisser ħajja u nutriment, bżonn ta' ħafna li jgawdu arja friska u nadifa, spazji ħodor miftuħa fejn jaħkmu s-skiet u t-trankwillità. Din ukoll hija l-Poeżija u dan ukoll jagħmel il-Poeta. Il-Poeżija hija d-Dawl li llum tant għandna bżonnu kontra d-Dlam li qed jhedded minn fronti differenti. Naqraw il-Poeżija u ma ninsewx dak li verament jagħmilna bnedmin.

## IMUT IL-PROFESSUR EDWARD DE BONO



Nhar id-9 ta' Ġunju 2021 ħalla din id-dinja l-Professur Edward De Bono, fl-età ta' 88 sena. Kien tabib, psikologu, konsulent, awtur, filosofu, u vvinta t-terminu "lateral thinking". Permezz ta' *Six Thinking Hats* (1985) huwa ppropona t-tagħlim kif wieħed jaħseb bħala suġġett fl-iskejjel. Studja fl-Universitajiet ta' Malta, Oxford u Cambridge, u għallem anki f'universitajiet bħal Londra u Harvard. Huwa l-awtur ta' 85 ktieb, tradotti għal 46 ilsien differenti. L-istess Università ta' Malta waqqfet l-Istitut Edward De Bono għat-Tifsil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb fl-1992. Xi kotba oħra minn tiegħu huma *I Am Right, You Are Wrong* (1968), *Lateral Thinking* (1970), *Serious Creativity* (1992), *Parallel Thinking* (1994) u *How to Have a Beautiful Mind* (2004). Jistrieħ fis-sliem.

## REBBIEĦA U FINALISTI TAL-PREMJU PULITZER 2021

Nhar il-11 ta' Ġunju li għadda tħabbru r-rebbieħa u l-finalisti għall-Premju Pulitzer 2021. Ir-rumanz rebbieħ fil-kategorija tal-kitba fittizzja kien *The Night Watchman*, ta' Louise Erdrich (Harper). Nominati bħala finalisti kienu wkoll *A Registry of My Passage Upon the Earth*, ta' Daniel Mason (Little, Brown and Company), u *Telephone*, ta' Percival Everett (Graywolf Press). Ir-rebbieħ fil-kategorija tat-teatru kien ix-xogħol *The Hot Wing King*, ta' Katori Hall. Nominati bħala finalisti kienu wkoll *Circle Jerk*, ta' Michael Breslin u Patrick Foley, u *Stew,* ta' Zora Howard. Fil-kategorija tal-poeżija x-xogħol rebbieħ kien *Postcolonial Love Poem*, ta' Natalie Diaz (Graywolf Press), filwaqt li kienu nominati bħala finalisti anki *A Treatise on Stars*, ta' Mei-mei Berssenbrugge (New Directions), u *In the Lateness of the World*, ta' Carolyn Forché (Penguin Press).

## POETI MALTIN WAQT SERATA LETTERARJA VIRTWALI BEJN MALTA U L-ITALJA

Nhar it-30 ta' Ġunju 2021, erba' poeti Maltin ħadu sehem f'lejla letterarja virtwali bl-isem ta' "Sicilia e Malta: letterature mediterranee", organizzata mis-Salotto Letterario Tevere ta' Ruma. Il-poeti Maltin li ħadu sehem huma Emmanuel Attard Cassar, Alfred Grech, Therese Pace u Patrick Sammut. Min-naħa ta' Sqallija ħadu sehem Maria Federico (President tal-Assoċjazzjoni Kulturali *Il Mondo di Damarete*), Giovanna Carlino Pirandello (President tal-Fondazzjoni *Fausto Pirandello*), Alfonso Veneroso (attur, kittieb u reġista), u Anna Maria Andreoli (President tal-*Istituto di Studi Pirandelliani e sul Teatro Contemporaneo*). Dawn tal-aħħar qraw xogħlijiet marbutin mal-kittieb Sqalli Luigi Pirandello u tifkiriet dwaru minn nies li kienu jafuh. Il-kontinġent Malti qara poeżiji bit-tema 'Baħar', l-ewwel bl-ilsien Malti u wara tradotti għat-Taljan, u Patrick Sammut qara wkoll saġġ qasir dwar l-element 'baħar' fil-Poeżija Maltija. Issemma l-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila u l-poeta Oliver Friggieri, imma anki Alfred Palma bħala traduttur tad-*Divina Commedia* ta' Dante għall-Malti. Is-serata tmexxiet minn Carlotta Ghirardini (Fundatriċi tas-*Salotto Letterario Tevere - Roma*). Presenti kienet ukoll il-poetessa Taljana Eliana Stendardo, li stiednet lill-poeti Maltin biex jipparteċipaw f'dan l-event.

## KJAŻMU. PROĠETT TA' KITBA LETTERARJA MIŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Kjażmu huwa proġett mill-Aġenzija Żgħażagħ biex iħeġġeġ liż-żgħażagħ li għandhom għal qalbhom il-letteratura u t-talent tal-kitba bil-Malti sabiex jiżviluppaw il-ħiliet tal-kitba tagħhom. L-għan tal-proġett hu li jgħin liż-żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-25 sena jirfinaw il-kitba tagħhom bil-Malti flimkien ma' tutur jew tutriċi sabiex ikomplu jixprunaw il-ħiliet tagħhom bl-għan li fl-aħħar jaslu biex jippubblikaw ix-xogħol tagħhom. L-applikazzjoni fetħet fl-1 ta' Lulju 2021 u trid tasal fuq agenzija.zghazagh@gov.mt sa 12pm (nofsinhar) tad-data tal-15 ta' Ottubru 2021. Għal aktar informazzjoni tista' tikkuntatja lil Maria C. Borg fuq maria-carmela.borg@gov.mt jew 2258 6700. Għal-linji gwida ara l-ħolqa: https://youth.gov.mt/wp-content/uploads/2021/07/Kjazmu-Linji-Gwida-Riveduta-02_compressed.pdf

**JITĦABBAR IR-REBBIEĦ TAL-PREMIO STREGA**



**Emanuele Trevi**

Emanuele Trevi rebaħ il-Premio Strega 2021 bir-rumanz *Due vite* (Pubblikazzjoni Neri Pozza). Fit-tieni post insibu lil Donatello Di Pietrantonio bir-rumanz *Borgo Sud* (Einaudi), filwaqt li t-tielet post ingħata lil Edith Bruck bir-rumanz *Il pane perduto* (Pubblikazzjoni La nave di Teseo). Fir-raba' post insibu lil Quarta Giulia Caminito bir-rumanz *L'acqua del lago non è mai dolce* (Bompiani), u fil-ħames post, ir-rumanz *Il libro delle case* ta' Andrea Bajani (Feltrinelli). Dawn l-aħħar żewġ rumanzi qed jakkwistaw il-kunsens ta' kritiċi u qarrejja u qed jikkompetu wkoll għall-Premio Campiello. Is-serata ta' premjazzjoni tal-Premio Strega saret fil-Museo Nazionale Etrusco tal-Villa Giulia, f'Roma.

**KORS ĠDID MILL-FONDAZZJONI AŻAD - 'GĦAL ĠENSNA - DUN KARM U OLIVER FRIGGIERI'**

Fl-2021 Dun Karm jagħlaq 150 sena minn twelidu fit-18 ta' Ottubru (1871) u 60 sena minn mewtu fit-13 ta' Ottubru (1961). U Oliver Friggieri jagħlaq sena minn mewtu fil-21 ta' Novembru (2020). Dan il-kors, organizzat mill-Fondazzjoni AŻAD, jippreżenta lil Dun Karm u lil Oliver Friggieri bħala awturi ta' ġens. Jurihom fuq tliet prinċipji: li l-letteratura tinvolvi ruħha soċjalment biex toħloq għarfien xieraq; li l-letteratura tirrifletti l-umanità fit-tfittxija tagħha għat-tifsir tal-ħajja; u li l-letteratura tibda mill-interpretazzjoni tal-ambjent ta' pajjiż u timxi lejn tifsir universali. Id-dati tal-laqgħat, li jsiru kull nhar t'Erbgħa bejn il-5.30 u s-6.30 ta' filgħaxija, huma dawn: Novembru 3, 10, 17, 24; Diċembru 1, il-Ġimgħa 10 (għax l-Erbgħa 8 ta' Diċembru btala pubblika). Il-kelliem se jkun il-Professur Charles Briffa. Kull min jixtieq jirreġistra jista' jċempel lil Roderick Agius, Kap Eżekuttiv Fondazzjoni AŻAD fuq 99471549, 21220660, jew jibgħat email lil roderick.agius@azad.org.mt. Il-ħlas għal dan il-kors huwa ta' 80 ewro. Imma għal kull min jirreġistra bis-saħħa tal-informazzjoni li qed tidher hawn f'IL-PONT il-ħlas tar-reġistrazzjoni jonqos bi skont ta' 10 ewro. Kull min se jattendi, jingħata wkoll kopja tad-dokumentarju 'Il-Bniedem wara l-Poeta'.

**IRVINE WELSH MISTIEDEN INTERNAZZJONALI TAL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2021**



**Irvine Welsh**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb bi pjaċir ħabbar li l-mistieden internazzjonali għall-edizzjoni ta' dis-sena tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb se jkun il-kittieb ta' fama mondjali Irvine Welsh. Magħruf l-aktar għar-rappreżentazzjoni tal-kultura Skoċċiża, b'tip ta' kitba oskura u b'realiżmu li ma jemmnux bi skrupli u lanqas b'kompromessi, Welsh influwenza sewwa l-letteratura kontemporanja, u huwa ikona tas-snin disgħin. Irvine Welsh kiseb il-popolarità tiegħu meta ppubblika *Trainspotting* fl-1993. Fl-1995 Welsh telaq l-impjieg professjonali tiegħu, sakemm kompla jikber fil-fama meta r-rumanz ġie adattat għal film fl-1996 mid-direttur Danny Boyle. Welsh hu magħruf għar-

rappreżentazzjoni brutali tal-ħajja f'Edinburgu, id-djalett skjett Skoċċiż, l-użu tad-droga u l-kultura tar-rave. *Trainspotting* biegħ kważi miljun kopja fir-Renju Unit biss u huwa fenomenu dinji. Rumanzi oħrajn ta' Welsh huma *Marabou Stork Nightmares* (1995), *Filth* (1998), *Glue* (2001), *The Bedroom Secrets of the Master Chefs* (2006), *Crime* (2008), *The Sex Lives of Siamese Twins* (2014), *A Decent Ride* (2015), kif ukoll is-serje ta' Mark Renton li tiffoka fuq il-karattri ta' *Trainspotting*, fosthom *Porno* (2002) u *Skagboys* (2012). Reċentement Welsh reġa' żar dis-serje bil-pubblikazzjoni tar-rumanz *Dead Men's Trousers* (2018) li jagħlaqha. Waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb lil Welsh se ssirlu intervista mill-awtur, drammaturgu, u eks ġurnalist tal-mużika Wayne Flask. Welsh se jingħaqad ukoll mal-poeta u kittieb Immanuel Mifsud f'diskussjoni dwar l-influwenza tal-istess awtur Skoċċiż fuq il-letteratura Maltija. L-attività se tkun immoderata minn Mark Vella, il-fundatur ta' Minima Publishers.

## PROPOSTA TA' RIĠENERAZZJONI GĦAL-LIBRERIJA PUBBLIKA ĊENTRALI

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u AP Valletta ngħaqdu bl-għan li jesploraw il-potenzjal għar-riġenerazzjoni taż-żona tal-Librerija Pubblika Ċentrali filwaqt li jipproponu wkoll spazji u użi ġodda li jistgħu jiġu introdotti fil-Librerija Pubblika Ċentrali. Il-kunċett huwa li terġa' tissawwar ir-rabta storika li tgħaqqad l-iswar ma' firxa ħadra mġedda li tgħaddi mis-sit, u li tgħaqqad il-MICAS mad-daħla tal-Belt Valletta, kif ukoll li jinħoloq spazju ġdid imħaddar, miftuħ u sikur. "Il-libreriji pubbliċi huma parti essenzjali tal-industrija tal-kotba kif ukoll wirt nazzjonali," irrimarka Mark Camilleri, Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. "Għandna nassiguraw li l-libreriji pubbliċi jkunu aċċessibbli, attraenti u li jilqgħu lill-pubbliku. Is-sitwazzjoni attwali tagħti lok għal ħafna titjib, u nittamaw li permezz tal-pjan tagħna nirriġeneraw il-Librerija Pubblika Ċentrali u nżidu l-użu tagħha b'rata esponenzjali." Bħala riżultat tal-fażi preliminari ta' analiżi u riċerka tas-sit, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u AP Valletta identifikaw erba' pilastri għar-riġenerazzjoni: i. It-titjib tal-viżibilità u l-aċċessibilità permezz ta' aċċess ġdid pedonali aħdar li jħajjar lin-nies jesploraw iż-żona u jiffaċilita l-aċċess għall-bejt bħala daħla ġdida għal-Librerija Pubblika Ċentrali; ii. It-tisbiħ u ż-żieda ta' spazji ta' ġewwa kif ukoll ta' barra, li jistgħu jiġu organizzati mill-ġdid biex jinħolqu żoni ġodda b'użi differenti; iii. Li jiġu pprovduti serje ta' spazji flessibbli sabiex jiġu diversifikati l-attivitajiet u l-avvenimenti pubbliċi, bħal seminars u laqgħat informali organizzati mill-komunità, marbutin mal-kultura, il-letteratura, l-edukazzjoni u attivitajiet ta' divertiment; u, iv. Ħinijet tal-ftuħ estiżi, li jżommu l-librerija ħajja u miftuħa sa tard billejl. Din il-proposta ta' disinn indipendenti hija wkoll parti minn 'Building Futures ', kollaborazzjoni bejn AP Valletta u l-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta, li qiegħda tapprova dan il-proġett.

## KUNSILL ĠDID GĦALL-AKKADEMJA TAL-MALTI




**Il-President tal-Akkademja tal-Malti, Dr George Farrugia**

Nhar id-9 ta' Lulju 2021 saret il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja tal-Akkademja li fiha nħatar il-Kunsill il-ġdid għas-sentejn li ġejjin. Dr George Farrugia ġie nnominat bħala l-President il-ġdid flimkien ma' għaxar persuni oħra bħala membri tal-Kunsill kif jitlob l-istatut. Fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-Akkademja, li saret fit-22 ta' Lulju 2021, il-membri ngħataw il-karigi uffiċjali. Il-Kunsill għas-snin 2021-2023 huwa ffurmat kif ġej: President – Dr George Farrugia; Viċi Presidenta – Ann Marie Schembri; Segretarju – Joseph P. Borg; Assistent Segretarju – Dwayne Ellul; Teżoriera – Phyllis Debono; Assistenta Teżoriera – Rita Saliba; Uffiċjali għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Sergio Grech, Doris Zammit; Arkivista – David Agius Muscat; Membri – Charles Bezzina, Dr Emmanuel Schembri. Matul il-laqgħa, il-President elenka l-proġetti li għandha quddiemha l-Akkademja fis-snin li ġejjin u li dawn jistgħu jitwettqu bil-kollaborazzjoni tal-membri kollha, kemm fl-irwoli tagħhom kif ukoll skont il-ħtieġa tal-proġetti nfushom. Il-Kunsill se jżomm ukoll ħidma kollaborattiva ma' individwi u/jew

organizzazzjonijiet oħra biex iwettaq il-ħidma tiegħu għall-ġid tal-Malti.

### OLIVER FRIGGIERI MFAKKAR FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA




Fit-22 ta' Lulju ttelgħet ir-rappreżentazzjoni artistika '249. Il-Kobor tal-Umiltà tal-Prof. Oliver Friggieri' fil-kwadranglu tal-Università bħala parti mill-APS Summer Festival. Gabriel Lia, il-moħħ wara l-kitba u l-produzzjoni ta' dan ix-xogħol teatrali ħass li għandu jfakkar il-memorja kollettiva ta' Prof. Friggieri bħala lettur aktar milli bħala poeta u għaldaqstant idaħħalna fl-uffiċċju tiegħu biex ngħixu ftit mill-ħafna realtajiet li l-Prof. qasam mal-istudenti. Il-qalb ġeneruża tiegħu, l-imħabba tiegħu għall-annimali, il-fidi f'Alla u d-dedikazzjoni għall-ħarsien ħolistiku tal-istudenti jintisġu lkoll flimkien. Friggieri aktar milli sempliċiment sors ta' għerf jidher bħala nannu, missier u ħabib. Kienet deċiżjoni konxja li l-atturi, Mariele Zammit, Luke Vella, Maria Agius u Thea Farrugia jkunu kollha ex studenti tal-Prof. Friggieri għaliex Lia, li hu nnifsu ex student, ħass li hekk it-tribut jieħu bixra ferm aktar awtentika anke għaliex l-anedotti msemmija fix-xogħol huma kollha veritieri frott ir-riċerka u l-intervisti ma' ex studenti, li saru fil-proċess tal-kitba. Li x-xogħol ħa l-ħajja fuq il-kampus tal-Università wkoll kienet ta' sinifikat kbir għax l-Università kienet donnha saret it-tieni dar għal dan il-ġgant letterarju li Gabriel jirreferi għalih bħala ġgant ġentili. Din il-lejla kienet waħda sabiħa, b'element qawwi ta' nostalġija għal kull min kien iltaqa' miegħu u emozzjonanti għaliex fakkret is-sbuħija tal-personalità tal-Prof. Oliver Friggieri.

### MEMBRI ĠODDA TAL-KUMITAT TAL-GĦAQDA TAL-MALTI - UNIVERSITÀ

Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret fil-31 ta' Lulju 2021, inħatar uffiċjalment Kumitat ġdid għall-Għaqda tal-Malti - Università li se jservi lill-istess Għaqda bejn l-2021–2023. Il-membri tal-Kumitat eletti huma Keith Attard (President), Raquel Sammut (Viċi President), Anthea Enriquez (Segretarja), Romario Sciberras (Assistent Segretarju), Deborah Muscat (Teżoriera), Raffaello Bezzina (Assistent Teżorier), Nicole Mangion (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi), u Sara Abela. (Assistenta Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi). Dr Michael Spagnol huwa Membru Ex Officio. Din is-sena ma saritx l-elezzjoni minħabba li kien hemm biss tmien nominazzjonijiet. Madankollu kull nominat ġie approvat mill-membri kollha preżenti għal-laqgħa. Saret ukoll l-ewwel Laqgħa tal-Kumitat fejn ingħatat ħarsa tal-attivitajiet il-kbar li l-Kumitat irid jibda jipprepara għalihom, fosthom Żanżan Kelma, Il-Jum Ewropew tal-Lingwi, Freshers' Week tal-Università, u l-attivitajiet marbuta mal-Festival tal-Ktieb, b'mod speċjali t-tnedija ta' *Leħen il-Malti – Għadd 40*. Il-Kumitat il-ġdid lest jibqa' jaħdem fuq il-proġetti mibdija mill-kumitat l-antik waqt li jaħseb ukoll f'modi friski biex il-lingwa u l-letteratura jkomplu jistagħnew. Il-Kumitat jixtieq ukoll ikompli jikkollabora ma' ħafna aktar għaqdiet u organizzazzjonijiet. Fil-preżent, l-GħMU qiegħda tgħin fil-Festival Mediterranju tal-Letteratura, organizzat minn Inizjamed.



**Il-Kumitat ġdid tal-Għaqda tal-Malti - Università 2021-2023**

### IMUT L-ING. U KITTIEB MAURICE MIFSUD BONNICI

Nhar it-13 ta' Awwissu 2021 ħalla din id-dinja l-Inġinier, poeta u kittieb Maurice Mifsud Bonnici. Huwa twieled Ħal Lija fl-4 ta' Lulju tal-1926 u ppubblika għadd ta' ġabriet ta' poeżiji kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż u bit-Taljan. Serva bħala



**Maurice Mifsud Bonnici (bilwieqfa) waqt Lejla ta' Poeżija organizzata mill-Għaqda Poeti Maltin fir-Razzett tal-Markiż fil-Mosta**

Teżorier tal-Akkademja tal-Malti matul is-snin 2009 - 2017. Kien ukoll it-Teżorier tal-Għaqda tal-Malti mill-2012 sal-2013, u membru tal-Poetry Society ta' Londra, tal-Għaqda Poeti Maltin, u tal-British Haiku Society. Ġie mogħti l-Midalja tal-Fidda tal-President tar-Repubblika Taljana, u onorat b'Ġieħ Ħal Lija. Għal 13-il sena kien ukoll editur u konsulent editur tal-magażin 'L-Anzjani'. Fost il-kotba tiegħu: il-ġabra ta' esejs *Kassjopea* (2006), ir-rumanzi *Gwerra ta' Mħabba* (2005) u *Id-Debha tal-Fejqan* (2010), il-ġabra ta' novelli *Il-Ħares taz-Ziju Daddu, Novelli Oħra u Xi Ġrajja* (2007), u ġabriet poetiċi bħal *In a Nutshell* (1980), *Mill-Bikri għall-Imwaħħar* (1996), *Zoomery* (1998), *Bushido* (2002), *L-Għanja tal-Limerikki* (2007), *Ħajkumanija* (2008), *Ħajku tal-Punent/Western Haiku* (2011), *Ħsibijiet Ħarkiena/ Ardent Pondering* (2011), u *Variegated Pansies/Viole del pensiero variegate* (2013). Ħareġ ukoll *A Malta Teenager at War, Vol. 1* (2017). Il-ġabra ta' poeżiji viżwali *Weraq Sfajjar fix-Xagħri* rebbħitu l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fl-2009. Jistrieħ fis-sliem.

## JITĦABBRU L-FINALISTI TAL-PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB U TERRAMAXKA 2021

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ippubblika l-lista tal-kotba finalisti għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka 2021. Il-finalisti ntgħażlu minn bord tal-aġġudikazzjoni indipendenti. Il-lista tal-2021 fiha 62 ktieb minn 154 li ġew sottomessi; 46 ktieb għamluha mal-finalisti f'seba' kategoriji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-adulti, filwaqt li s-16 l-oħra huma finalisti tal-Premju Terramaxka għat-tfal u l-adolexxenti. Minn dis-sena l-kategorija tat-Traduzzjoni twessgħet biex laqgħet xogħlijiet ta' letteratura mhux fittizja, poeżija, u drama, kif ukoll xogħlijiet ta' finzjoni bħal qabel. Il-kategorija tal-Poeżija reġgħet ingħaqdet biex laqgħet fiha ġabriet bil-Malti u bl-Ingliż. Il-kategoriji uffiċjali tal-Premju Nazzjonal tal-Ktieb jinfirxu minn dawk letterarji għal oħrajn ta' riċerka, fosthom ir-Rumanzi, il-Poeżija, in-Novelli, it-Traduzzjoni, u n-Novelli. Din tal-aħħar dis-sena tiġbor ismijiet varji bħal Trevor Żahra, Joe Friggieri, Rita Saliba, Joe Camilleri, u r-rebbieħa tal-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura 2020 Lara Calleja. Iż-żewġ kategoriji tar-riċerka, ir-Riċerka Ġenerali, u r-Riċerka Bijografika u Storjografika, jiġbru l-akbar għadd ta' finalisti, b'kotba ta' preġju li jkopru minn suġġetti ta' Melitensia sa oħrajn. Il-kategorija tad-Drama ma kellhiex sottomissjonijiet. Ma ntgħażlux finalisti fil-kategorija tax-Xogħlijiet Oriġinali għall-Adolexxenti (etajiet 13-16) tal-Premju Terramaxka, filwaqt li l-kategorija tax-Xogħlijiet Maqlubin għall-Malti (etajiet 13-16) ma kellhiex kotba sottomessi. Il-proċess tal-aġġudikazzjoni beda f'Mejju meta ġiet ippubblikata l-lista sħiħa ta' sottomisjonijiet eliġibbli għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka 2021. Imbagħad il-finalisti ġew ikkomunikati lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fis-26 ta' Lulju. Il-bord tal-aġġudikazzjoni se jkun qed jagħżel ir-rebbieħa f'kull kategorija tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-adulti, kif ukoll tal-Premju Terramaxka għat-tfal u l-adolexxenti qabel ma dawn tal-aħħar jitħabbru waqt ċerimonja li tiftaħ il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021, it-Tlieta 2 ta' Novembru. Imbagħad ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021 jitħabbru waqt ċerimonja oħra f'Diċembru. Għal aktar aġġornamenti ara l-paġna tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fuq Facebook u l-websajt fuq https://ktieb.org.mt.

O Alla!
Ċekkinni fid-dinja
u kabbarni
fil-Ġenna.

Il-mewġ jissielet
fuq wiċċ il-baħar.
O Alla ħarisni
mill-kurrenti
tal-qiegħ!

**MAURICE MIFSUD BONNICI**
**(minn *Ħsibijiet Ħarkiena/Ardent Pondering*, 2011)**



**Email mingħand Therese Pace, it-22 ta' Ġunju 2021**

Għażiż Patrick,

Għal darb'oħra rroddlok ħajr għall-aħħar ħarġa ta' IL-PONT. Nistqarrlek li nkun qed nistennieha b'ħerqa, l-iktar bħalissa fiż-żmien tal-pandemija li minħabba fiha nqtajt xi ftit mix-xena letterarja lokali. IL-PONT iżommni aġġornata u joffrili qari għal qalbi. Il-kitbiet li tinkludi huma kollha ta' livell għoli u jagħmlu unur lill-kittieba nfushom kif ukoll lilek li tipproduċi b'ħila u paċenzja fuljett ta' stoffa ma' kull ħarġa.

Fl-aħħarnett ħajr ukoll li għoġbok tinkludi anki l-kitbiet tiegħi.

Tislijiet,
Therese Pace

**Email mingħand Miriam Cassar, it-2 ta' Lulju 2021**

Insellimlek Patrick,

Nittama li tinsab tajjeb. Nirringrazzjak għall-kopja ta' IL-PONT, ir-rivista diġitali ppakkjata b'kitbiet interessanti, attwali u versatili.

Ħadt gost naqra s-silta ta' Carmen Refalo fuq l-esperjenza tagħha f'Lazzarett. Inħossni naqbel perfettement magħha meta spiċċat il-kitba: "ma nixtieqx narah jiġġarraf u saħansitra jispiċċa u jmut" mill-kitba ta' Carmen Refalo, *Ħaduni l-Lazzarett - Nov. 1952.*

Ħajr mill-ġdid u awguri dejjem,
Miriam Cassar (VersAgħtini IKM)

**Email mingħand Michael Zammit, it-2 ta' Lulju 2021**

Inħossni fid-dmir ngħid li fik l-ilsien Malti sab ħaddiem mill-aktar ħabrieki li ma jieqaf għaddej qatt. Li tipproduċi żewġ edizzjonijiet ta' IL-PONT fi żmien relattivament qasir, hija xi ħaġa ta' min isemmiha b'tifħir. Min għandu xi esperjenza fil-produzzjoni ta' fuljetti bħal dan jaf biżżejjed x'battikata jkun hemm tistennieh! Iżda min ix-xogħol jagħmlu b'tant imħabba, jibqa' għaddej minkejja kull diffikultà u ostaklu. Nammira l-kuraġġ u d-determinazzjoni tiegħek biex twassal tant kitbiet ta' livell u daqstant ieħor varji. IL-PONT daħal f'qalb dawk kollha li tassew iħobbu lsienna u jqisuh bħala għajn tgelgel ta' ilma frisk f'mewġa ta' sħana kbira.

Saħħiet,
Michael

**Email mingħand Dr. John Consiglio, it-2 ta' Lulju 2021**

Grazzi Patrick u bħal dejjem prosit tassew... ħarġa oħra mimlija bħal bajda. Verament tistagħġeb kemm, f'dan id-daqsxejn ta' pajjiż, hawn attività letterarja, kemm hawn kittieba tajbin, u anki kemm regolarment ħerġin kotba u studji.

Prosit.
John

**Email mingħand Rita Saliba, it-3 ta' Lulju 2021**

Għażiż Patrick,

Nittama li tinsab tajjeb. Qed naqra IL-PONT bħal kaxxa ċikkulatini, nibxa, nibxa. Ippakkjat bir-rikkezza. Ipprintjajtu u qed iżommli kumpanija ħdejn il-baħar.

Grazzi ta' ħinek,
Rita



**Email mingħand Carmel G. Cauchi, it-3 ta' Lulju 2021**

Għażiż Patrick,

Minn qalbi niżżikħajr għall-ħarġa żejda ta' IL-PONT għas-sajf. Bħas-soltu hija mballata b'xogħlijiet letterarji, reċensjonijiet u aħbarijiet mill-kamp letterarju.

Bħalma ġieli għedtlek, int qiegħed timla vojt kbir li nħoloq meta nqatgħu kważi għalkollox il-paġni letterarji mill-ġurnali. IL-PONT qed iservi ta' pjattaforma għal kittieba, kemm emerġenti kif ukoll stabbiliti, filwaqt li jdewwaqna xi kampjuni tal-letteratura barranija kontemporanja.

U jistħoqqlok apprezzament speċjali għax ix-xogħol kollu li titlob rivista bħal din qiegħed tagħmlu kollu waħdek u b'mod regolari u puntwali.

Prosit tassew.
Carmel G. Cauchi.

**Email mingħand Maria Camilleri, it-3 ta' Lulju 2021**

Bonġu Patrick,

Grazzi ħafna li bgħattli IL-PONT, il-ħarġa speċjali tas - Sajf. U grazzi immens li ġibt l-intervista miegħi. Taf kemm ħadt gost naraha! Napprezza immens.

Nirringrazzjak u nifraħlek għal din il-biċċa xogħol li tagħmel b'mod hekk professjonali. Grazzi!

Inselli għalik
Maria

**Email mingħand Paul P. Borg, il-5 ta' Lulju 2021**

Grazzi u proset Patrick.

Ħarġa mżewqa oħra li min jaf kemm ħaditlek xogħol u ħin u min jaf ukoll kemm sa tferraħ nies biha huma u jixtarru dak li fiha!

MIll-ftit li qrajt s'issa laqtitni ħafna l-poetessa Iranjana Safaz u t-Taljana Irene, l-aktar tal-ewwel. Poeżiji jidhru ġejjin mill-biża', mill-mewt u mill-imħabba f'pajjiżha. Laqtitni wkoll l-intervista ma' Marija Camilleri xandara u kittieba.

Inkompli naqra... mill-ġdid ħajr.

Tislijiet,
Paul P. Borg

**Email mingħand Frank Zammit, is-7 ta' Lulju 2021**

Għażiż Patrick,

L-ewwelnett ħajr talli għoġbok tippubblika l-poeżija tiegħi lill-Prof. O. Friggieri, anzi anki tlabtni ritratt u xi disinnji minn tiegħu.

Naf li m'intix tistenna t-tifħir tiegħi, għax jien diġà wrejtek l-apprezzament tiegħi għal ħidmietek tant fejjieda, iżda llum nixtieq inżid riflessjoni li int qiegħed tagħmel dan ix-xoghol kollu mingħajr kumitati, segretarji u teżorieri b'ħila u sagrifiċċji kbar - u nżid ngħid: Mank li mqar uħud minn dawk l-għaqdiet stabbiliti joffru l-istess opportunità lil tant kittieba tal-Malti madwar id-dinja kif ilek tagħmel inti b'tant sagrifiċċju u b'interess ġenwin li tkompli tkattar il-letteratura tagħna (u ta' oħrajn), f'Malta u lil hinn minnha.

Prosit, saħħa u sliem!
Ħabibek Frank Zammit,
Sydney, Awstralja.



**Email mingħand Rita Saliba, it-13 ta' Lulju 2021**

Għażiż Patrick,

Kulma jmur IL-PONT qed isir aktar interessanti u jilħaq firxa wiesgħa ta' qarrejja. Qed napprezzah wisq iżjed f'dan iż-żmien ta' pandemija li qatgħetna mill-ħbieb u awturi oħrajn li forsi xi drabi konna niltaqgħu u naqsmu l-ħsibijiet tagħna dwar il-kitba.

Permezz tar-rivista qed tgħaqqad komunitajiet ta' kittieba ta' kull ġeneru, ħsieb u kultura - iżda kollha b'għan wieħed. It-taqsima tal-aħbarijiet qed iżżommna aġġornati f'dak li qed jiġri fid-dinja tal-letteratura filwaqt li t-tfakkira ta' personaġġi bħal Saydon, Friggieri, u Galea hija xhieda ta' kemm il-kelma miktuba tibqa' ħajja.

Imprezzabbli wkoll il-kontribut ta' awturi oħrajn bravi fir-rivista. Grazzi mill-qalb, ta' dan il-ġid li qed tgħaddilna b'tant dedikazzjoni.

Tislijiet u saħħiet,
Rita

**SIĠRA**

Is-siġra twaqqa'
weraq fuq weraq.

Taħtha,
għajnejk joħorfu wkoll
u ħoġrok joffri biss
dehriet minżugħa.

Hemm riħa t'għera fl-arja,
u subgħajk
jikluk għaz-zokk ewlieni
f'għatx biex tifhem.
Imm'iebsa l-iskorċa
biex tinfed sal-qalba.

Għajnejk ikomplu jwaqqgħu
dehra war'oħra,
u ħoġrok mimli.

Il-frieġħi tant neżgħu
li jidher is-sema.

**GIOELE GALEA**
(minn *Għera*, Horizons, 2018)

**POETI**

Għaliex tidħku bina
għax tarawna nqallbu
l-kirxa ta' moħħna
biex insibu r-raġuni mxaqqa
u l-ħsieb fraġli tal-poeżija?

Għad jiġri li r-riġel tal-ħajja
jnixxi taqtir iż-żmien
u jaqgħu għad il-kwiekeb minn posthom,
jisplodu l-qmura tal-pjaneti
u r-raġġi tax-xemx jinġazzaw
lill-plasma u ċ-ċelloli tad-demm,
imma l-poeżija tibqa' eterna
bla qatt tmiem,
għax kien fomm Kristu stess
li sawwar il-poeżija,
fis-sinsla tal-qalb,
fl-akkwarju tal-moħħ
u fl-għadajjar tar-ruħ...

**JIMMY BUHAGIAR**
(minn *Ħsusi u Mħabbti*, The Farsons Foundation, 2017)



## IL-PONT JINTERVISTA LIX-XANDAR PAUL VELLA (L-Awstralja)

**Il-kontribut tiegħek fil-qasam tal-Malti permezz tar-radju f'Melbourne (Victoria) ilu għaddej snin twal? Kif u meta bdiet inizjattiva bħal din?**

Kien fl-1996 meta kont waqaft mix-xogħol bħala typesetter fi stamperija fejn konna nippubblikaw xi 40 gazzetta komunitarja fil-ġimgħa u s-sid il-ġdid Rupert Murdoch kien bagħat ix-xogħol kollu barra u spiċċajna bla xogħol. Kelli 52 sena u ma tantx kien faċli li ssib xogħol f'dik l-età spiċċajt b'ħafna ħin liberu u għażilt li nieħu kors estensiv mar-Radju Komunitarju f'Melbourn 3ZZZ li kien ixandar tliet programmi bil-Malti fil-ġimgħa, it-Tnejn 5-6 pm, il-Ġimgħa 5-6 pm u s-Sibt 10-11 am. Meta spiċċajt il-kors bdejt inxandar il-programm tal-Ġimgħa.

**Fiex jikkonsistu l-programmi tagħkom u liema huma l-għanijiet ewlenin tagħhom?**

L-għanijiet ewlenin tagħna huma li nżommu lis-semmiegħa tagħna magħqudin flimkien u jibqgħu japprezzaw dak kollu li hu Malti. Fil-programmi tagħna dejjem nużaw materjal varjat biex nikkuntentaw lil kulħadd. Materjal bħal marċi minn baned Maltin, aħbarijiet, aħbarijiet sportivi, il-qari u t-tifsir tal-Vanġelju tal-Ħadd li jkun ġej minn saċerdot minn Malta jew minn hawn, qari letterarju, qari letterarju minn Malta (b'ringrazzjament tar-Radju tal-Università ta' Malta Campus FM u ringrazzjament ukoll lill-Kavallier Joe M. Attard, tar-Rabat, Għawdex) li nirċievu ħafna għajnuna mingħandhom. Il-programmi tas-Sibt li huma aktar allegri jkunu programmi ta' dedikazzjonijiet fejn is-semmiegħa jċemplu għal xi kanzunetta għal xi avveniment li jkunu qed jiċċelebraw u jkollna xi ftit ċajtiet li s-semmiegħa jkunu tant jistennew. Fil-programm tas-Sibt ikun hemm ukoll segmenti ta' interess u storja komika mix-xandar veteran tagħna, Mario Sammut, li ilu jxandar mill-1989. Barra minn hekk ikollna ħafna u ħafna kanzunetti Maltin li s-semmiegħa tagħna tant iħobbu u jitolbuna. Meta jżuruna xi kantanti minn Malta dejjem jgħidulna li aħna ndoqqu aktar kanzunetti Maltin milli jdoqqu f'Malta. Għandna ħafna kuntatti ma' kantanti, awturi u kompożituri Maltin li dejjem jibgħatulna materjal ġdid u jirringrazzjawna li ndoqqu l-kanzunetti tagħhom fuq il-programmi tagħna avolja 'l bogħod minn Malta.

**Kemm u minn min huwa segwiti l-programmi tagħkom?**

Skont riċerka tal-ABS Melbourne, hu stmat li madwar 20,272 Maltin f'Melbourne minn 30 sena 'l fuq isegwu l-programmi tagħna, ħafna minnhom anzjani li dejjem imxewqin għal dak kollu li hu Malti. Barra minn hekk għandna ħafna semmiegħa madwar l-Awstralja u barra li jsegwu l-programmi tagħna minn fuq l-internet jekk jidħlu fis-sit www.3zzz.com.au u jkunu jistgħu jisimgħu il-programmi minn hemm. Il-programmi jmorru fuq is-sit siegħa wara li jixxandru u jdumu hemm madwar xahar u wieħed ikun jista' jismagħhom fi xħin irid. Barra minn hekk, jiena, wara kull programm nibghat rapport u l-link tal-programm permezz ta' email jew

Facebook 'il fuq minn 400 persuna madwar id-dinja li jsegwu l-programmi tagħna u jekk ikun hawn min irid ikun fil-lista jista' jibgħatli messaġġ fuq paul.vella44@gmail.com

**Apparti inti, naf li huma involuti għadd ta' persuni oħrajn. Min huma dawn u x'inhuma r-rwoli tagħhom?**

Barra jiena, li bħalissa minbarra li jien xandar għandi l-pożizzjoni ta' Convenor li nieħu ħsieb kumitat tal-programmi Maltin li nkun ċert li kollox sejjer sew, għandna żewġ xandara oħra: Mario Sammut li kif ġa għidt hu l-iktar xandar veteran minna għax ilu jxandar mill-1989, u xandara oħra, Liz Phillips, li għalkemm twieldet fl-Awstralja titkellem tajjeb bil-Malti u nħossuna kburin biha minħabba dan u anki s-semmiegħa japprezzaw li għalkemm twieldet hawn kapaċi tieħu ħsieb programm bil-Malti. Il-mara tiegħi, Salvina, tissapportjani bis-sħiħ u Alla ħares ma tkunx hi. Hija tgħin fuq il-programm tas-Sibt billi tkun fuq it-telefon tieħu t-telefonati mis-semmiegħa. Barra minn hekk għandna kumitat ta' tmien persuni biex jieħdu ħsieb li l-programmi jibqgħu sejrin.

**Waqt dawn il-programmi kemm tingħata importanza lill-qasam letterarju? Kif isir dan u min ikunu l-mistednin?**

Il-letteratura Maltija dejjem għandha post fil-programmi tagħna. Ikollna ħafna qari bil-Malti li nircievi bil-permess tar-Radju tal-Università ta' Malta Campus FM u grazzi lil Celaine Buhagiar. Grazzi wkoll lill-Kavallier Joe M. Attard li dejjem jibgħatilna qari interessanti. Dan l-aħħar irċvejna ħafna għajnuna f'materjal letterarju minn Amanda Busuttil u Nunziella Zahra Giglio u oħrajn.

**Ġieli jkollkom mistednin kittieba Maltin ta' ġenerazzjonijiet differenti, li mhux bilfors jiktbu bil-Malti? Ġieli kellkom mistednin kittieba minn Malta?**

Ġieli kellna mistednin kittieba minn Malta f'intervisti waqt li jkunu fuq żjarat hawn bħal Emmanuel Attard-Cassar, Adrian Muscat, Adrian Grima u oħrajn. Barra minn hekk kont għamilt intervisti meta kont Malta speċjalment waħda mal-mibki u qatt minsi l-Professur Oliver Friggieri.

**Programmi bħal dawn kemm jgħinu biex il-komunitajiet Maltin f'Melbourne u fl-Awstralja**



**Grupp tax-xandara: Fuq quddiem, Mario Sammut; wara, mix-xellug: Liz Phillips, Paul Vella, Salvina Vella**

**jħossuhom qrib xulxin u anki qrib il-Maltin u l-Għawdxin li jgħixu tant 'il bogħod minnhom?**

Iva, veru, li dawn il-programmi jżommu lis-semmiegħa tagħna magħqudin flimkien u jistennew il-programmi minn ġimgħa għal oħra u jixtiequ li dik is-siegħa tal-programm ma tispiċċa qatt. Speċjalment dawk is-semmiegħa li huma waħidhom u waqt il-programm iħossuhom magħqudin flimkien. Fil-programm tas-Sibt meta jċemplu u jitkellmu mal-mara tiegħi, Salvina, li tkun fuq it-telefon u ma' Liz, ikunu jridu jibqgħu jitkellmu. Ħafna mis-semmiegħa jsibu l-ħin biex iċemplu d-dar u jitkellmu ma' marti u b'hekk ikunu jistgħu jitkellmu fit-tul.

**Naf Paul li inti involut ukoll f'attivitajiet oħrajn apparti r-radju. Għandi f'moħħi l-pubblikazzjoni ta' fuljetti imma anki l-kitba ta' poeżija. Kemm hu minnu dan?**

Iva, veru li bħala membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria kont nippubblika Folju ta' Aħbarijiet letterarji minn hawn u f'Malta darba kull xahar u dan għamiltu għal aktar minn 15-il sena u kont waqaft nippubblikah meta għamilt xhur inbati b'artrite kbira f'idi u ma kontx nista' nittajpja. Dan il-Folju kien imur għand aktar minn 400 qarrejja madwar id-dinja. Ktibt ukoll xi ftit poeżiji u proża u ħafna minnhom kienu nqraw mill-mibki u qatt minsi Ġorġ Saliba fuq Radju Bastjaniżi FM. U hawn irrid insemmi u nirringrazzjak għall-ħarġiet ta' IL-PONT li nsibu tant interessanti u mimli b'aħbarijiet letterarji. Barra mir-radju u l-letteratura, jien u marti, Salvina, bħala segretarju u Presidenta rispettivament

flimkien ma' kumitat tar-Reskeon Maltese Association Seniors Group nieħdu ħsieb ta' grupp ta' madwar 200 anzjani li kull nhar ta' Erbgħa norganizzaw ħafna attivitajiet fosthom Bingo (tombla), logħob tal-boċċi, ħarġiet u ikliet għal Jum l-Omm, Jum il-Missier u l-Milied. Din l-għaqda norganizzaw ukoll il-Festa ta' Marija Bambina f'Melbourne f'Settembru f'isem il-patrijiet tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl... jiġifieri dejjem sejrin.

**Kif u kemm influwenzat il-pandemija lilkom il-Maltin fl-Awstralja? Naf li bosta li xtaqu jiġu Malta ma setgħux u dan laqathom b'mod negattiv. Xi tgħid dwar dan?**

Il-Pandemija tal-Covid-19 bidlitna għalkollox. Domna aktar minn sena magħluqin u ma niltaqgħu, speċjalment il-grupp tal-anzjani. Issa erġajna bdejna imma xorta b'ħafna restrizzjonijiet. Imma l-pandemija ma għamlitx problemi fix-xandir tal-programmi tar-radju. Għalkemm għal xhur sħaħ l-istazzjon tar-radju kien magħluq u ma setgħux jixxandru programmi "live" mill-istudios minħabba restrizzjonijiet tad-dipartiment tas-saħħa, jiena kont qed nipproduċi l-programmi u nirrekordjahom id-dar fi studio li għandi u kont nibgħathom elettronikament permezz tal-internet u qatt ma tlifna programm wieħed. Dejjem grazzi għas-sapport ta' sħabi x-xandara l-oħra u s-sapport kbir u l-paċenzja li tieħu bija marti, Salvina. Iva, il-pandemija waqqfet ukoll milli ħafna Maltin ma setgħux jaqtgħu ix-xewqa tagħhom li jżuru l-għażiża Malta tagħna.

**ĦAJKU**

Il-lejl hu prova
ta' kemm Is-skiet hu sagru
ġo qalb il-bniedem.

Bizzilla l-ħajja
u t-trajbu għaddej sieket
sakemm ilesti.

Il-mewt ta' siġra
abort atroċi u faħxi
ġol-istess ġufna.

**AMANDA BUSUTTIL**




## IL-PONT JINTERVISTA LIL LINA BROCKDORFF DWAR KTIEB ĠDID TAGĦHA

***Sailor Jack u Stejjer Oħra* huwa ġabra ta' 34 rakkont. Minn fejn u kif twieldu stejjer bħal dawn? Inħoss li b'xi mod hemm rabta ma' *Sireni u Serenati*: kemm hu minnu dan?**

Bdejtli bl-iebes! Qed ngħid hekk għax mhux għalkemm tipprova ssib kif jitwieldu l-ideat. Li naf żgur hu, li fil-fehma tiegħi l-aħjar rakkonti huma dawk li jiġu f'rasi mingħajr ma nistedinhom, biex ma ngħidx ukoll xħin ma jkollix aptithom wisq. Ngħidu aħna qed insajjar u l-iċken ħsieb ikolli tal-kitba u f'salt jiġi ċar kristall pjan jew bidu ta' pjan ta' rakkont.

Dwar jekk dawn ir-rakkonti għandhomx xi rabta ma' *Sireni u Serenati* ma narax li hemm x'jorbothom. Imma jista' jkun li għandek raġun, għax mhux l-ewwel darba nsib li l-qarrejja jindunaw b'ċerti dettalji u karatteristiċi li lili jkunu qabżuli għalkollox billi moħħi jkun biss fuq kif ser tkompli u tispiċċa l-

istorja.

**Personaġġi u temi partikolari li tittratta fi stejjer bħal dawn?**

Dejjem nipprova nżomm mar-realtà tal-ħajja ta' kuljum. Infatti fl-ebda rakkont ma messejt ma' ġrajjiet straordinarji jew avventuri li rari jiġru billi nkun nixtieq li l-qarrej jidħol kemm jista' jkun f'dak li qed jaqra, iħossu biċċa mill-istorja, ħaga li aktarx tiġri awtomatikament.

Il-personaġġi nsawwarhom fuq nies li nkun naf sew, jew li għallanqas iltqajt magħhom u naf xi ftit jew wisq xi jsarrfu, kif iġibu ruħhom f'dik iċ-ċirkustanza partikulari tal-ġrajja.

**Inti llum kittieba ta' esperjenza kbira. Kemm iddum biex tikteb rakkont wieħed u fiex jikkonsisti l-proċess tal-kitba min-naħa tiegħek? Ikun hemm żmien meta tirfina wkoll il-prodott finali?**

Dwar kemm indum biex nikteb rakkont ma nistax ngħidlek preċiż. Ladarba jiġini l-ewwel ħjiel tal-pjan nibda nibni fuqu – dejjem f'moħħi bla ma nikteb xejn. Ma nibdiex nikteb qabel ma jkolli l-istorja kollha lesta f'moħħi. Dan huwa l-istadju li jieħu l-itwal ħin għax jien ftit fitta u għalhekk jista' jkun li ndum jiem sħaħ bla ma nibda nikteb dak li għaddej minn moħħi, li jista' jkun xi drabi fi stat imgerfex ġmielu. Inkun fuq ix-xwiek f'dan l-istadju billi jkolli ġenn li nara l-istorja titwieled.

Wara li nikteb in-novella tgħidx kemm-il darba naqraha u xi drabi nibdel frażijiet jew kliem, qisni qatt ma nkun sodisfatta biżżejjed. Kemm iddum quddiemi l-kitba nibqa' nibdel.

**Dan tiegħek hu kontribut ieħor minn kittieba mara lill-qasam tal-letteratura Maltija. Xi tgħid dwar dan? Kemm hu importanti li iktar nisa Maltin joħorġu għad-dawl il-kitbiet tagħhom?**

Kemm għandek raġun! Ftakar li mara tara d-dinja u kulma jiġri fiha minn lenti differenti minn dik ta' raġel u għalhekk ikun ferm interessanti li kieku aktar nisa jitħajru jiktbu. B'dankollu mara dejjem għandha ntoppi li raġel m'għandux. Mhux billi nħambqu li mara u raġel huma indaqs, ikollna nammettu li l-mara iġġorr fuq spallejha bosta iżjed toqol, l-aktar ta' risponsabbiltà tal-familja milli jġorr raġel. F'kull pajjiz issib ferm aktar irġiel minn nisa kittieba.

Min jaf kemm 'sraqt' sigħat ta' mistrieħ bil-lejl meta wliedi kienu għadhom żgħar billi matul il-jum il-kitba kienet tkun impossibli.

**Il-letteratura li toffri divertiment; dik li tistieden lill-qarrej jirrifletti; u dik li trid tgħaddi messaġġ jew tgħallem lill-qarrej. Fejn tpoġġi dawn l-istejjer tiegħek?**

Żgur li ma nistax inpoġġi l-istejjer kollha tiegħi (li llum jgħoddu aktar minn erba' mija) fl-istess keffa. Ikolli ngħid li kull storja tidħol xi ftit jew wisq taħt xi ġeneru li semmejt int.

**Messaġġ tiegħek lit-tfal u liż-żgħażagħ tal-lum rigward il-qari, u forsi anki dwar il-ħajra li jkomplu jikkontribwixxu għal-letteratura Maltija?**

Kif qed tgħid int, li biex tibda tikteb trid tkun qrajt u qrajt, mhux bilfors kitba bil-Malti biss. Hawn min jgħidlek li jsibha bi tqila biex jaqra bil-Malti, imma din hija prova ċara li huma jeħtiġilhom jaqraw ferm aktar bil-Malti. Għax kull ma naqraw, xi ftit jew wisq iħalli l-marka tiegħu fil-ħażna enormi ta' ideat li l-moħħ kapaċi jżomm.

Inħajjar liż-żgħażagħ biex ma jaqtgħux qalbhom jiktbu. Jista' jkun li fil-bidu ser isibuha xi ftit bi tqila, imma ladarba jkunu rebħu dak l-imblokk ser iħossu sens kbir ta' sodisfazzjon li huwa uniku u mhux għalkemm tispjegah fi kliem.

**Xi jmiss wara dan?**

Wara dan hemm ġabra oħra ta' rakkonti bl-isem ta' *Olivia u stejjer oħra*. Fil-verità din il-ġabra ilha xi jiem lesta imma nibqa' nifliha sa ma nkun kuntenta għalkollox.

**ĦAJKU**

Kmieni dil-ġimgħa
ħabbtu żewġ galoppini.
Tħarrket ras kbira.

L-onorevoli
fis ħareġ mill-uffiċċju
jiġbor il-voti.

**PATRICK SAMMUT**




## INTERVISTA MA' PAUL ZAHRA DWAR *MEAULNES IT-TWIL* TA' ALAIN-FOURNIER, MAQLUB GĦALL-MALTI U STAMPAT MINN FARAXA PUBLICATIONS

**Għaliex għażilt dak ix-xogħol partikolari biex taqilbu għall-Malti? It-titlu kif jintrabat eżattament mal-kontenut tal-ktieb?**

*Le Grand Meaulnes* ta' Alain-Fournier kien l-ewwel ktieb tal-letteratura Franċiża li għallimt fil-livell postsekondarju. Ittraduċejtu snin wara meta ma kienx għadu fuq is-sillabu tal-livell avvanzat tal-Franċiż eżattament minħabba li fost oħrajn it-temi li jinsabu fil-ktieb huma t-temi universali tat-tfulija, tal-adolexxenza li tiltaqa' għall-ewwel darba mal-imħabba b'mod idealistiku u fl-istess waqt innoċenti, u fuq livell allegoriku tal-waqgħa tal-bniedem mill-ġenna tal-art. It-titlu hu wieħed eponimu billi jirrappreżenta l-isem u l-laqam tal-persunaġġ ewlieni tar-rakkont.

**Tiftakar meta kien l-ewwel kuntatt tiegħek mal-ilsien Franċiż? U max-xogħlijiet ta' Alain-Fournier? Żgur li dan jintrabat miegħek kemm bħala student kif ukoll bħala għalliem.**

Il-Franċiż l-ewwel li bdejt nistudjah kien fis-70ijiet fi Stella Maris; dak iż-żmien kien jgħallimni Brother Mario, imbagħad komplejt nistudjah fl-Iskola Sekondarja tal-Marsa mill-għalliem u llum ħabib tiegħi Victor Sammut. Wara komplejt nistudjah is-Sixth Form il-Belt u l-Università ta' Malta. Aktar tard mort nagħmel il-Masters fl-analiżi letterararja fl-Università ta' Poitiers fi Franza. L-ewwel darba li ltqajt ma' Alain-Fournier kien meta kont qed inqalleb past papers tal-Matrikola Avvanzata tal-Università ta' Malta biex nuża xi eżerċizzji minnhom mal-istudenti u f'waħda minnhom kien hemm komprensjoni meħuda minn *Le Grand Meaulnes*, is-silta kienet tittratta l-ħarba ta' Meaulnes mill-iskola u l-wasla tiegħu f'dominju ġol-kampanja li fih kienet qed issir il-festa misterjuża.

**Kif ktibt inti fid-Daħla għall-ktieb, ir-rwol tat-traduttur hu anki dak li jkompli jżid mal-għadd ta' xogħlijiet letterarji tradotti għall-Malti minn ilsna barranin differenti biex b'hekk il-qarrej li jħobb jaqra bil-Malta jkollu għażla usa'? Xi tgħid dwar dan?**

Il-qari bil-Malti m'għandux jiġi limitat biss għall-awturi Maltin. Min iħobb jaqra bil-Malti jeħtieġlu li jaqra wkoll xogħlijiet letterarji ta' awturi li ħallew il-marka tagħhom fuq il-letteratura dinjija. Sintendi, biex dan isir jeħtieġ li jkun hemm tradutturi li jinteressaw ruħhom li jittraduċu xogħlijiet letterarji. Lingwi bħall-Ingliż jittraduċu x-xogħlijiet letterarji barranin kważi kważi immedjatament meta dawn jiġu ppubblikati fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Din għandha tkun il-prassi ta' kull lingwa għax kull lingwa li teżisti tibbenefika mit-traduzzjonijiet kemm fl-iżvilupp lingwistiku kif ukoll f'dak letterarju. Lingwa maqtugħa mid-dinja ma tiżviluppax għax il-ħsieb jiżviluppa b'ideat u b'esperjenzi xxerjati u komuni għall-umanità kollha irrispettivament b'liema lingwa poplu partikulari jitkellem. L-għadd ta' traduzzjonijiet bil-Malti għalkemm qed jiżdied xorta waħda għadu limitat u jeħtieġ li jiżdied b'ritmu aktar mgħaġġel.

**Inti semmejt numru ta' tradutturi oħra li jaqilbu mill-Franċiż għall-Malti bħal Anthony Aquilina,**

**Alfred Palma, u jiena nżid ukoll Carmel Mallia. Qatt ġiet organizzata xi inizzjattiva fejn laqqgħet lilkom flimkien u tkellimtu mal-pubbliku jew studenti interessati l-iktar fil-letteratura Franċiża? Xi tgħid dwar dan?**

Kollettivament safejn naf jien qatt ma saret attività fejn persuni li ttraduċew mill-Franċiż iltaqgħu flimkien mal-pubbliku jew mal-istudenti interessati fil-letteratura Franċiża. Madankollu fil-livell individwali naħseb li dan seħħ f'attivitajiet li jorganizza l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Mill-banda l-oħra l-lettertura tradotta għandha tinqara mill-pubbliku inġenerali speċjalment minn dawk li ma għandhomx il-kompetenza li jaqrawha bil-lingwa oriġinali u preferibbilment l-għażla tagħhom tkun li jaqrawha bil-Malti anke jekk it-traduzzjoni tkun disponibbli b'lingwi oħrajn. Għandha wkoll tinqara minn studenti interessati fil-letteratura komparattiva billi din tinkludi bosta awturi minn diversi lingwi.

**Alain-Fournier miet ta' 27 sena fuq il-front matul l-Ewwel Gwerra Dinjija. X'kien ix-xogħol tiegħu qabel il-gwerra u x'laħaq kiteb qabel mewtu? Dan ir-rumanz jintrabat b'xi mod jew ieħor mal-Gwerra?**

Hekk hu. Alain-Fournier miet f'età żagħżugħa fi gwerra li qerdet miljuni ta' żgħażagħ fl-aqwa tagħhom. B'mewtu l-letteratura Franċiża tilfet awtur li kien għadu qed jinbet. Ċertament li kieku baqa' ħaj kien iħalli kontribut letterarju enormi. Le *Grand Meaulnes / Meaulnes it-Twil* hu l-ewwel u l-uniku rumanz li laħaq kiteb li fih kien qed jesplora t-teknika narrattiva tiegħu. Colombe Blanchet kellu jkun it-tieni rumanz tiegħu iżda dan ma laħaqx spiċċah. Il-ktieb ta' Alain-Fournier, *Le petit B.* jinkonsisti f'numru ta' ittri lil B jiġifieri lil René Bichet, poeta, ħabib antik, mil-lycée Lakanal, ta' Alain-Fournier u tal-kittieb Jacques Rivière, ir-raġel ta' Isabell Alban-Fournier oħt Alain-Fournier li t-tifla tagħha ġentilment kienet bagħtitli r-ritratt li jidher fil-qoxra tal-ktieb ippubblikat minn Faraxa. Alain-Fournier għandu wkoll numru ta' poeżiji miġburin flimkien li jġibu l-isem ta' *Miracles*. Ir-rumanz *Meaulnes it-Twil* ma għandu ebda rabta mal-Ewwel Gwerra. It-tema tiegħu hi marbuta mat-telfa taż-żgħożija, maċ-ċiklu tal-mewt u tat-twelid mill-ġdid, man-nostaġija għall-passat li ma jistax jittreġġa' lura.



**Alain Fournier**

**Kemm temmen li anki xogħol bħal dan tiegħek fl-aħħar mill-aħħar, minkejja li oriġinarjament twieled f'art barranija, isir parti integrali mil-letteratura lokali?**

Il-letteratura universali tpoġġi lill-bniedem, lin-natura, l-istorja u l-ambjent taħt il-lenti biex tanalizzahom saħansitra kemm b'mod teleskopiku kif ukoll b'mod mikroskopiku. Fost dawn l-erba' elementi huma l-istorja u l-ambjent biss li huma lokali. L-isfond storiku u l-ambjent li fih iseħħ ir-rakkont ma jistgħux jiġu lokalizzati għax dawn jagħmlu parti mill-istorja u l-avvenimenti li sawruha fil-kuntest Franċiż li kienu qed jgħixu fih il-protagonisti tar-rumanz. Għalija, il-letteratura tradotta hi parti mil-letteratura lokali bħalma hi letteratura lokali dik li tinkiteb bil-Malti minn awturi barranin. Il-mistoqsija tiegħi hi jekk awturi barranin jiktbu bil-Malti xogħolhom kif xieraq jitqies bħala letteratura lokali; mela għal liema raġuni xogħlijiet miktubin b'lingwi barranin minn awturi barranin m'għandhomx jitqiesu lokali meta t-tradutturi li jittraduċuhom huma Maltin?



**Paul Zahra**

**X'kienu l-ikbar sfidi matul il-proċess ta' traduzzjoni li għamilt fuq dan ix-xogħol? Meta tkun qed tittraduċi tkun konxju tal-fatt jekk intix tuża kliem ġej mis-Semitiku jew mir-Rumanz jew minn għeruq oħrajn, jew dan tiegħek hu proċess naturali u inkonxju?**

Kull traduzzjoni fiha l-isfidi tagħha. L-akbar sfida ta' *Meaulnes it-Twil* kienet it-titlu nnifsu. Dwarha ktibt fl-introduzzjoni u minħabba nuqqas ta' spazju f'din l-intervista nistieden lil min jixtieq jara kif ipprovajt insolviha li jaqra dak li spjegajt fiha dwar il-proċess tat-traduzzjoni. Għalija t-taħlita bejn is-Semitiku, r-Rumanz kif ukoll l-Anglo-Sassonu toħloq il-Malti modern. Il-Malti meta jintuża għall-kitba hu lingwa sħiħa u indiviża. Meta ngħid indiviża qed infisser li wieħed ma jistax joqgħod jifred bejn l-oriġini tal-lessiku użat fil-kitba speċjalment fit-traduzzjoni fejn l-għażla tal-kliem hi magħmula minn awtur barrani. Kliem li daħal fid-dizzjunarji Maltin għalija hu kollu kemm hu kliem Malti u validu. L-elementi Semitiċi, Rumanzi u Anglo-Sassoni għandhom jiġu studjati u osservati fil-lingwistika iżda mhux fil-kreazzjoni letterarja. Apparti dan kollu hu finalment il-kuntest u l-awtur innifsu li għandhom imexxu lit-traduttur fl-għażla tal-lessiku li jeħtieġlu juża.

**Tikkunsidra rumanz bħal *Meaulnes it-Twil* bħala parti minn dik li llum tissejjaħ "global literature" jew huwa xogħol li jibqa' marbut mad-dimensjoni lokali? U din tal-aħħar m'għandhiex tinftiehem dejjem bħala nuqqas. Xi tgħid dwar dan?**

Definittivament naqbel li *Meaulnes it-Twil* jagħmel parti mill-"global literature". Biss, biss, hu ġie tradott f'aktar minn 60 lingwa differenti u dan ifisser li qed jinqara prattikament kważi fil-pajjiżi kollha tad-dinja. Xogħlijiet letterarji universali m'għandhomx konfini ġeografiċi jew limitazzjonijiet ta' żmien. Minħabba f'hekk huma jibqgħu validi u jsiru parti mill-kanoni letterarja dinjija. Dan ifisser li kulħadd jista' jidentifika ruħu magħhom. B'hekk, il-fatt li rumanz hu lokalizzat f'pajjiż ma jfissirx li m'għandux jingħata importanza f'pajjiż ieħor. Kull letteratura ta' valur lokali jew mhux għandha tingħata l-mertu tagħha. Mill-banda l-oħra li kieku l-Malti bħala lingwa tal-qari jiġi limitat biss għax-xogħlijiet lokali, il-qarrej Malti verament ikun fqir meta mqabbel mal-qarrejja tal-pajjiżi Ewropej l-oħrajn li għandhom letteratura immensa kemm f'termini ta' kwantità u ta' kwalità.

**Il-letteratura bħala pont li jqarreb il-popli ta' kulturi differenti lejn xulxin. Il-bżonn li l-istudenti sa minn età żgħira jaqraw mhux biss ix-xogħlijiet ta' kittieba lokali, imma anki dawk ta' kittieba barranin, u dan anki għal dawk l-istudenti li 'l quddiem ikunu se jaħdmu f'oqsma li m'għandhom x'jaqsmu bl-ebda mod mal-qasam letterarju, edukattiv jew kulturali. Kemm hu minnu dan?**

Il-qari hu tal-akbar importanza fl-iżvilupp intellettwali tal-istudenti. Il-problema hi li ironikament ħafna Maltin ma jħobbux jaqraw bil-Malti u jekk jagħżlu li jaqraw xogħlijiet letterarji tradotti jaqrawhom bl-Ingliż. Madankollu, dawn għandhom jirrealizzaw li t-traduzzjonijiet letterarji minn tradutturi Maltin joffrulhom l-opportunità biex jiskopru xogħlijiet barranin bil-verżjoni Maltija flok dik Ingliża. Kotba tradotti jimirħu f'kulturi differenti li l-qarrej għandu jieħu gost jiskoprihom għax isibha eħfef li jaqrahom bil-vernakolu. Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm aktar sforz nazzjonali biex aktar xogħlijiet barranin jiġu tradotti għall-Malti sabiex il-qarrej Malti jingħata l-istess opportunitajiet ta' qari bħalma għandu l-qarrej barrani u biex il-Malti bħala lingwa jsir il-mezz li bih niskopru l-letteratura globali. L-iskuża li m'hemmx x'taqra bil-Malti trid tispiċċa u din tista' tispiċċa prinċipalment bit-traduzzjonijiet ta' xogħlijiet ta' awturi barranin.

***Meaulnes it-Twil* iwasslilna ħsus attwali immens, fosthom il-fatt li hemm fostna li nħossuna bħal ħut barra mill-ilma fl-ambjent fejn ngħixu u għalhekk inkunu nixtiequ naħarbu u nsibu serħan f'postijiet 'il bogħod li għandhom mill-ġenna u mid-dinja tal-**

**ħrejjef. Kemm hu veru dan?**

It-tema tal-ħarba, tat-telf u tas-sejbin mill-ġdid tal-Eden allegorikament jagħmlu parti min-narrattiva ta' *Meaulnes it-Twil*. Wistin Meaulnes, wara li jaħrab bil-ħmara mill-iskola, jintilef fil-labirint tal-mogħdijiet tal-kampanja Franċiża, u, mitluf kif kien, isib ruħu f'dominju fejn kienet qed issir festa maskarata. B'dan il-mod, Wistin għalkemm mhux mistieden jipparteċipa fiha. Matulha jiltaqa' ma' Yvonne de Galais li aktar tard wara li jitlifha minħabba li ma jkunx jista' jsib fejn toqgħod u wara ħafna qtigħ il-qalb u avventuri, joħodha b'martu. L-istorja ddaħħal lill-qarrej f'ambjent ta' ħolm u ta' surrealiżmu mimli b'simboliżmi, b'paralleliżmi mal-ħajja ta' Alain-Fournier innifsu u allegoriji. Għalkemm ir-rumanz hu forma ta' ħrafa li tieħdok lil hinn mir-realtà, hu jista' wkoll jitqies bħala traġedja minħabba t-tmiem traġiku tiegħu. Il-mewt ta' Yvonne, hi u twelled lil bintha, tnikket lill-qarrej sensittiv.

**Fid-Daħla mdaqqsa inti tirrifletti dwar aspetti differenti, inklużi t-temi u d-diffikultajiet meta wieħed jiġi biex jittraduċi, imma anki nota bijografika qasira dwar Alain-Fournier. Kemm huma importanti taqsimiet bħal dawn biex iħajru iktar Maltin jaqraw u jifhmu xogħlijiet importanti miktubin f'ilsna oħrajn?**

It-traduzzjoni mhix sempliċement ftaħt ktieb u qbadt tittraduċih. Il-proċess meħtieġ biex wieħed jittraduċi ktieb jeħtieġ xogħol ta' riċerka intensiva. Biex traduzzjoni ssir b'mod tajjeb it-traduttur jeħtieġ li jistudja lill-awtur, lil xogħlu, lil żmienu, lill-kultura li jappartieni għaliha. Jeħtieġlu wkoll ħakma sħiħa fuq il-lingwa li minnha jkun qed jittraduċi dan għax ħafna drabi l-konnotazzjonijiet kemm lingwistiċi u l-intertestwalitajiet kulturali marbutin magħhom mhumiex faċli li jinqabdu minn min ma jkollux għarfien profond tal-lingwa sors. Il-lingwa mira m'għandhiex tkun problema għal traduttur nattiv. Nispiċċa biex ngħid li ftit li xejn mit-tradutturi Maltin jiktbu dwar il-proċess tat-traduzzjoni u dwar id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom. Għalija, il-kitba ta' traduttur dwar xogħlu hi forma ta' awtokritika u ta' awtoanaliżi li dawk kollha interessati fit-traduzzjoni letterarja jistgħu jibbenefikaw minnha.



## IL-PONT JINTERVISTA LILL-KITTIEBA MALTIJA-KANADIŻA MARTHESE FENECH (It-tieni parti. L-ewwel parti dehret f'IL-PONT ta' Lulju 2021)

**Did you ever manage to read other novels about the same historical period? I have in mind words like Tim Willock's *The Religion*, David Ball's *The Sword and the Scimitar*, and Ernle Bradford's *The Shield and the Sword*, but also novels in Maltese written by Ġużè Aquilina, Emilio Lombardi, Ġużè Muscat Azzopardi, and others.**

As a voracious reader, my favourite genres are historical fiction, post-apocalyptic fiction, and dystopian fiction.

I have read dozens of works set in and around sixteenth-century Malta.

David W Ball's epic, *The Sword and the Scimitar* (or, *Ironfire*, as is its title in North America) is sensational. David is not only a gifted storyteller, he is a wonderful, generous individual. I wrote to him almost two decades ago to express my admiration for his talent. He became a mentor, offering profoundly helpful advice. In the preface of *Eight Pointed Cross*, I thank him for his guidance and

friendship. In turn, he wrote a moving speech for my wedding and had my maid of honour surprise me by reading it aloud during my reception.

When I first set out to write my novels, Ernie Bradford's *The Great Siege: Malta 1565* served as a vital source of information. He brought life to the siege in a way that made it human and visceral. I consulted also with *Diary of the Siege of Malta of 1565*, a day-by-day eye-witness account of the siege, by Francisco Balbi di Correggio, a Knight of St John.

I've read Charles Micallef St John (*Suwed Ulied il-Lejl*) and had the pleasure of meeting with him at BDL in San Ġwann during my last visit to Malta. Raymond Fenech Gonzi (*The Incident of the Mysterious Priest and other stories*) and I became acquainted through Canadian Poet Laureate George Elliott Clarke. Raymond has invited me to contribute to his highly-acclaimed *Literature for the People* publication, which features writers, poets, and book reviewers.

I have consulted the works of many amazing Maltese authors and historians, incluidng *Min Kien Callus*, Evarist Bartolo, *Histories of Malta – Versions and Diversions*, Giovanni Bonello, *Daughters of Eve*, Carmel Cassar, *The Knights of St John in Malta*, Simon Mercieca, *Knight Hospitaller Medicine in Malta (1530-1798)*, C Sarona-Ventura, and *Armoury of the Knights*, Stephen C. Spiteri. Stephen also provided me with intricate, hand-drawn maps and images for use on my website.

**What is your relation to the Maltese language and literature?**

Languages fascinate me. I spoke Maltese before English and studied French in school. I'd love to learn conversational Spanish—beyond asking the location of the nearest bathroom.

My parents spoke and continue to speak Maltese at home. Travelling to Malta every year immersed me in the language, as I would spend time with my cousins, play outside with neighbourhood kids, and interact with shopkeepers and market vendors.

When I was three, I returned to Canada after spending the summer in Malta and had stopped speaking English entirely. My brother Dave got a kick out of hearing me ask for ice cream in Maltese. Needless to say, I got a lot of ice cream.

These days, I don't much get the chance to speak Maltese but am always happy when the opportunity arises. It's such a melodic, expressive language, and I hope the Maltese diaspora pass it down to their children. Few gifts are as valuable as that of a second language.

I try to infuse Maltese phrases here in there in my novels, because it is so vivid (more) and adds authenticity to my characters. And some of the expressions simply do not pack the same punch when translated into English.

**The relation between a people and their history. How important is this? Are Canadians conscious of their history, especially the younger generations?**

History is not consigned to the past. It surrounds us. It interacts with the present and future constantly.

Even though my books are set five hundred years ago, I write in the present tense to make history immediate. Current. Relatable. Immersive.

My job is to pull history from the past and show how it has shaped us and continues to shape us, that it is relevant and informs much of our decision-making, whether or not we realize it.

Past is prologue.

We are witness right now. And may we all be on the right side of history.

I strive to portray both sides of the battlefield fairly, with heroes and villains operating within each sphere. I hope readers will root for Maltese and Turkish characters alike, cheer for their successes, lament their losses, and wish for them to prevail—despite that they can't all prevail.

Rather than focus on the big players exclusively, I tell the story from the perspective of regular people—ones not bound by oaths or position or politics but average people flung into situations beyond their control, determined by geography and religion, and choices made by the governing powers.

Likewise, instead of concentrating on one specific culture or history, I tried to intersperse a variety of histories from several locations to help readers better understand the different, sometimes clashing cultures and perspectives of the day. My novels offer glimpses into not only Malta and Turkey's past but also North Africa's and Continental Europe's.

I aim to give a balanced view of institutions while staying true to the reality of the era. The Church, for example, is usually vilified in novels and films, often rightly so. However, I juxtapose the evil of the Inquisition with a compassionate, progressive-minded character, Fr Anton Tabone.

I hope my novels impart to readers that the vast majority of people truly believe they are on the side of righteousness, that heroes and villains are a matter of geography and often misguided perspective, and that it is critical to question the narrative one is fed. We have much to learn from cultures separate from our own.

Christians and Muslims were raised to distrust one another. Both groups justified killing the "infidel" and worked to dehumanize their "enemy" through stories and depictions, easy enough to accomplish among a mostly illiterate population. Access to information was extremely limited and controlled, especially in sixteenth-century Malta. Town-criers shared only what was deemed necessary. Peasants accepted whatever they were told as they did not have an opposing point of reference. And encountering someone of a different culture was unlikely unless that person had come to invade their homeland—not exactly conducive to debunking cultural myths.

In my second novel, *Falcon's Shadow*, protagonist Domenicus realizes this when he is press-ganged into a Christian-led invasion of Zoara. As a Maltese peasant who experienced constant raids of his home by corsairs, he views North Africans as the villains, the monsters in his nightmares. But his perception changes when he is forced to join an attack on a sleeping village located in the Maghreb. He becomes the monster in someone else's nightmare. For him, the experience is a life-altering revelation.

Throughout my novels, "enemies" show one another kindnesses. They start to see each other as human beings, forge friendships. The true enemy is ideology. The moment divisive, false notions are stripped from the equation, what remains are people who have far more in common than they have differences.

In Canada, we need to do a better job of teaching our young people Canadian history. To be fair, I can't speak about the quality of history education across Canada, as curriculum falls under individual provinces. However, in my experience as a teacher in Ontario, we tend to focus only on two or three major events but leave out so much of what has shaped our nation. Part of that could be due to the time constraints of packing so much into a semester; however, we need to engage our students to render them well-informed global citizens.

For individuals to function in a healthy democracy, they must develop a stronger understanding of the nation's history. It is staggering that students can graduate from high school with only a few lessons about the World Wars and without in-depth exploration of Canada-U.S. relations, slavery, or the history of Indigenous People.

A textbook cannot be the only source of information. We need an inquiry-based approach.






Learning history is not simply about memorization of dates or knowledge specific to an event, but acquiring important skills, such as research, analysis, and critical thinking.

Over the past year, we have seen a seismic shift. The world is undergoing sorely needed social change. There are so many excellent, creative teachers out there, many of them my colleagues, who bring engaging lessons to the classroom.

They ask their students why they think there has been erasure of certain aspects of Canada's history. They teach students the skills necessary to challenge the narratives presented to them.

An example of this shift is the way 1920s America has been presented to students. In the past, the focus was on the Roaring Twenties, a time of unbridled prosperity and celebration. However, my colleague asked her students if they believed the 20s roared for everyone. After exploring and analysing the battles for political and civil rights, the widespread nativist and anti-immigration hysteria that swept the land, the collapse of the wheat market and its effect on Prairie farmers, the class determined that no, the 20s did not roar for everyone.

When I was in high school, my history teacher would present three different accounts of the same event written by historians from different backgrounds. This taught us how perspective and bias can shape the narrative, an effective approach as it forced us to cross-reference, conduct independent research, and challenge information.

Developing those skills as a teenager proved instrumental as I pursued a diploma in Journalism and later carried out research for my novels.

**You are also a high school teacher. What are the subjects you teach? What do you think about the importance of education, the role of the teacher and the love for reading and literature in general?**

I teach English, history, and social science (anthropology, sociology, and law). I also teach world religions and physical education.

This past year, I worked very closely with special needs students and was responsible for instructing them in physical education and art. One of our projects involved painting canvasses and auctioning off the pieces to raise money for a rhino orphanage in Africa.

My job as a teacher is to inspire my students to become life-long learners. To be curious. And never to lose their sense of wonder. I encourage them to travel because their experiences abroad will teach them not only about the world but about themselves most of all.

My greatest strength as an educator is the connection I make with students. I genuinely care for them, and I demonstrate that through our interactions. I laugh with them and poke fun at myself. There is no hierarchy in my classroom. We are all human beings with an equal stake in our collective success.

As an English teacher, I hope my love of literature is infectious. I select novels and short stories that will



resonate with my students, diverse pieces with themes they can relate to, and in which they can see themselves represented. I strive to help them become media literate in a time when they are bombarded by messaging from countless sources, and the need to be responsible creators and consumers of media is at an all-time high.

I try to infuse my lessons with cross-curricular instruction. Literature provides a stepping stone to just about any subject. When I introduce a novel, short story, or play to my class, we take time unpacking the history around it and connecting it to current events.

I recently taught the play *Kim's Convenience* by Korean Canadian, Ins Choi. This piece references the 1992 Uprising in L.A., which occurred in the aftermath of the acquittal of four police officers charged with the brutal beating of motorist Rodney King. We spent the period discussing the many factors that led to the civil unrest and connecting it to the 2020 protests surrounding the murder of George Floyd.

My goal as an educator is to appreciate, value, nurture, and support individuality in an environment that fosters creativity and critical thinking. Just as my students are required to grow and learn, so am I. My objective is to create a classroom that will be a place of safety, a place of discussion, a place of tolerance—a place of learning.

**The process of writing a novel takes a long time. What stages do you go through when you write?**

I tend not to follow a linear trajectory when I write. I have a vague idea of where I'd like the plot to go and what I'd like to happen, but my characters often have different ideas about that.

I put them in some messed up situations without any clue how I'm going to get them out. We usually figure it together.

Creativity and inspiration do not follow schedules or commands, so some days present more challenges than others when it comes to writing. Sometimes I experience a creative downshift, and other times I can't get the words out fast enough. It ebbs and flows.

While every writer has a different method, my typical approach involves writing the first draft of a chapter, doing a few revisions, getting preliminary editorial feedback, then moving on to the second chapter.  I carry on until the novel is "finished."

Then, the real fun begins. I dive back in for second, third, fourth, fifth and maybe more revisions. I am merciless, cutting anything unneccessary, adding and subtracting, infusing humour and detail where possble.

I love the editing process. Creating can be intimidating—a blank screen and a blinking cursor can be the stuff of nightmares. But once I have words written, I can carve and shape and whittle until I feel I've gotten it right.

I'll then pass the manuscript along to a few trusted beta readers who will read it in full and offer their feedback.

Finally, the publisher will bring on an editor who gives me notes.

Letting go is the hardest part for me. I never think it's good enough. But I've learned perfectionism is the enemy of creativity.

**You believe that it's important for an author to take some leave and put some distance between her/himself and her/his work after finishing writing it and handing it to the publisher. Why is this?**

I take some time between finishing a draft and going back in to revise because the distance creates less of an emotional attachment. If it's something I've just written and spent hours paining over, I'm less likely to cut it. But, if a couple of weeks or months have passed, I can be ruthless with what I cut or trim back because I haven't just spent five hours working and reworking a sentence only to delete it.

Distance allows me to be more critical and less emotional about what stays and goes. Every word needs to serve a purpose. The break between completing a project and doing final edits makes me more objective. It gives me perspective and a chance to read with fresh eyes, critical to ensure all plot points are cohesive and make sense.

**Canada is well-known for her women writers. Do you have any favourite women writers, and if so, how do you connect with them an their works?**

Extraordinary things are borne of collaboration. The truth of this reveals itself to me daily in my work as both an author and a teacher.

I recently came across an excellent article, "On Making a Living as a Writer," which underscores the importance of cultivating meaningful relationships with fellow authors.

Many years ago, I tried to do exactly that. I attended a fancy book launch at a fancy hotel attended by fancy people who wore fancy scarves. I didn't think I'd ever fit into literary circles.

Soon after, however, I joined an online writing group, founded by Marsha Forchuk Skrypuch, award winning historical author of *Don't Tell the Nazis* and *Stolen Girl*. She has offered me so much brilliant editorial advice over the years. In our writing group, members review each other's works-in-progress, and the feedback is often the calibre for which serious writers would pay.

One such person is Canadian author Anitha Robinson. She and I have spent countless hours critiquing each other's work and cheering on each other's accomplishments. Last October, we collaborated with my special needs students on a project based on her children's book, *A Family for Faru*, which highlights conservation efforts in Africa.




As I prepared for my July 2020 Facebook Live book launch event, an unexpected and amazing outcome was connecting with Darcie Friesen Hossack, fellow Humber College School for Writers alumna and gifted Canadian author of *Mennonites Don't Dance*. Without even knowing me, she promoted my virtual launch on her social platforms. Having the support of such a profoundly beautiful, highly acclaimed writer was nothing short of galvanizing. She is the powerhouse founder of *WordCity* and has graciously invited me to contribute poetry, novel excerpts, and book reviews to this literary journal of social conscious.

Governor General Award-winning Canadian author and poet, Karen Connelly, has my abiding gratitude for her editing prowess and inexorable insights. She is an unstoppable advocate for human rights—her heartrending novel, *The Lizard Cage*, gives testimony. My mentor through HSW, Karen inspired me to write bravely and helped me develop my literary voice—no, my literary roar.

Tina S. Beier is Canadian indie-author and producer of BookTube channel, Sound and Fury. Her novel, *What Branches Grow*, is a post-apocalyptic tale that pulls the reader into its vortex of action. A mutual bond with Karen Connelly acquainted us, and we've been good friends since, promoting one another's work at every opportunity.

One of the most beautiful things I've learned as a female author in Canada is that we want to help each other, to lift each other up, like the winds generated by the collective beating of butterfly wings. Together, we rise.

**Next moves... Publishing the final volume of this trilogy, and perhaps seeing it transformed into a tv series or film. Your thoughts?**

I am completing final revisions on the third, yet untitled novel in my trilogy, with a goal of releasing it in May 2022 to coincide with what would have been the start of the Great Siege of 1565, since that is the focus of the third novel.

Seeing my novels come to life on the screen is my biggest dream. For years, I have wished and prayed someone—a director, a producer, an actor—would approach me about adapting my books. It suddenly dawned on me that I am capable. I wrote the novels, after all.

In February 2021, I enrolled in an excellent screenwriting course specifically designed for novel adaptation. I have since completed the pilot episode of a series I plan to pitch to streaming services, HBO, and the History Channel.  Stay tuned.

Over the past few months, I have worked to adapt my novels into a series, *Empires of Smoke*, and have since been pitching to producers. In July 2021, my pilot script was selected to be included in the Toronto Lift-Off Film Festival.



## IL-PONT F'INTERVISTA MAL-POETESSA MAROKKINA LI TGĦIX FL-ITALJA, DALILA HIAOUI

**Qual è il suo mestiere/la sua professione?**

Innanzitutto vorrei ringraziare IL-PONT, e il grande poeta Patrick, per quest'opportunità di riabbracciare Malta, la sua cultura e i suoi lettori, dopo tanti anni. adesso posso rispondere alla tua domanda dico che sono uno staff member delle Nazioni Unite a Roma.

**Luogo di nascita, e luogo dove abiti nel presente? Il bello e il brutto di tali luoghi?**

Sono nata a Marrakech (Marocco). Marrakech è il Carrefour delle culture: berbera, africana, europea/ andalusa, ed araba, la città rossa, la città dell'allegria, la città del Sufism, la città  dei 7 santi, l'unica città nel mondo in cui la neve della montagna TOUBKAL (4167 mt), la seconda montagna del continente africano, accarezza ogni mattina e sera le palme del deserto! E da 16 anni, e 5 mesi, mi ha abbracciata con amore Roma, la città eterna, il

museo aperto passo per passo, dove tesso i bei tappeti di amicizie con il filo magico di cultura. Amo la mia Marrakech, amo la mia Roma, ed amo anche Mosta dove abitavo nella veste della studentessa, e ovviamente gli occhiali dell'amore sono sempre cechi.

**Da dove nascono le tue poesie? Perché scrivere la poesia?**

Scrivo poesia per non commettere un reato, perché spesso scrivo quando sono arrabbiatissima anche se sono di natura calma. Però succedono nella vita alcuni episodi che hanno proprio la capacità di rompere la bolla di cristallo chiamata calma! Quindi scrivo per mantenere il mio equilibrio psichico. la scrittura è un Tiramisù! (Tirami + su).

L'inchiostro delle mie poesie, romanzi, ed anche teatro è di natura sociale. Non scrivo per dire: il cielo è blu, gli uccelli cantano, il sole brilla; scrivo per per aprire gli occhi della società magari vedesse la questione dell'immigrazione, scrivo per difendere le donne, per sottolineare le loro sofferenze anche dentro le loro famiglie, il rapporto nuora-suocera per esempio, l'impiegata e il capo al lavoro, l'amore clandestino, i politici corrotti, i giovani persi tra le ideologie violente. Insomma sto cercando di creare



un puro e sincero specchio per far notare alla società i suoi veri problemi.

**Quali sono i temi prinċipali trattati?**

Donne, immigrazione, terrorismo, politica, coraggio femminile, solidarietà, dignità, libertà ...

**Alcune dei suoi libri pubblicati preferiti? Di cosa trattano?**

Non ho preferenze, tutte le mie parole che siano prosa o poesia sono le figlie che non ho avuto. Dal 1998-1999 la diva della canzone marocchina "Hayat El Idrissi" ha cantato le mie liriche con la musica di "Said Chraibi". Nel 2000 ho pubblicato il romanzo: LE JOURNAL DE LA FEMME D'UN RESPONSABLE A LA COMPAGNE; nel 2009 in Egitto ho pubblicato: *Vela d'inchiostro* e *Luciole*; nel 2010 in Marocco: *Posta dal passato*; poi la mia rinascita letteraria in Italia nel 2013, poi in altri paesi (Bosnia, Macedonia, Albania, Kosovo, Giordania, Egitto - di nuovo, Siria, Taiwan, Bangladesh, Iraq, Tunisia, Olanda, Belgio, Messico, Chili, Venezuela, Bulgaria, ...) era con la Stanza del Poeta dell'amico Giuseppe Napolitano, tramite il libro *Brezza del sud*, che è stato tradotto dai miei studenti di lingua e cultura araba in italiano, poi in inglese, spagnolo, mandarino/classico cinese, bangalo, albanese, berbero, nepalesi, ed altre lingue. Mentre l'amico regista Salvatore Nappa mi ha aperto le porte dell'esperienza teatrale tramite *Mare Mostrum*, e ovviamente c'erano altri libri pubblicati in Egitto come: *In un'altra vita*, nel 2016; poi con l'Università telematica di Roma il libro *Imaparo l'arabo - il tesoro delle lettere*; poi nel 2019 con Volturnia e La Stanza Del Poeta *Il Sibilo dello zafferano*, ed altri libri, in totale sono 44 le mie pubblicazioni come "author & co-author".

**Il poeta come cittadino cosmopolita. Cosa ne pensi?**

Il poeta è la lingua della sua era, la sua epoca. Riflette tramite i suoi versi tanti episodi felici e non. La poesia è un ramo dall'albero della cultura, e la cultura non ha un alfabeto specifico, cioè una lingua precisa, non ha nazionalità, non riconosce le frontiere, e per concludere la risposta, vorrei sottolineare una cosa: in arabo, la parola poesia "shiêr" viene dal verbo della prima forma: "shaâara" vuol dire sentire, avere una sensazione o provare un




sentimento.. quindi il poeta sente quello che non sentono gli altri, e perciò il poeta è il megafono di tutti quanti.

**Sei stata anche a Malta. I tuoi ricordi?**

Nella mia adoratissima Malta, mi sono sentita a casa. Le sue città che portano nomi come le città del mio Marocco: Rabat, Nador, Isla. Le sue mura, la sua lingua così particolare, l'accoglienza con il timbro mediterraneo della sua gente, la sua storia antica, le sue feste religiose così colorate, la bontà della sua cucina, la dolcezza della sua pasticceria, la bellezza della sua natura, il suo sole, il colore turchese della Blue Lagoon. La sabbia fina di Ramla Ħamra, il-miracolo di Mosta, i suoi santi. Malta è un paese da portare sempre nel cuore.

**ESILIO**

Se ho deciso di allontanarmi
Non è perché sono stata rinnegata dalla mia specie
O perché i miei amici si disinteressano
Ma per ricostruire i frammenti provocati dalla stupidità
Con i proiettili della delusione...
Nei pozzi dell'ipocrisia.
Quando l'aquila si ribella al precipizio e si innalza
Rimane viva e fa nido
Sulle alte vette!

**SAN VALENTINO**

Oh Adamo!
Non accetterò come regali, rose
Poiché hai reso la mia vita odio!
Sei un artista nel conficcare spine…
Tramonta insieme ai tuoi paffuti peluches,
Mastica i tuoi maledetti dolci
E tagliami addosso, come tua abitudine,
Una falsa accusa.
Non mi interessa più la frusta della lingua che ferisce
O il rumore della ghigliottina
E nemmeno l'indulgenza del tuo perdono.
Fammi ingoiare l'amaro della tua rabbia
E bruciami con le fiamme del tuo comportamento.
Il mio orgoglio accresce e si salda.
Indossa la clemenza e tingi i tuoi attributi
La tua ipocrisia non ingannerà l'asceta!

**NEL NOSTRO MAROCCO**

Oh mia cara, dolce penisola,
Che raduni i tuoi commercianti e i tuoi pastori
Riportandoli alle tue dune
Affinché si completi il gregge di cammelli.
La ricchezza delle voci del nostro Marocco
È incomprensibile,
Per l'ignoranza degli irragionevoli
Siamo stati i protettori della religione
e lo siamo ancora…
Custodi della memoria del Corano
Custodi con i nostri cuori
Non come pappagalli…
La loro capitale è la lingua!

**(minn *Il sibilo dello zafferano*, Volturnia Edizioni, 2019)**

## GĦASFUR NOVELL TAL-BEJT

**Kitba ta' Mario Attard**

Għadna fl-ewwel terz ta' Ġunju u dan is-sitt xahar diġà wera snienu. Is-sħana tas-sajf, għad li baqa' jiem oħra x'tgħodd sa ma ngħidu li s-sajf daħal, ħassejtha ġmielha dalgħodu. Iva, jiena u nterraq mat-toroq tar-raħal, issa jitwessgħu mbagħad jidjiequ, is-sirġa tax-xemx għanniet ġmielha. Qajla dehru xi nies għajr għal ftit 'l hawn u 'l hinn. Imnalla kienu għal xi bejjiegħa bil-vann mimli ħaxix u frott u xi ieħor b'riħa ta' ħut taqsam. Ma nistax ngħid l-istess għall-għasafar tal-bejt. Daż-żmien huwa żmienhom u jekk ma tarahomx bħal-lum meta trid tarahom!

Għat-tieni darba f'inqas minn erba' ħamest ijiem erġajt iltqajt ma' għasfur tal-bejt novell, ċkejken ċkejken. Kien imlibbes sew u qistu li titjira kien jaf itirha. Imma meta wasalt ħdejh, żammejt il-pass għax ma ċċaqlaqx. Mhux bħal dak li rajt ftit jiem ilu mela! Għedt bejni u bejn ruħi.

Mal-ħamest ijiem ilu ltqajt ma' għasfur tal-bejt ċkejken ieħor. Huwa wkoll kien imlibbes tajjeb u ħsibtu li kien jaf itir imma ma kienx hekk. B'danakollu dan tal-bejt kien ħafif u l-ġiri tiegħu kien ipatti xi ftit għat-titjira li kien għadu ma jafx itir.

Min jaf x'ħaseb li kont se nagħmillu? Forsi li naqbdu, nifirdu mis-sbuħija tal-Ħesri, daru, u nagħlqu ġewwa gaġġa bejn l-erba' ħitan ta' kamarti. Dal-ħsieb ma laħaqx għaddieli minn moħħi, għax fis nisma' qawwa ta' għana ġej minn fuq ċint fil-qrib. Kien għammiel bil-maskra sewda. Dlonk wieġbet għammiela.

Sadanittant dħalt ġol-karozza minn fejn stajt inkompli nara l-biċċa kif sejra tintemm. Flimkien mal-għammiel u l-għammiela niżlu ħdejh xi tnejn oħra tal-bejt. Fi ftit ħin smajt geġwiġija ta' tpespis illi, li kieku kelli l-ħila nifhimhom żgur li ma kontx illaħħaq magħhom. Imbagħad skiet. Ma rajthomx iktar u ma smajthomx iktar.

Nistqarr li fraħt u ħassejtni xortija tajba li kont jien li għaddejt minn ħdejn dak il-ferħ u mhux xi ħadd ieħor li biex igawdih huwa personali jaqbdu u jżommu f'gaġġa. L-istess sentiment ħassejt dalgħodu.

L-għasfur novell ma ċċaqlaqx. Baqa' fejn kien...



lanqas kif ħassni mmidd il-pass maġenbu. Apprezzajt il-fatt li ma beżax minni għad li mhijiex imġiba solita għal kull xorta ta' għasfur. Ħarist lejh u rajtu jħares lejja. Min jaf x'ħaseb dwari bejnu u bejn ruħu! Stajt qbadtu mingħajr taħbit ta' xejn. Dak l-għasfur novell seta' spiċċa lsir tiegħi – rahan tal-egoiżmu tiegħi! Imma le! In-Natura Omm riedet lili li nerġa' niġi wiċċ imb wiċċ ma' għasfur tal-bejt novell. Donnha taf li jiena wieħed minn dawk li nterraq mal-widien u qalb ir-raba', nitgħaxxaq b'kulma toħloq in-Natura... aħseb u ara kemm kont sejjer nisirqilha żewġ pari ġwenħajn u żewġt imnieqer li minnhom joħroġ tpespis ta' għana li jserraħ lill-moħħ u jhenni lill-qalb.

Għamilt ċert li l-għammiel u l-għammiela jinsabu jfittxuh u magħhom naħseb hemm għasafar oħra. Ma rridx li kif indawwar wiċċi jitfaċċaw u ma jsibuhx. U dak il-ħin erġajt ħassejtni kif ħassjetni erba' ħamest ijiem ilu.

(Mill-Manuskritt "Stejjer tal-Bieraħ")

**A NIGHT IN AUTUMN**

When summer is drugged
by the poppy-seeds of autumn,
and dusk gropes impatiently into the night,
I feel the turpitude of life,
and my heart sinks from adumbral sadness
to nigrescent despair,
and stridulates for commiseration,
but is choked by deglutition
of the solemn silence,
lurking in the interminable night.

**MAURICE MIFSUD BONNICI**
**(minn *Zoomery*, 1978)**



## MARIJA NAJTHEFER POPOV – POETESSA SIBERJANA

**(materjal ipprovdut minn Alfred Massa)**

**Min hija Marija Najthefer Popov?**

Marija Najthefer Popov twieldet is-Serbja fil-11 ta' Marzu 1958. Kitbet għadd ġmielu ta' poeżiji, ħafna minnhom ippubblikati f'rivisti lokali u barranin; oħrajn ixxandru kemm fuq stazzjonijiet radjufoniċi u televiżivi jew inqraw waqt manifestazzjonijiet kulturali.

Fl-2018 ippubblikat l-ewwel Ġabra Poetika tagħha. Il-ktieb jismu *I Write A Woman*. F'din il-Ġabra Marija fissret id-dinja tal-mara, kixfet il-kreattività tagħha, l-imħabba, l-eleganza u l-vera tifsira femminili fid-dinja tal-lum.

Bil-poeżiji tagħha Marija tħossha taqdi missjoni, waqt li tistqarr li għaliha l-poeżija hija arti sabiħa li kapaċi tikxef ħelsien spiritwali ġdid u toffri tifsira tan-natura sabiħa li ddawwarha.

Marija Popov rebħet diversi premjijiet internazzjonali. Uħud mill-versi tagħha ġew tradotti f'diversi lingwi. Ix-xewqa tagħha hi li tissokta tikteb biex twassal il-messaġġi pożittivi tagħha. Dan l-aħħar daħlet għal biċċa xogħol kbira. Peress li tokkupa l-kariga ta' President tal-Għaqda tal-Poeti tas-Serbja li dis-sena qed tfakkar il-100 anniversarju mit-twaqqif tagħha, iddeċidiet li bl-għajnuna teknika ta' Goran Redicevic tippubblika antoloġija ta' poeżija bl-isem ANTOLOGY SRBIJA 2021 (Anthology Seria 2021 - World Poets).

Dan kien proġett kbir għax ġew mistiedna jieħdu sehem fih numru ta' poeti mill-ħames kontinenti. Malta hi rappreżentata wkoll mill-poeta Alfred Massa.

Marija Najthefer Popov hi msieħba f'bosta Għaqdiet Letterarji u Kulturali. Hija nħatret bħala Ambaxxatriċi tal-Paċi fid-dinja. Hija taħdem ħafna favur il-ħbiberija, l-imħabba u r-rispett bejn bnedmin mingħajr distinzjoni. Temmen ħafna li l-poeżija hija mezz effettiv biex iżżomm il-bnedmin magħqudin flimkien.

Il-fatt li hija poetessa għaliha huwa rigal mingħand Alla u ta' dan tirringrazzjah pubblikament. Tgħix u taħdem ġewwa Zranjanin, fis-Serbja. Miżżewġa u hija omm.

### MARA MILL-BALKANI

Jien mara Balkana!
Inħobb lil pajjiżi.
M'għandix passaport
għax ma nemminx fil-firdiet bejn pajjiż u ieħor.
Nistħajjilni f'xi waqtiet nara festa ta' tieġ
bin-nies mixjin wara xulxin
kollha bl-abjad imlibbsin.
Iżda dik il-bjuda
wara ċ-ċekċik tax-xampanja
tispiċċa tħammar, imdemmija.

Fl-istess waqt jinstemgħu jidwu d-daqqiet tal-frosta
fuq ġisem għarwien.
Matul il-Blue Streams
lil ġismi nħoss imtertaq,
jitbandal,
imxekkel,
b'katina madwar qalbi.

Niftakar meta kontra r-rieda kelli niffirma l-amar
biex ma nħallix aktar movimenti ostili
jseħħu ġo pajjiżi.

Sadattant, xalla kebbibt madwar qalbi....

## JEKK…

Jekk tixtieq issir tafni sewwa
agħżaq l-għelieqi ta' ġo fija,
ukoll jekk iebsa il-ħamrija.
Int li ilek issa ġo qalbi miżrugħ
fittex lil għeruqi għalkemm imdemmija
qis ma tħallihomx bla tisqija.
Ftakar li darba int u jien konna wkoll xtieli żgħar
li wara kbirna flimkien
u minna xxettlu t-tfal.
Illum kbirna u sirna foresta
li ma ċedietx lanqas fl-eqqel maltempati;
foresta mżejna b'siġar għoljin
ifittxu spazju għall-ħelsien.

Int aktar b'saħħtek minni,
bi ġwenħajk beraħ miftuħin
b'għajnejna f'ta' xulxin imsammrin
nistħajlekl il-bastun
jew l-umbrella tiegħi
li minn kull deni iħarsuni
għax b'saħħti iriduni
ħalli nibqa' soda
sa minn għeruqi.

## JA, SULTAN !

Ngħid lili nnifsi:
La tibżax.
Idħol ġewwa, strieħ u wara ibqa' sejjer...

L-istess ngħid lilek:
Ftakar,
li biex inġorr din it-tbatija spallejja wisq dgħajfin.
Nixtieq kieku nagħmel sforz
biex nidher fi Breaking News
bħala s-sieħba tas-Sultan.

Iżda jien sempliċi qaddejja
ħdejn il-kobor tiegħek,
Ja Sultan.
Lesta niftaħlek il-bibien kollha tiegħi
iżda le ninżel għarkubbtejja,
lanqas rasi baxxa ma rrid nidher quddiemek.
Ir-raġġieri madwar rasek ma jgħammxuli qatt għajnejja
u kliemek niżgurak li mhu se jsib qatt widen f'widnejja.
Il-kobor tiegħek jikxef dgħjufitek
kif jixhed il-fatt li d-dawl jgħammixlek lil għajnejk.
Neħħi mela minn fuq rasek il-kuruna
u meta nidħol fis-swali tiegħek
qis li ssakkar il-bibien warajja.
Naf li għandek bżonn Sultana.
Ġejja ħdejk għalkemm beżgħana.
Isma' lil għadmi jfaqqa' donnu jkeċċi jrid il-mudullun.
Qajjem il-passjoni nobbli tiegħek
imsejsa fuq l-imħabba.
Agħtini setgħatek
u jien nagħtik lili nnifsi,
kollni kemm jien.

Filwaqt li taħbini f'ġismek ħieles
tibqa' ssaltan
iżda basta int tibqa' biss inkurunat
bis-setgħa tal-imħabba
U hienja tibqa' ruħek bla imtabbgħa.




Il-qoxra tal-ġabra poetika *I Write A Woman*, 2018.

## IL-ĦADD, 15 TA' MARZU 1942

**Kitba ta' Ramon Bonett Sladden**

Kien il-Ħadd imqaddes. Pawlu qam għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu. Kien spiżjar jaħdem mal-Eighth Army u kien imissu jidħol xogħol fil-bażi tal-armata fil-kwartieri ta' Tigne minkejja li kien il-Ħadd. Martu Stella lestietlu ftit te u xwietlu biċċtejn ħobż li dilket bit-Trex, għax la kellhom butir u lanqas ġobon jew perżut. Kien joqgħod fi Strada Nuova f'Tas-Sliema, triq li tinsab bejn Triq Sir Adriano Dingli u Victoria Avenue, u ma kellux wisq bogħod biex jasal ix-xogħol.

Stella ratu ħiereġ mid-dar bil-bagalja. Appena mexa ftit passi, ħares lura lejha, u min-nuċċali bil-lenti tondi tiegħu, għemiżha u xejrilha. Ma setax ma jgħaddix minn moħħha kemm żewġha kien mislut u ħwejġu illamtati. Minkejja l-faqar tagħhom, xi kultant faqar estrem, kien jinsisti li l-familja tilbes b'mod dinjituż. Kien hemm min kien jarah liebes illamtat u lanqas kien jemmen li, fil-verità, kienu fqar. Mur għidilhom kemm minn ħwejjiġhom kienu karità!

Sadanittant kienu saru xi l-ħamsa u nofs ta' filgħodu u laħqu qamu ż-żewġ uliedhom. Lorenza, il-kbira, kellha wieħed u għoxrin sena. Tereża, iż-żgħira, kellha dsatax-il sena. Kollha kellhom jaraw x'jagħmlu biex ikampaw. Stella kienet magħrufa għall-kpiepel sbieħ li kienet tagħmel u fost il-klijenti tagħha kien hemm Sybil Dobbie, mart il-Gvernatur Sir William Dobbie. Lorenza u Tereża kienu jaħdmu bħala ħajjata mal-Eighth Army f'bażi fejn illum jinsab Ta' Xbiex.

Pawlu, Lorenza u Tereża kienu tħabtu fuq li tħabtu biex ingħataw impjieg mill-militar Ingliż. Fis-snin għoxrin u tletin, il-familja batiet il-ġuħ. Għal diversi snin, għexet fuq il-providenza billi l-awtoritajiet ċivili ma ridux jirrikonoxxu l-kwalifiki li kellu Pawlu u b'hekk ma setax jaħdem bħala spiżjar u jgħajjex lill-familja. Kellha tkun l-armata Ingliża li ssalvahom mill-faqar. Mhux ta' b'xejn kienu jaraw l-Ingliżi bħala salvaturi ta' gżiritna!

"Kemm hi kbira l-ħniena ta' Alla; il-providenza ma tonqos qatt!"

Hekk kienu jitolbu għal ħamsin darba fuq il-kuruna tar-rużarju. Stella dlonk ftakret kemm-il darba meta



t-tfal kienu għadhom żgħar kienu jitolbuha bil-ħniena, "Ma, meta se nieklu? Saru d-disgħa ta' billejl u għadna ma kilniex." Imbikkma, ommhom kienet tgħidilhom, "Stennew ftit, uliedi. Ħalli nerġgħu nitolbu r-rużarju." Wara li jitolbu r-rużarju, kienu bi stennija jaraw jekk fil-frattemp, xi ruħ tajba tkunx ħallitilhom xi turtiera pastizzi jew xi ħobża tal-Malti friska wara l-bieb.

Ma kinux issa f'sitwazzjoni wisq aħjar, imma almenu ma kinux qed imutu bil-ġuħ. L-armata Ingliża kienet tħallas tajjeb.

Matul il-ġurnata tal-Ħadd, Stella, Lorenza u Tereża lestew xi faċendi ħfief tad-dar u marru l-quddies. Imbagħad, qagħdu jaħdmu ftit rakkmu u Stella kompliet taħdem fuq kappell li kienet qed tipprepara għal klijenta. Kmieni waranofsinhar kien hemm attakk mill-ajru qawwi fuq Tas-Sliema u kellhom jinżlu fix-xelter ma' familji oħrajn. Stella inkwetat ferm għal żewġha billi l-kwartieri tas-suldati u l-Forti Tigne kienu bla dubju fil-mira tal-attakki tal-għadu. L-attakki mill-ajru komplew u t-talb ħerqan tal-Maltin mix-xeltrijiet ma waqafx.

"Salus in periculis, foedus pacis", kienu jitolbu lill-Madonna. "Idħol għalina fil-periklu; agħtina l-paċi!"
Sal-ħamsa ta' waranofsinhar kien hemm diżastru fl-inħawi tal-Forti Tigne. Il-fortizza u l-kwartieri ntlaqtu diversi drabi mill-bombi tal-għadu. Stella kienet ilha inkwetata. Pawlu kellu jispiċċa mix-xogħol għall-ħabta tal-erbgħa ta' waranofsinhar u suppost kien ilu li wasal id-dar. Daħħlitha f'moħħha li riedet tmur il-fortizza. Ħbiebha u l-ġirien tagħha kienu qed jimmaġinaw x'kien ġara u ma ridux iħalluha tmur. Fl-aħħar ċediet u minflokha bagħtet lil bintha l-kbira, Lorenza.

Lorenza mxiet il-mixja qasira minn Strada Nuova sal-

fortizza b'qalbha tħabbat b'ritmu mgħaġġel. Qatt qabel ma kienet ħasset qalbha tħabbat b'dak il-mod feroċi. Qalbha riedet toħroġ minn postha. Kif waslet fl-inħawi tal-fortizza u l-kwartieri, sabet ħerba. Kull fejn tħares kien hemm muntanji ta' ġebel. Kellha mappa mentali ta' fejn kienet l-ispiżerija fejn kien stazzjonat missierha u ppruvat tmur s'hemm. F'dak il-mument, lemaħha l-kmandant Ingliż tal-fortizza u għaraf li kienet bint Pawlu l-ispiżjar. B'ħarsa ġentili iżda soda, taha x'tifhem li ftit li xejn kien hemm tama li missierha kien ħaj. Bil-paniku li kellha fuqha riedet tersaq lejn l-eqreb borġ ġebel biex tħottu u forsi xi mkien issib lil missierha, anki jekk kien bla ħajja.

Dak il-ħin, resaq kapural lejn il-kmandant u tah bagalja. Lorenza għarfitha bħala l-bagalja ta' missierha. Bid-dmugħ f'għajnejh, il-kapural għarrafhom li kien ra bomba tolqot l-ispiżerija direttament u li Pawlu kien ġewwa meta waqgħet il-bomba.

Ħadet il-bagalja minn idejn il-kmandant u telqet lura d-dar qalbha maqsuma. X'kienet se tgħid lil ommha u lil oħtha? Kienu qegħdin jistennewha fit-triq. Rawha mill-bogħod u l-mixja tagħha, b'rasha baxxuta, qaltilhom kulma riedu jkunu jafu. Pawlu, l-ispiżjar maħbub u ġeneruż, kien inqatel għalxejn minn dak l-annimal tirann, Adolf Hitler.

Qatt daqs dak il-mument ma xegħlet fihom korla għall-għadu u ħerqa sabiex jagħmlu kulma jistgħu biex jgħinu l-Gran Britannja, omm iċ-ċiviltà, tirbaħ il-gwerra mhux wisq għat-territorju, iżda għall-veru ħelsien ta' Malta, tal-Ewropa u tad-dinja.

Il-gwerra ma kellhiex biss vittmi umani. Il-verità kienet ukoll vittma. Kważi kull persuna kienet tagħti verżjoni differenti ta' kull attakk u bumbardament. Mifnija kif kienu, waslitilhom verżjoni oħra tal-mewt tal-għażiż Pawlu. Xi ħadd qalilhom li fil-fatt, kif beda l-ewwel attakk, Pawlu ħareġ mill-ispiżerija u ġera lejn ix-xelter. Ġara iżda li ra tifla żgħira li donnha kienet intilfet. Ġera lejha biex jeħodha fix-xelter. It-tifla donnha fehmet u telqet tiġri lejn ix-xelter. Iżda dawk il-ftit sekondi li Pawlu ħela biex biddel id-direzzjoni lejn it-tifla swewlu ħajtu. It-tifla laħqet daħlet fix-xelter iżda kif Pawlu kien għoddu fil-bieb, niżlet bomba viċin tiegħu u heżżet is-sisien tal-fortizza. Il-qawwa tal-bomba u l-forza tal-isplużjoni ġabuh fix-xejn. Farrkitu fuq livell atomiku u lanqas biss kien hemm katavru x'wieħed jidentifika.

Għalkemm ma kinux ċerti liema verżjoni kienet il-verità, Stella fehmet li l-aħħar verżjoni kienet iktar taqbel mal-karattru ta' żewġha. Wara kollox, żewġha kien bniedem li kif tidħollu l-paga, minkejja l-faqar tagħhom, kien imur iqassam nofsha lill-familji fil-bżonn li kienu joqogħdu fit-triq tagħhom stess. Kien imur id-dar u jgħid lil martu, "Stella, tajt nofs il-paga lill-familja ta' faċċata." Minflok iċċanfru, martu kienet tgħidlu, "Sewwa għamilt Pawl. Dawk għandhom bżonn aktar minna."

Iżda l-ħajja kellha tkompli minkejja l-inċertezzi u t-tbatijiet tal-gwerra. Alla biss kien jaf x'kien hemm lest għalihom.

**L-Erbgħa, 15 ta' April 1942**

Malta qamet għall-aħbar li l-Maestà Tiegħu r-Re Ġorġ VI kien personalment ordna li Malta u niesha kellhom kollettivament jiġu ppremjati bil-George Cross. Dan kien istitwit minnu stess fl-24 ta' Settembru 1940 bħala l-ogħla rikonoxximent għall-qlubija fil-kamp ċivili, ekwivalenti għall-Victoria Cross, li kien l-ogħla rikonoxximent għall-qlubija f'ċirkostanzi ta' periklu estrem fil-kamp militari.

Mal-gżejjer kien hemm xeni ta' ferħ li m'hemmx kliem li jiddeskrivih. It-tbatijiet tal-gwerra ġew mibdula f'ċelebrazzjonijiet ta' gratitudni, imħabba u devozzjoni lejn ir-Re grat u rikonoxxenti. Qatt daqs dakinhar Malta ma twaħħdet mal-Gran Britannja u l-Familja Rjali. Ma kien hemm ebda dubju li għalkemm il-Maltin Mediterranji u l-Ingliżi Anglo-Sassoni kienu popli ferm differenti fil-karattru u t-temperament, kienu sabu sostenn f'xulxin li ssarraf f'alleanza





żonqrija li kienet kapaċi tieqaf lil kull min kien iblah biżżejjed biex jazzarda jipprova jegħleb lill-fortizza li qatt ma setgħet tegħreq.

Lanqas l-attakki ħorox tal-għadu ma setgħu jitfu l-leħħa f'għajnejn il-Maltin. Anzi, il-Maltin iddefendew gżirithom b'aktar enerġija bħallikieku sabiex jagħtu prova li verament kien jistħoqqilhom dak il-premju.

Wara nofstanhar fix-xeltrijiet b'riġlejhom iġġammjati, Stella, Lorenza u Tereża marru passiġġata max-xatt fl-inħawi ta' Fond Għadir mexjin fid-direzzjoni lejn Spinola. Ħin bla waqt tfaċċaw xi ajruplani tal-għadu. Kienu nqabdu fil-beraħ u ħakimhom paniku. Iżda l-ajruplani ma bdewx jattakkaw minnufih. Daħlu 'l ġewwa fuq Tas-Sliema u wara xi għaxar sekondi bdew jinstemgħu l-isplużjonijiet. Il-bombi kienu qatlu lil Pawlu xahar qabel. X'seta' jinqala' issa? Żgur ma seta' jiġri xejn agħar.

L-attakk ma damx aktar minn minuta. Waslet skwadra ta' Spitfires mill-bażi f'Ta' Qali li bdiet tispara fuq l-ajruplani Ġermaniżi. Dawn dawru denbhom u ħarbu lejn Sqallija.

Stella, Lorenza u Tereża bdew resqin lejn Triq Sir Adriano Dingli u raw xena li f'dawk iż-żminijiet kienet ferm komuni. Nies miksija bid-demm u bit-trab abjad tal-ġebel, fdalijiet ta' djar se jaqgħu u ma jaqgħux, għajjat ta' nies ifittxu lil qrabathom mirdumin u air raid wardens jippruvaw iżommu naqra ordni fil-kaos. Telgħu Triq Sir Adriano Dingli u bdew mexjin lejn Strada Nuova. Nofs Tas-Sliema kienet inġemgħet, min b'kurżità u min biex jgħin. Xejn ma ppreparahom għal dak li raw. It-triq tagħhom, Strada Nuova, ma kinitx hemm. Ma kinitx għadha teżisti. Baqgħu ssummati. Kienu ħarġu mid-dar u meta waslu lura, sabu li darhom, bħad-djar kollha f'dik it-triq, kienet waqgħet. Ma kienx fadal ġebla waħda fuq oħra. Dawk l-ajruplani kienu battlu l-bombi kollha fit-triq tagħhom.

Stella tniehdet tnehida u ħarset lejn is-sema. Bħal ħafna, kellhom isiru refuġjati f'pajjiżhom stess.

Raw x'setgħu jiġbru mill-fdalijiet tad-dar tagħhom u bdew jippruvaw jaraw fejn kienu ser jagħtu rashom. Ruħ tajba offritilhom li jmorru jgħixu f'dar li kellha f'Birkirkara.

Ittamaw li jippruvaw jerġgħu jibnu ħajjithom, b'ta' fuqhom senduqhom. Ma kinux magħmulin nies li jaqtgħu qalbhom. Kienu jemmnu fihom infushom. Kellhom attitudni pjuttost soda u xi ftit stojka.

Qamu, taw ħarsa aħħarija madwarhom, u mxew.

**QAWMIEN**

Meta f'mument
mhux mistenni
l-eklissi ta' ħajti
bħal ħolma jgħib
u f'għajnejja x-xemx
raddiena traxxax
żaffiri u żmeraldi
bħal naħla bieżla
li titħallem bil-warda
mxennqa għall-ħażna
tal-benna
nidħol insoff
is-swali arkitettoniċi
mimlija dija
nistenna li l-ġewwieni
bħal murtal jisplodi
b'qilla
immensa
ġo fija
u bħal Lazzru
maħlul mill-faxex
inqum
għat-tieni rebbiegħa.

**ANDREW SCIBERRAS**
**(minn *Rikorrenza Eterna*, 2019)**




**IR-RAĠEL LI ĠIE MAL-LEJL ta' Alfred Massa, Horizons, 2021**
**Jikteb Patrick Sammut**

*Ir-Raġel li Ġie mal-Lejl* huwa l-20 rumanz ta' Alfred Massa. L-ewwel rumanz tiegħu kien deher fl-1972 taħt t-titlu ta' *Is-Salib tal-Ġiżirana*. Minn dak iż-żmien Massa ma waqafx jikteb in-narrattiva u fl-2022 huwa jiċċelebra l-50 sena bħala rumanzier, apparti li jikteb ukoll il-poeżiji u n-novelli.

Dan ix-xogħol jifrex fuq 145 paġna u huwa mqassam f'16-il kapitlu. L-istorja hija ambjentata fil-preżent (jissemmew il-Bundesliga u l-internet), u Massa jlaqqagħna ma' familja ġejja mill-klassi tal-bdiewa, mela li jaħdmu l-art. Ir-raġel tal-familja ewlenija, Victor, huwa mejjet, u għalhekk dan bħal huwa biss preżenti fl-assenza tiegħu. Massa bħal iridna nifhmu li l-ħajja tal-bidwi mhix faċli u l-ħidma tiegħu mhix apprezzata. Oġġetti bħall-"arloġġ tal-mażżri" u l-karrettun ta' Girgor jitfgħu r-rakkont lura fiż-żmien u jagħtuh ċerta xejra nostalġika. Il-karozza, min-naħa l-oħra, hija wegħda ta' ħruġ minn ambjent żgħir u magħluq.

Diġà fl-ewwel kapitlu titħaddem il-flashback fejn naraw lil Victor ħaj, ewlieni fit-twaqqif ta' unjin tal-bdiewa, u naqraw ukoll dwar l-ewwel laqgħa bejn Victor u Bettina. It-toponimi u r-riferimenti għall-Istorja jgħinu biex lir-rakkont fittizzju jagħtuh sfond solidu u reali.

Lura għall-preżent nifhmu li "Victor kien ilu mejjet ħames xhur", u huwa hawn meta jasal fir-raħal stranġier imċerċer li jsib kenn fil-garaxx tal-familja ewlenija. Aktar tard insiru nafu li jismu Konrad, u permezz tiegħu l-awtur jintroduċi ħajja ġdida lir-rakkont, filwaqt li jolqot ukoll it-tema tal-immigrazzjoni. Fl-omm, Bettina, naraw l-importanza tal-valur tal-karità – apparti dak tal-familja -, li lil bintha Kristina, li hija kawta u xettika, tgħidilha, "Il-karità qatt mhi żball, Kristina." Jinħass li t-telfa tal-missier ħalliet vojt kbir warajha, u dan jitwassal simbolikament permezz tal-għalqa mimlija ħaxix ħażin.

Il-kelma "destin" – li hija kelma li tirrikorri spiss fix-xogħlijiet narrattivi ta' Massa – tissemma diġà fil-bidu tar-rumanz: "Wara kollox, jagħmel hu! Jimxi mad-destin tiegħu; l-aqwa li jkun kuntent." Mill-ġdid il-kelma "destin" tissemma darbtejn aktar tard f'kapitlu 13: "Xejn. Aħjar xejn, Tom. Aħjar xejn! Destin, wara kollox. Destin li m'għandniex kontroll fuqu. Dak jitwieled magħna u dejjem magħna. Nemmen li anki l-Mulej jifhem dan." Huwa tip ta' destin li mhu kontra l-ebda tagħlim Kristjan.

Tinħass ukoll il-generation gap. Minkejja li għall-ewwel ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn l-omm u l-ulied, wara, dawn tal-aħħar jifhmu d-deċiżjonijiet għaqlin tal-omm. Naraw ukoll fuq naħa, il-ġenituri li għadhom bit-tradizzjoni tar-rużarju filgħaxija, u fuq l-oħra l-ulied li jridu l-indipendenza tagħhom.

Jinħass bħal kuntrast bejn Buġibba, minn fejn ġej Konrad, u l-post rurali fejn joqogħdu Bettina u wliedha. Hemm ukoll il-kuntrast bejn il-kalma ta' barra fejn hemm in-natura, u t-taqlib li għaddej minn ġo moħħ u qalb Bettina li tilmaħ f'Konrad xi ħaġa minn żewġha mejjet.

Il-familja f'dan ir-rumanz mhix biss valur, imma anki

tema b'saħħitha. Massa bħal jistaqsi: X'tagħmel mara armla? Tibqa' mwaħħla mal-passat jew tagħmel kuraġġ u tħares 'il quddiem? Fuq livell ieħor, tinbet għal xi waqtiet ċerta firda bejn l-aħwa – naraw lill-oħt tiddeverti u lill-iben jistudja -, jew diżgwid fil-ħsibijiet tagħhom. Hemm ukoll ir-relazzjoni bejn l-omm u l-bint, bil-kunflitti kollha tagħha.

Stilistikament, Massa jintroduċi novitajiet narrattivi li jżommu lill-qarrej kurjuż jaqra. Il-misteru dwar min hu verament Konrad – li aktar tard jasal biex jirrikatta lil Kristina - ikompli jikber. Nistaqsu: Min ġibed ir-ritratti? Min huma eżattament iż-żewġ irġiel li jiġu jitkellmu ma' Konrad? Il-verità dwar dan il-personaġġ Massa jagħtihielna bil-ftit il-ftit ħalli bħala qarrejja jħallina kurjużi sal-aħħar. Huwa hawn fejn Massa jibda jiżra' numru ta' dubji f'moħħ il-qarrej dwar il-vera identità u passat ta' Konrad.

Misteru ieħor hu dak ta' Kristina: nistaqsu bħala qarrejja, fejn qed tmur mal-ħabiba tagħha, u xi jrid minnha Konrad? Il-kittieb jipprova ma jraqqadx ir-ritmu narrattiv tar-rakkont billi "jikkomplika" t-trama: naqraw dwar relazzjoni lesbika; ommijiet li minkejja affaċċjati minn imġibiet ta' natura moderna, jittrattaw lil uliedhom b'moħħ miftuħ u jaċċettaw ukoll li wliedhom jikkonvivu taħt saqaf wieħed; it-tajjeb u l-ħażin tan-nies tar-raħal, kurjużi dwar slaleb ħaddieħor, imma wkoll ġenerużi u lesti jgħinu.

Massa jalterna bejn waqtiet ta' niket u oħrajn ta' ferħ, uħud mimlijin tensjoni, oħrajn ta' serħan. Ma fhimtx kif tidħol il-mewt f'daqqa ta' Saverja fil-plott? Kien hemm bżonnha? Hemm ukoll partijiet fejn iż-żmien jiġri u jseħħu bosta ħwejjeġ fi ftit paragrafi.

Ċerti partijiet ta' dan ir-rumanz ifakkru fit-tema ewlenija ta' rumanz ieħor li kiteb Massa - *Weraq tal-Ħarifa* li kien ħareġ fl-2014 -, il-mewt. Lejn it-tmiem ta' *Ir-Raġel li Ġie mal-Lejl* naraw lill-armel, Girgor, li, "Meta aktar tard beda jħoss fuqu t-toqol taż-żmien u l-għeja bdiet tagħmel tagħha, mhux l-ewwel darba li beda jaħseb li jqabbel ir-raba' tiegħu jew ibigħu b'kollox." Tinħass sew l-idea li aktar kemm il-bniedem jikber, aktar isib ruħu waħdu u jikber il-piż tal-vojt fuqu. Għalhekk, dwar Bettina, li ż-żmien għadda minn fuqha wkoll, naqraw: "Id-dar kienet vojta. Dan kompla kattrilha d-dwejjaq tas-solitudni li kienet għaddejja minnha. […] Id-dar […] bħalissa vojta qisha qabar kbir." Tissemma wkoll il-marda kiefra tad-dimenzja.

Kollox isib postu lejn tmiem ir-rumanz. Toħroġ il-verità dwar Konrad li jgħib għal xi jiem. Punt li laqatni hu li Massa jerfgħalna bħal sorpriża fl-aħħar tar-rakkont, ladarba jħallih bħal miftuħ, u b'hekk wieħed iħoss li faċilment jista' jinkiteb prequel jew sequel għalih.

Bħal dejjem, il-kitba ta' Massa tħaddem bla diffikultà l-Malti idjomatiku, u dan żgur mhux żvantaġġ. Dawk tiegħu m'humiex rakkonti kumplessi li jkiddu lill-qarrej, imma bħalma għandna hawn, stejjer li jimxu ritmikament u li jinqraw faċilment f'jum, l-iktar jumejn, filwaqt li jintrabtu ma' esperjenzi li l-bniedem komuni jġarrab ta' kuljum u għalhekk faċilment jidentifika ruħu magħhom. Ninsab ċert li hawn bosta qarrejja li qraw ix-xogħlijiet narrattivi kollha ta' Alfred Massa u li jkunu jistennew bil-ħerqa biex dan il-kittieb ta' eserjenza jippubblika xogħol ġdid minn tiegħu. *Ir-Raġel li Ġie mal-Lejl* mhux se jiddeludi.

**FUQ L-GĦATBA TA' GĦABEX ILSIENNA**

Ilu d-dawl inin;
dawl bâti fuq xefaq kewnna.
Marida qalb is-siġra xiħa;
itgħakkret, bla ħadd tiżbira jtiha.

Kien ilha mdardra r-ruħ imsejkna,
'mma r-rjieħ li l-ħajja jtennu
ma waslux. Bħal qasba f'deżert niexef,
bla wens, bla ragħaj,
dbielet w għoddha nfniet.

Fuq għatbet il-għabex
il-kelmiet imnaqqxa
"tħallix lil min
bla ħtieġa jdakkrek
u f'waqagħtek
jogħla hu. La tħożż
tiegħek il-ħabar."

**RIGU BOVINGDON**
**(minn *Aporija. Mill-Ġdid*, Horizons, 2019)**

## "IL-POEŻIJA MAGĦŻULA" TA' JOE SALIBA

**Jikteb Rodrigu Bovingdon**

*Ix-xahar ta' Settembru jfakkar it-tmien anniversarju mill-mewt ta' poeta Malti-Awstraljan kbir. Huwa twieled f'Birkirkara fis-26 ta' Jannar tal-1941 u miet f'Melbourne fit-18 ta' Settembru tal-2013.*

Għal dawk li tul ħajjithom qatt ma sabu xi waqt isoffu l-benna tal-poeżija, dawn fil-ħajja tagħhom jisfaw daqstant ifqar fl-iżvilupp umanistiku.

Kull meta jixref xi leħen anġeliku fostna l-poeti Maltin, mogħni bil-ħlewwa għaslija miġbura mill-ġonna mfewħa tal-ħajja Maltija, il-qalb tirrispondi bħal meta żewġ namrati jagħmew bil-għoġba għal xulxin.

Kien Dun Karm li bexxaq ix-xatba biex ta' warajh setgħu jimirħu fil-kampanja tal-għana Malti li sa dak il-waqt, kien baqa' donnu mimnugħ fil-forma miktuba, għajr għal xi ħidma bikrija minn xi Richard Taylor, xi Ġan Anton Vassallo jew xi *Kantilena* mitlufa fil-paġna tan-nisi.

Għal sawwâr il-kelma Maltija Karkariż Joe Saliba, li aktar minn nofs seklu ilu refa' l-ankri mill-art Maltija biex beda ħajja ġdida ġo din l-art imbiegħda fiż-żmien, fid-distanzi, fid-drawwiet, fil-lingwa u fi ġrajjietha, il-ġmiel u s-seħer ta' kelmet il-Malti, mhux biss ma majnawx imma għall-kuntrarju kotru, issaħħew u stagħnew bil-kif.

Isimgħu miegħi fis-sikta ta' qlubkom u għoxew bis-sbuħija tal-versi magħżula mill-poeżija "Ilħna tar-Rebbiegħa":

Tfulija, tfulija,
ja misraħ ta' lwien
fejn qtajt l-ewwel Qronfol
u sirt naf min jien,

tbissimli bħal dari;
qed naħsbek beċċun
bla tebgħ'abjad qotna,

għall-beraħ miġnun.

Għal min huwa midħla tal-poeżija Maltija, hawnhekk għandu jilmaħ bħal diwi mill-għana ta' Mary Mejlaq



**Joe Saliba (1941-2013)**

u ta' Anton Buttigieg.

Minn poeżija oħra, "Il-Ġmiel" nislet:

Nogħxa u niċċekken u mal-ħsieb nittajjar
meta fuq rasi, f'lejla mbierka, is-sema
iferrex ħoġru u bit-tleblib tal-kwiekeb
jgħaxxaq il-ġemgħa.

Mitluf inħossni meta l-baħar sieket
il-ħmura jtenni tax-xemx nieżla mkabbar,

u s-safa, il-ħemda, il-lewn u l-ġmiel tax-xefaq
jum bnazzi tħabbar.

Hemmx id-diwi tal-imħabba kbira li għanna Ġorġ Zammit fuq il-pajsaġġ Malti fil-għana tiegħu f'dawn il-versi tal-poeta Melborniż?

Iżda daqskemm tispikka sengħet l-għannej Karkariż minn Melborn fit-tiswira dunkarmjana tal-vers klassiku tal-ħdax imkien iżjed. Dan il-vers mill-intek nett li nqdew bih il-versaturi l-kbar taċ-ċiviltà, jixref ħelu ħelu minn fomm Saliba bħalma l-għasel frisk jinġabar mix-xehda ta' qata' naħal bieżel.

Jidher ċar li l-poeta Saliba qara, fela, xtarr u fehem il-




qofol tal-aħjar versaturi tal-ġens Malti. Minnhom għaraf isawwar il-ħsieb matur ta' poplu li tul is-sekli, irnexxielu jilma b'karattru uniku mfisser sħiħ u setgħan fl-idjoma, fil-kelma, fil-ħsieb ta' kulma jagħmilna Maltin.

Għannejja poeti tal-kelma Maltija, qawwijin daqs il-kunċetti mistura f'dawn il-battuti fil-poeżija ta' Joe Saliba, illum huma rari. Id-dinja nbidlet! L-ambjenza soċjali ħawdet l-imħuħ. L-aġir politku gerfex lill-umanità. Il-bniedem mank fadallu fejn imidd rasu taħt sema safi, għas-skiet, mill-għagħa maqtugħ. M'hemmx lok ir-riflessjoni.

Iżda għall-individwu artist li jkun xorob mill-kus u meraħ fil-wesgħat tal-ħajja Maltija għaqlija u soda mnejn rabba sies u qafas godlin, dil-qalb umana, assedjata mill-ħerba tal-ġenn tagħna, tistejqer, titpaxxa, tistrieħ u tieħu s-saħħa biex, terġa' tgħix ħajjitha mill-ġdid fis-seħer tan-natura li tmantniha.

Li kellu Dun Karm Psaila llum jiltaqa' wiċċ imb wiċċ mal-poeta Joe Saliba ta' Melborn, huwa jiftaħlu bieb is-saltna tal-poeti u jistiednu jpoġġi fuq it-tron tiegħu bil-kliem: "għaddi ħabib u sieħbi Malti, dan hu sehmek fil-ħajja. Ħu postok fix-xieraq fejn il-"Poeżiji Magħżula: 1956-2011" joqogħdulek bħala l-klil renjanti u trijumfanti."

Xi karba a la Karmenu Vassallo ma tonqosx lanqas, imma dak kliem li għedtu diġà fi studji oħrajn ta' dan il-poeta.

Din il-ġabra ta' versi tiġbor l-aħjar dawk l-għanjiet li l-poeta nnifsu deherlu jgħoddu fost l-aħjar fost id-diversi pubbblikazzjonijiet li ħareġ fl-imgħoddi. Din hija pubblikazzjoni limitata u privata, li tirrifletti ħidma konsistenti ta' poeta ġenwin, li għaraf u baqa' jgħożż kulma f'għajnejh huwa ta' siwi estetiku u ta' valur uman... u essenzjalment Malti. Iħabbatha mal-aqwa poeti Maltin ta' kull żmien.

**SIĠAR TAL-ĦARIFA**

Siġar ta' qalbi, iż-żmien għajjur uriena
li għandna mmutu –tnejn u lili ħdejkom
aktar ma ssibunix biex fil-benniena
ta' ġmielkom nieħu r-ruħ, mistrieħ f'riġlejkom.

Għollu ftit raskom, siġar kbar w għajjiena:
'l hinn keċċu n-niket, tħalluhx jersaq lejkom.
Naf li dalwaqt... Dalwaqt tisfaw għarwiena
wid-deheb jaqa' bil-gzuz minn fuq ġenbejkom.

Iżd'għalkemm niexef u bla demm il-weraq
li beda nieżel ma' kull żiffa riħ
għadu jiġbidni lejh bħal-leħħ tal-beraq,

għax isfar u sabiħ: mix-xemx sajfija
donnu seraq id-dawl... u d-dawl herrieh.
Tgħallimt li s-sliema f'qiegħ il-hemm moħbija.

**... RIĦ...**
**(Lill-Ħabib Tiegħi Joe Spiteri Bailey)**

Il-Ħajja bħal qasba
tixxejjer mar-riħ,
titbandal, titgħawweġ,
tixxengel qatigħ.

Il-Ħajja bħal mewġa
titgerbeb mar-riħ,
bħal mewġa li tqanqal
ir-ramel mill-qiegħ.

Il-Ħajja bħal rixa
tittajjar mar-riħ,
tinbaram mitlufa
ġo sema sabiħ.

Bħal qasba, bħal mewġa,
Bħal rixa mar-riħ
Ħajjitna: 'ma bħalhom
xi darba tistrieħ.

**JOE SALIBA**
**(minn *Ferħ, Biki u Poeżija*, 1967)**




**Patrick Sammut: 'RIFLESSI', versi-pensieri 2012-2020, 87 paġna, Volturnia Edizioni, Collana, La stanza del poeta, terza serie.**
**Jikteb Tarċisju Zarb**

Il-ktieb fih dawn it-taqsimiet: Amerigo, Covid-19, Festività, Libri e lettura, Notte, Olocausto, Poeti e poesia, Riflessioni, Solitudine u Viaggiare.

Il-poeta Patrick Sammut – f'dan il-ktieb ippreżentat b'mod tassew sabiħ u li hu prodott artistiku minnu nnifsu – hawnhekk ibexxaq tieqa fuq ruħu u din jaqsamha magħna. Bħala poeta eklettiku, hawnhekk il-poeżiji tiegħu huma bit-Taljan, dik il-lingwa li rridu jew ma rridux nassoċjawha bis-sħiħ mal-poeżija. U dan, Sammut jagħmlu u jagħmlu tajjeb ħafna.

B'dan il-mod il-poeżija ta' Sammut teħodna f'pajsaġġ lingwistiku daqskemm poetiku li miegħu aħna nkunu nistgħu nirrelataw, jekk xejn minħabba li l-lingwa Taljana minnha nnifisha hija lingwa poetika, li lilna l-Maltin taffaxxinana, jekk xejn, forsi minħabba l-vokalizzazzjoni u r-ritmi tagħha. U għaldaqstant, hawnhekk nissieħbu ma' Sammut li jitkellem dwar għadd ta' naħiet varji tal-esperjenzjalità tiegħu tal-ħajja – esperjenzjalità, li magħha, żgur li kull wieħed u waħda minna jassoċja u jimmedesima ruħu. Dan, jekk xejn, minħabba li Sammut ma jħobbx idoqq l-eżoteriċità, daqskemm iħobb jitkellem bil-mod dirett u frank tiegħu – il-bniedem ġenwin li jaf, jagħraf u jħoss dak li jkun qiegħed jgħid.

Huwa jitkellem miegħu nnifsu b'dan l-att poetiku, u bl-istess mod jitkellem miegħek bħala qarrej/qarrejja u miegħek jaqsam it-travalji tiegħu. Huma travalji li aħna nassoċjaw ruħna magħhom b'saħħa, u għaldaqstant l-uniku mod kif wieħed jieħu mill-matmura tagħhom hu billi kull tant żmien, jieqaf u jaqra ftit versi mill-pinna ta' Sammut. Pinna li tirrifletti profondità. Spiritwalità. U ġenwinità.

U dan jidher sew minn dawn il-versi, versi li nkitbu fuq medda ta' snin, u li juru sewwasew l-inkwetudnijiet ta' dan il-poeta, li jieqaf bħal kull bniedem ieħor jirrifletti fuq it-traġettorji tal-ħajja, xejn inqas, fuq il-qagħda li tinsab għaddejja minnha d-dinja fi żmienna. Imma ma jiqafx biss jirrifletti, iżda jgħaddi wkoll biex għall-inqas retorikament jipponta xi tip ta' subgħa lejn xi ħadd.

Adesso un freddo misterioso
minaccia i nostri cuori
rischiamo di essere inghiottiti dal buio
in questa maledetta primavera.

Alla fine mi chiedo: di chi è la colpa?
Non certo della stagione.
(*Maledetta Primavera,* p. 20)

Din il-qagħda ta' ruħ tibqa' tidher f'dawn il-versi, versi ta' interminabilità, li fihom hemm int, jien u kulħadd. Imma sadattant, id-dlam ma jirbaħx. Hemm it-tama, kif jidher fi tmiem ta' din il-poeżija li qed nikkwota:

Insieme siamo rimasti chiusi dentro
per settimane interminabili.
Insieme nelle nostre celle solitarie
abbiamo respirato aria pesante.
Insieme abbiamo visto
la primavera mutare in un autunno
che ha spazzato via i più deboli
con ventate silenziose, invisibili,
ventate apocalittiche!
[...]
Insieme riabbracciamo la vita esterna
insieme
con circospezione... (*Insieme*, p. 23-24)

U l-poeta mhuwiex waħdu. Huwa jgħix ma' u minn poeti oħra. Flimkien huwa jsostni l-'kredi'/'ir-

riflessjonijiet'/ 'il-preokkupazzjonijiet' tiegħu – iżda dawn mhumiex tiegħu biss, imma wkoll ta' komunità unika – il-komunità tal-poeti – dawk l-essri li jafu b'xulxin jew le, u jinsabu jekk xejn arketipalment magħquda, u jsostnu lil xulxin, bl-istess mistiċità tagħhom. Flimkien huma jsawru ethos speċifiku – ethos uniku – l-ethos tal-poeżija, dik il-qagħda ta' ruħ li tittraxxendi kull tip ta' kulturalità, daqskemm ukoll ta' speċifiċità. Hawnhekk l-univers jirbaħ. U dan x'jaħseb il-poeta:

Penso a voi, soprattutto in questo periodo speciale,
e v'immagino occupati col vostro lavoro
tutti impegnati in settori diversi
tutti con le proprie benedizioni e i propri pesi
tutti con momenti felici e altri tristi
tutti con le proprie forze e con i propri dolori
nel vostro piccolo mondo.
(*Buon Natale a voi Poeti del Mondo*, p. 27)

U din qagħda ta' ruħ oħra, qagħda li fiha l-qari jitkellem jgħajjat fis-sikta tiegħu:

Per un attimo
brevissimo
ho scorso parole in fila
sospese
su un vuoto abissale e tutto s'è fermato

per un micro-secondo
s'è fermato il mondo
un breve giro di testa
e subito
un ritorno
alla vita normale. (*Leggendo*, p. 35)

It-talb, li kif nafu joqrob bis-sħiħ lejn il-poeżija – u li fl-idea tiegħi hu poeżija minnu nnifsu jirbaħ ukoll fil-poetiċità mistifikata ta' Patrick Sammut. Għax it-talb u l-poeżija għandhom mill-istess spirtu, spiritwalità u l-aspett meditattiv li jsawwarna u jibnina bħala bnedmin, li naħsbu u nirriflettu:

In questo mondo piccolo-grande
grazie, Signore.
In questo nulla-tutto grazie, Signore.
In questa chiusura quotidiana
l'apertura a una nuova conoscenza.
In questa notte-riposo
chiudo gli occhi
e mi distendo
nelle tue braccia invisibili....
(*Quando cade il-silenzio*, p. 43)

Id-definizzjoni ta' x'inhi poeżija, tinħass sew f'din il-poeżija, awtopoeżija ta' min jifhem, jagħraf u jħoss, li ma tistax tikteb poeżija mingħajr ma tħalli lilha tgħidlek hi min hi. U l-poeta qiegħed hemm biex iħalli jwerrqu il-metaforizzazzjonijiet ta' ġo fiha, kif jidher sew minn dawn il-versi:

La poesia è quella presenza
gentile, eterea che incontro nei sogni
una volta ogni tanto...
È la brezza che mi accarezza
quando guardo l'orizzonte
dalle scogliere in solitudine...
È il tocco delle labbra
dell'amata sulle mie...
la tenerezza negli occhi dei miei figli,
angeli custodi dell'anima.
Per me la poesia
è un sorriso leggero
una presenza costante
mai distante...
è sempre lì nascosta
basta rallentare, respirare,
e tutto diventa magia, poesia!
(*Per me la poesia*, p. 53)

U f'dan l-itinerar il-poeta ma jistax ukoll ma jgħaddix kummenti dwar dawk il-'fruntieri' tal-eżistenza tagħna, fejn fihom iħossu li għandu jifhem biex jirrifletti u jikkontempla:

In questo primo giorno dell'anno
faccio il primo passo
su una corda tesa tra due alte cime.
All'inizio m'accompagna la paura
a ogni passo
ma col tempo acquisto sicurezza
per poi vedermi muovere leggero, veloce.

Malgrado tutto
so che durante questi
trecentosessantacinque passi
fatti nel nulla
ćè sempre il nulla in agguato
e non sempre brilla il sole.
Una sola distrazione,
unica, traditrice,
e cado nel fondo più pofondo,

Senza ritorno.
(*In questo primo giorno*, p. 59)

Is-solitudni u l-poeżija, għal xi raġuni jew oħra sabu għelieqi komuni fejn jimirħu. U dan jidher ukoll minn din il-poeżija, poeżija fejn is-solitudni tagħti nebħ ġdid lill-poeta:

Mi ascolta con pazienza
mentre rimugino solo in silenzio,
finestra sul tempo passato, portatrice
di venti di nostalgia, portavoce
di persone care
che non ci sono più.

Ahimè! Questa mia solitudine
spazio abissale, compagna fatale...
(*Questa Solitudine*, p. 69)

U sadattant ma nagħmlux ħażin li nħossu xi ftit mill-awtostrada ta' 'l barra minn art twelidna – l-Italja, u hemmhekk bħal qisu jonfoħ is-sens tal-ħelsien u l-libertà, biex b'hekk il-poeżija tkompli tagħtina sens ta' riljiev, kemm meta din iddoqq nota moribonda, kif ukoll meta ddoqq nota katastrofika, kif ukoll meta tagħtina nota ta' fidwa.

Fuggiamo veloci
lungo autostrade riccioli grigi.
Ai lati verdi mammelle
con a valle case lentiggini.
Qua dentro l'occho osservatore
qua dentro l'aria bolle...
Là fuori tutto è rapido
e il vento primeggia invisible.
Là fuori un tetto di nubi,
ma il sole e il cielo celeste guardano timidi
e tutto sembra fermo.
L'io è sereno e sorride
l'alito divino è ovunque. (*Sull'autostrada*, p. 75)

B'dan il-mod rajna kif *Riflessi* ta' Patrick J. Sammut hu l-mod kif il-poeta jiltaqa' ma' ħsusu, ħsibijietu u qagħdiet ruħu, u hekk filwaqt li jitkellem miegħu nnifsu, iwassal b'sempliċità awtentika l-att poetiku – dak l-att li jagħni l-ħajja tagħna, iseddaqha u jagħtiha sens. Għax hija l-poeżija, l-'uniku' mod kif aħna niltaqgħu magħna nfusna lil hinn minn kull tip ta' test/text ieħor. Hija tbexxaq twieqi, li l-att poetiku biss jaf jagħmlu.



## L-AMBJENT F'*RAĠEL BIL-GĦAQAL* TA' ĠUŻÈ GALEA

**Kitba ta' Victor V. Vella**

B'xi mod jew ieħor, l-awtur ta' rumanz irid joħloq 'il-palk' jew is-setting fejn se jiġri l-avveniment li jkun se jikteb fuqu. Hemm minn jieħu kapitlu jew tnejn biex jiddeskrivi jew joħloq dan l-ambjent bħalma jagħmel l-awtur Ingliż Charles Dickens fil-bidu tar-rumanz *Bleak house* fejn jieħu kapitlu sħiħ biex jiddeskrivi iċ-ċpar li kien jifga lil Londra. Hemm awturi oħra li jħallu l-ambjent jinkixef bil-mod il-mod matul l-istorja . Dan jista' jsir b'vinjetti qosra matul l-istorja jew bil-kliem stess tal-karattri li juru fejn qegħdin fid-djalogi u t-tpaċpiċ ta' bejniethom. Ikolli ngħid li Ġużè Galea jippreżenta l-ambjent bħala parti intrinsika tal-istorja. Dan jagħmlu biż-żewġ modi li semmejt: li jiddeskrivi u wkoll li jpoġġi l-karattri fil-qalba tal-ambjent u jsir parti importanti mill-istorja, minghajr ma joqgħod, biex ngħid hekk, jinterrompi l-istorja billi joqgħod ibiddel is-slides. Galea juża l-ambjent ukoll biex joħloq l-atmosfera storika tal-istorja li jkun jikteb.

Iftah l-ewwel paġna tar-*Raġel bil-Ghaqal* u mill-ewwel tolqtok id-deskrizzjoni jew is-setting ta' parti mill-istorja u tħoss, 'is-skiet ... il-ħemda u l-faraġ tal-




Għolja ta’ Santa Marija.'  Iżewwaqhom ukoll bit-dettalji li jaghtina:  '... nibet u xxettel is-sagħtar dik is-siġra ... baxxa u sfiqa donnha ġezza suf tissieħeb mal-plejju u r-riġnu.'  Li kollha jeħduna sad-'dwejra għolja imperrċa fuq il-quċċata donnha mwieżna bejn sema u l-art... dar żgħira b'żewġ kmamar ... bieb baxx jissakkar bi stanga tal-ħadid, bi twieqi żgħar magħluqin b'qafas tal-ħadid u ċint m’ogħla qasba jdur mas-setaħ kollu.'  Li kollha  jgħinu biex b'dawn il-biċċiet ta’ 'gigsaw puzzle ' nifformaw  kwadru  ċar tat-tip tal-bini u l-ħajja ta’ madwarha ta’  6/7 mitt sena ilu.

Ma’ dan l-awtur idaħħal id-drawwiet  ta’ dak iż-żmien b'sengħa diretta u sempliċi bħal f'din is-sentenza   fejn 'ftit qabel inżul ix-xemx... Marku ħareġ iqatta’ siegħa fis-setaħ għall-frisk biex iserraħ moħħu.... u... fejn  it-triq li minn qalb ir-raba’  tiltaqa’ mal-oħra li tgħaddi minn xifer il-baħar, Marku ra erbgħa min-nies moħbija wara ħajt tas-sejjieħ...' dettalji li jeħduna inkiss inkiss  għas-suspett  u għall-istorja.

Eżempji ta’ dan it-'taħwid' ta’ veduta u azzjoni hemm numru ġmielhom, bħal din l-oħra fejn insibu lis-sur Falzun, 'mixħut fuq il-blat, jgħarrex lejn xefaq il-bahar jew jigbor il-ħxejjex mgħakksin ta’ fuq il-blat'.  Le, ma jpingix xi veduta  b'xi daħla  mrammla u bl-ilma ċar fejn tista’ tara l-ħut u r-rizzi fil-qiegħ ċar ta’ baħar kalm.  L-awtur juża dawn l-ikoni biex insejħilhom hekk ta’ art iebsa u diffiċli li tkabbar xi ħaġa fiha, li toqgħod tajjeb mal-istorja ħarxa globali... bejn is-sinjur u l-fqir, bejn min hu fil-poter u min jitgħakkas taħt dan il-poter.  Għax il-ġlieda ta’ Galea ma tikkonsistix biss fil-kmamar tal-poter jew f'xi  ġlieda bejn grupp u ieħor imma tinsab ukoll fin-natura fejn sigra tal-lumi trid tbati biex tgħix. Bħalma juża l-maltemp tal-baħar li diġà semmejt fl-ewwel esej. Imma li kif joħolqu l-awtur ikompli isaħħaħ il-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin.

Din il-ġlieda ma tiġrix fin-natura biss jew kif urejt fil-bidu ta’ din is-sensiela mal-baħar biss.  Il-ġlieda   ssir iżjed umana  u tispicca fi ġlied veru,  ġlied bejn nies, suldati u furbani: 'il-furbani... iktar tħawdu u tħabblu u bdew jitgerbu fil-ħniedaq, jaħbtu ma’ ħitan tas-sejjieħ u jeħlu fl-għollieq... u s-suldati Maltin iżjed jiħraxu u jkattru l-qilla tagħhom'. Ġlied li saħansitra jidħol fil-kmamar tal-poter u tal-Kunsilli fejn insibu lil Diegu Alagona u Marku Falzun jitmassħnu fuq il-qagħda tal-bdiewa li sabu ruħhom f'sitwazzjoni li 'illum ħadd ma jista’ joqgħod b'moħħu mistrieħ għax ħadd ma jaf x'ġej fuqu!'

Ġlied u nkwiet u ħruq ta’ nies u ta’ qamħ u furbani 'imkabrin, maħruqin, imsawtin, mbenġlin',  u qtil u maltempati.  Jaħbtu jgħejjuk u jifgawk u bħal xi film modern tant tiddejjaq tara demm u mwiet li  tagħlaq għajnejk ħalli ma tarax iżjed  u tistrieh ftit.  Bħalma għamel Marku Falzun li fost dan il-ġlied u t-traġedji kien isib xi rokna għall-kwiet, li f'dan il-każ kienet il-gżira ta’ Kemmuna fejn kien iħobb iqatta’ xi erbat ijiem 'imbieghed  mill-agħa  tal-bliet,  (igawdi) il-ħajja  ħiemda ... Iqatta’ sigħat sħaħ mixħut fuq il-blat jgħarrex lejn xefaq il-baħar jew jiġbor il-ħxejjex mgħakksin ta’ fuq il-blat xagħri.'

Fejn l-awtur  jikser ftit  il-ġenn tal-ħajja  biex hu  u  l-prim attur jieħdu in-nifs. Flok imorru  f'ħotel u jieħdu drink u jitħalltu ma’ xi erbat irġiel u nisa, u tazza whisky  bħalma  kien  jagħmel  John  Wayne  fil-'westerns',   l-awtur ipoġġi l-artist fil-kwiet u fil-ħemda  ta’ gżira żgħira, li ma kinitx toffri wisq  ħlief il-kwiet u xi 'haxixa miskina.' U xi bidwi jiġġieled man-natura biex jgħix.




## *DUN MIKIEL ATTARD* – LI BAQA' FIL-QALB TA' DAWK LI LTAQGĦU MIEGĦU

**Jikteb Joe M. Attard**

Dan huwa l-isem tal-pubblikazzjoni voluminuża, stampata u llegata għand il-Gozo Press t'Għajnsielem fuq karta tassew tajba u b'tipi ċari li jinqraw bla ebda tbatija.

Din il-pubblikazzjoni tikkonsisti f'artikli li nkitbu tul dawn l-aħħar ftit snin dwar il-qassis twajjeb Dun Mikiel Attard min-Nadur u li dehru f'diversi rivisti u gazzetti lokali. Ċertament li hekk joktor in-numru ta' dawk li bil-grazzja tal-Mulej jistgħu jiksbu ġid spiritwali bil-qari ta' dawn l-artikli miktuba min-nies li daqu b'xi mod l-ispiritwalità ta' dan il-qassis twajjeb. Ma nkunx qed niżbalja jekk ngħid li din il-pubblikazzjoni tikkonsisti f'sensiela ta' artikli, bosta drabi akkumpanjati wkoll b'xi ritratti, miktuba min-nies differenti, jekk ma niżbaljax madwar erbgħin u li kollha kienu xi darba qrib ta' dan is-saċerdot twajjeb, li ħadmu miegħu jew akkumpanjawh f'xi appostolat li għamel tul ħajtu.

Is-suġġetti tal-artikli huma varji daqs kemm varji huma l-persunaġġi li qasmu bejniethom dwar dan il-persunaġġ. Fost l-oħrajn insibu lill-Kardinal Mons Mario Grech u xi saċerdoti. Niltaqgħu wkoll ma' lajċi, żgħażagħ u nies anzjani, sportivi u nies ta' ħajja kontemplattiva. L-unika rabta bejniethom hi li kollha kemm huma b'xi mod ħassew il-kariżma ta' Dun Mikiel taħdem fihom. Min ħassha hawn f'pajjiżna, min ħassha fix-xhur li għamel miegħu fil-missjoni, min ħassha waqt xi priedka, min ħassha f'xi grupp ta' talb u min forsi ħassha wara li qara xi kitbiet ta' dan is-saċerdot hekk twajjeb u qaddis. Okkażjonijiet differenti iżda kollha ħallew il-marka ta' Dun Mikiel fil-qalb ta' dawk il-kittieba.

Kif wieħed jista' jimmaġina, l-artikli f'dan il-ktieb ikopru medda ta' snin. Hemm min jirrakkonta ġrajjiet Dun Mikiel meta kien żagħżugħ u hemm min jirrakkonta ġrajjiet meta dan il-qassis twajjeb kien mitfugħ f'qiegħ ta' sodda mifni mill-mard fl-aħħar snin ta' ħajtu. Nidħlu mal-kittieba fl-artikli fis-Seminarju, fil-Monasteri tal-Klawsura, fl-Oqsma tal-Museum, fil-laqgħat taż-żgħażagħ, fil-Gym talb, fis-Santwarju Ta' Pinu, u fil-ħin li Dun Mikiel kien jgħaddi quddiem Gesù l-Ewkaristija. Saħansitra nidħlu magħhom ukoll fid-dinja sportiva u nimxu magħhom fl-artijiet tal-Missjoni. Għax għal dan il-qassis twajjeb kull post kien għalqa fertili fejn tinżera' l-Kelma t'Alla.

Jalla dawn il-kitbiet li sa ssibu waqt li tkunu tqallbu l-paġni ta' dan il-ktieb iressqukom lejn Gesù – il-kelma li Dun Mikiel kien tant iħobb u li kienet dejjem fuq fommu. Naħseb li b'hekk inkunu wasalna fid-destinazzjoni li dan il-qassis twajjeb xtaq li aħna lkoll naslu fiha. Għax bħalma kien iħobb jgħid u jikteb... mingħajr Gesù ma nistgħu nagħmlu xejn għax 'kollox bih, fih u kollox għalih.'

Prosit lil Mons Gużeppi Attard, ex Arċipriet tal-Katidral u Rettur tal-Knisja ta' Kemmuna, li ħa ħsieb din il-pubblikazzjoni li issa għandna f'idejna li bla dubju tista' tkun ta' ġid kbir lil dawk li jiksbu kopja tagħha li tista' tinkiseb mill-Parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex u mil-libreriji ewlenin, inkella mis-Seminarju tagħna. Tistgħu ukoll iċċemplu 77321118.

Jien inħeġġeġ lill-qarrejja ta' din ir-reċensjoni biex jitolbu bl-interċessjoni ta' Dun Mikiel Attard u biex jaraw li jitkellmu jekk iħossu li qalgħu xi grazzja speċjali bl-interċessjoni tiegħu biex b'hekk isseħħ ma ddumx il-Beatifikazzjoni tiegħu u b'hekk Għawdex ikollu fi żmien qasir qaddis ieħor li jkompli jinterċedi għalina quddiem Alla u Ommu Marija biex għada pitgħada aħna wkoll ikollna x-xorti li niltqagħu miegħu fit-tgawdija tal-Ġenna.




## L-URĠENZA NARRATTIVA F'ĠORĠ PERESSO - L-ewwel parti

**Kitba ta' Charles Briffa**
**(Ġorġ Peresso, *L-aħħar Warda*, Horizons, Malta, 2021)**

**Introduzzjoni**

Hemm wisq xi tgħid fuq dan ir-rumanz mgħobbi b'kultura erudita.

Il-fantasija ta' Ġorġ Peresso turi psikoloġija li kienet teżisti f'moħħu qabel ir-rumanz. L-interess tiegħu fil-fantastiku huwa x'aktarx bħala akkumpanjament għal attitudni ta' tħassib lejn ġrajjiet tar-realtà. Il-preżenza tal-fantastiku tagħti ħjiel ta' interpretazzjoni ta' avvenimenti vitali u għaldaqstant hemm il-bżonn ta' malajr – urġenza – għall-għarfien biex din l-interpretazzjoni tkun tista' twarrab il-probabilità interna tal-fantastiku u tqanqal xi spjegazzjoni tal-possibilità tar-reali.

Il-kunċett stilistiku ta' "urġenza" huwa l-ħolqien ta' sentiment fil-qarrejja li jridu jħossu li għandhom jaqraw ix-xogħol minnufih. Mhux biżżejjed li awtur ikollu xi ħaġa xi jgħid f'rumanz: jeħtieġ li dak li jgħid ikun interessanti biex jaħtaf l-attenzjoni tal-qarrejja u jimbuttahom biex jaqrawh. Awtur li jkollu ideat tajbin, xeni interessanti, u djalogu ħaj, irid iħaddem sengħa biex jorbot dawn ix-xejriet flimkien ħalli bil-qies stilistiku jħajjar lill-qarrejja jagħtu aktar kas ta' dak li jippreżentalhom. U b'dak il-qies l-istorja ppreżentata ssir aktar importanti u jkun hemm tagħdis ħlejju fil-qari.

F'Ġorġ Peresso nħoss li hemm din l-urġenza narrattiva fix-xejriet tematiċi u fil-bixriet stilistiċi. U jinqeda bil-fantasija bħala parti minn din l-urġenza. Imma jdaħħal aspetti bħas-simboliżmu u l-kultura erudita li jitolbu s-sabar tar-riċerka – sabar li jagħti ġieħ lill-urġenza.

**Ir-realtà**

Ġorġ Peresso, f'*L-aħħar Warda* (li huwa xogħol klassiku ta' żmienna), jittratta r-realtà, u biex jiddilja mar-realtà jħaddem il-fantasija magħġuna mal-filosofija, is-simboliżmu, u r-reliġjon. Ir-realtà f'dan ir-rumanz narawha f'dehriet bħal ta' raġel kasbari li jipprova jirrejpja tfajla għax sabiħa (dehra li għandha ħafna mill-ħrafa ta' *Little Red Riding Hood*) u bħal ta' bulldozer imżarġna li tikklirja ġmiel wied. U narawha wkoll (ir-realtà) żgur f'temi bħas-sens ta' ġustizzja, is-sens ta' ħajja u mewt, il-valur tal-lingwa, il-valur tas-skiet – temi li jissieħbu u jitwaħħdu ma' dawk viżjonarji li jfittxu fl-astratt u fil-fantastiku dak li jista' jmur 'l hemm minn dak li hu normali jew tas-soltu; temi li jaslu sax-xfar tal-mistiku għax f'dan it-twaħħid jitqanqal it-tħassib li jressaq f'ġustapożizzjoni (fost oħrajn) il-fidi mad-dubju u d-dehen artistiku mal-kilba għall-flus – hawnhekk Peresso joqrob ħafna lejn Herman Hesse (1877-1962) li kien affettwat bil-bosta bil-mistiċiżmu tal-filosofija tal-Lvant. Huwa twaħħid li jagħraf li l-ġmiel huwa xejra ewlenija tal-verità – tema li tissieħeb mal-poeżija *Ode on a Grecian Urn* ta' John Keats (1795-1821: "beauty is truth, truth beauty"). F'Peresso l-ġmiel tan-natura huwa verità spiritwali; anki l-ħajt tas-sejjieħ għandu jkun irrispettat għax għandu "ġebel li kennen ġnien, is-siġar, u l-fjuri" u ma jixraqlux ikun "imżeblaħ". Dan kollu huwa parti mir-realtà ta' moħħ Peresso u huwa l-qofol ta' ruħ in-narrattiva f'dan ix-xogħol.

Huwa dan it-twaħħid li jġegħelni nilmaħ urġenza narrattiva.

Fis-sħuħija tar-realtà li Peresso jpinġi hawnhekk tidher ċara x-xewqa tal-awtur li jridna nifhmu li dik is-sħuħija hija dinamika – sħuħija dinamika tar-realtà li l-funzjoni tagħha tinsab fil-kontemporanjetà. Ir-referenza għaż-żmien (tal-lum) u għall-post (li huwa xi mkien f'Malta) tgħinna nifhmu aħjar il-kondizzjonijiet tal-eżistenza tagħna. Ir-rumanzier jikteb min-naħa tal-klassi li tħares lejn id-diffikultajiet urġenti fis-soċjetà umana, u fil-kunċett ta' realtà tiegħu jemfasizza l-element ta' żvilupp fil-ħsieb tal-bniedem kontemporanju; u għaldaqstant ma jiqafx billi jagħmel il-konkret possibbli, imma jissokta billi minn dak il-konkret jislet xi ħsibijiet possibbli. Din ix-xorta ta' letteratura tesprimi l-ħtieġa li jkun hemm riġenerazzjoni u transformazzjoni kontinwa fil-ħsieb kontemporanju biex nevitaw l-awtomatizzazzjoni. Iddur għall-kultura li tirrifletti, tħassar, issawwar, jew tbiddel ir-realtà.

U l-awtur (li jikkritika l-iżvilupp sfrenat tal-art) ma jwarrabx l-iżvilupp, imma "l-veru żvilupp" għalih għandu jkun "progress u rispett lejn l-art", u jekk "art xagħrija" rridu niżviluppawha, nagħmlu dan mhux "għall-qligħ imma għall-utilità pubblika" għax dik l-art "ħaqqha tkun park pubbliku (m)użew tan-natura". Din id-dehra tal-progress tikklaxxja mad-dehra tal-progress kif jarawh "in-nies tal-flus"; għal dawn il-progress huwa dak li skont "ir-regoli tal-ekonomija" għandu "jiġġenera x-xogħol" għax ix-"xogħol flus" u "l-flus iridu jkunu fil-banek u fil-bwiet".

**Il-fantasija**

Fil-kreattività tiegħu, Peresso jieħu mid-dinja klassika r-rabta tal-fantasija mad-divin. U l-poeżija invażiva tiegħu tagħti leħħiet lejn il-preżent li ma nafuhx (jew, jekk trid, lejn xi futur tal-qrib). Jagħtina fantasija moderna biex jistgħalla l-għarfien tar-realtà ta' żmienna; fi kliem ieħor, sabiex jagħti varjetà ta' perspettivi ġodda tad-dinja tagħna. Din il-fantasija turina l-attitudnijiet kif jistgħu jinbidlu u li moħħna jista' jaffordja għarfien fix-xejriet simboliċi tal-ħsieb li ninqdew bihom bħala filter biex nipproċessaw il-perċezzjonijiet tagħna.

Is-saħħa tar-rumanz titqawwa bil-ħrejjef. Peresso jinqeda bl-elementi tal-ħrafa ta' *Little Red Riding*



**Ġorġ Peresso**

*Hood* – imma jsemmi ħrejjef u leġġendi oħra bħall-istejjer ta' *Snow White u s-seba' nani*, tal-funtana taż-żgħożija, il-ġrajja tal-lupu mqareb f'Gubbio immansat minn San Franġisk ta' Assisi, u dik ta' Simurg. Jekk niffokaw fuq Carmen li kienet tħobb tilbes l-aħmar (bħal Little Red Riding Hood), nistgħu nispekulaw psikoanalitikament u ngħidu li t-tfajla kienet fil-pubertà tagħha: l-aħmar li kienet tħobb tilbes jista' jissimbolizza l-period tat-tfajliet u l-bidu tas-sesswalità tagħha. Insibu karattri komplementari bħan-nanna, l-omm, u l-missier (kif insibu f'*Little Red Riding Hood*) li jissimbolizzaw l-aspetti differenti tal-ġenituri. Meta r-raġel ħajjen u għawli (in-Nagħġu) jipprova jirrejpjaha lit-tfajla innoċenti liebsa l-aħmar, din titgħallem li mill-estremità tal-imħabba tista' tgħaddi għall-imrar u qrusa definita. Imma din il-firda bejn it-tajjeb u l-ħażin taffettwa sew lil Carmen għax in-Nagħġu qatlilha s-sens ta' mħabba għall-irġiel ħlief għal missierha. Kien Wolff (l-ismijiet hawnhekk jidħlu ironikament fil-ġrajja) li ġabilha lura l-fiduċja fl-irġiel; warajh kompla Yorgos. Carmen lil Wolff l-ewwel ratu bħala missierha, imbagħad ħaditu bħala maħbub. Donnu hemm ħjiel ta' interpretazzjoni Oedipali fis-simboliżmu sesswali tar-rumanz jekk aħna nieħdu lil Wolff bħala s-sesswalità tal-missier: il-missier-wulf li jinġibed sesswalment lejn bintu jikseb ix-xewqa tiegħu li jħobbha sesswalment.

Carmen (Evie-Rose) ma' Wolff dejjem tħossha safe psikoloġikament, qatt mhedda minn xi qerq jew ħażen; u bkiet meta Gubbio kien ivvelenat. L-impressjonijiet negattivi Evie-Rose tarahom fil-lapida tan-Nagħġu li ssir donnha ħolma kerha għaliha. Imma f'Wolff tara sens qawwi ta' mħabba hienja, u r-rumanz lil Carmen jagħmilha "blanzun ta' warda ħamra". Jidealizzaha. Ifakkarni f'dak li darba qal Charles Dickens: "Little Red Riding Hood was my first love. I felt that if I could have married Little Red Riding Hood, I should have known perfect bliss." (N.Tucker, *The Child and the Book*, Cambridge University Press, 1991) Il-fantasija ta' Peresso tħaddan it-tama. Meta jkollna nbaxxu rasna għal dak li jkun irid xi setgħan (bħas-Sinjur tal-konsorzju), il-fantasija ta' Peresso taqbeż għalina bit-tfajla wardija. F'din il-fantasija nistgħu nipprotestaw bħas-siġar; ir-realtà hija taqbida ħarxa għal kewn il-bniedem.

Dan ir-rumanz ma rridx nixħtu sempliċiment bħala xogħol fittizju, imma bħala mod penetranti ta' konċettwalizzazzjoni li jixxiftja l-fantasija lejn ir-realtà. Hekk fil-kuntest ta' Peresso l-fantasija u r-realtà għandhom ħaġa li żgur hija komuni: it-tnejn jissortjaw il-patterns ideoloġiċi tal-eżistenza komuni tal-bniedem u fl-istess ħin jiċċalinġjaw id-differenzi bejniethom.

Il-fantasija f'Peresso tillumina aspetti tal-individwu u ta' xi xejriet kulturali, u tgħinna niddiljaw mar-realtà anki jekk fl-istħajjil jew permezz tas-surrealiżmu (li nsibu fl-aħħar taqsima). Fil-fantasija ta' Peresso hemm ix-xewqa għall-ħelsien veru tal-ħsieb li fi ħdan in-narrattiva kreattiva jattiva l-policies ta' trażżin u regolamenti tiegħu. In-narrattiva tikxef, toħloq, u tberraħ wesgħat oħrajn fejn, ħielsa mill-irbit tal-eżistenza morali, ix-xewqat għal ħidma u mġiba bla xkiel jistgħu jiġu żviluppati f'atmosfera mirjuda. Il-preżentazzjoni ta' *L-Aħħar Warda* ddaħħal l-iżvilupp ta' fantasija tal-qawwa awtorjali (bl-għajnuna ta' kultura erudita u l-intertestwalità) li żżomm sod (fost oħrajn) il-ħsieb tal-verità tal-ġmiel u l-ispiritwalità tan-natura. U għal dan ix-xogħol kien jeħtieġ ir-realtà; għalhekk dar għall-konflitti bejn strati soċjali li jikklaxxjaw minħabba fehmiet u mġibiet differenti.

Il-ħolm għandu mill-fantasija u mir-realtà. Huwa x'aktarx ispirat mit-tiġrib tal-jum u skont Freud (f'*The Interpretation of Dreams*, 1900) dan it-tip ta' ħolm huwa fdal tal-jum. Dan il-fdal huwa ħjiel ta' tifkiriet li baqa' mill-ġrajjiet u l-proċessi psikiċi tal-qagħda meta nkunu mqajmin. Il-fdal jintuża bħala materja prima bil-ħidma tal-ħolm li taqdi x-xewqat tal-ħalliem. Il-ħolm jillumina l-psikoloġija umana u l-ħalliem irid ikun jaf kif jiddilja ma' din l-esperjenza invażiva. Imma fil-kultura umana hemm tip ieħor ta' ħolm mibgħut minn xi qawwa – donnu profetiku dan il-ħolm; it-tiswir tal-isem "Evie-Rose" nifhmu li hu riżultat ta' din ix-xorta ta' ħolm, u anki s-siġar imdawrin fl-Appostli. Il-fantasija lil Peresso ppreżentatlu l-opportunità biex hu jkun il-ħallieq ta' tlaqqigħ ta' fehmiet u argumenti politici, soċjali, kulturali, u reliġjużi. Mill-bażi ta' dan it-tlaqqigħ joffri tqabbil (impliċitu jew espliċitu) mat-taħwid u tgerfix tas-soċjetà kontemporanja. U jżid, għax fix-xedda kuntestwali l-ħolm u l-imħabba (għal Wolff) huma qawwiet li l-bniedem ma jistax jikkontrallahom f'ħajtu; huma distinti imma marbutin b'xi mod flimkien ("Il-ħolm u l-imħabba jiġu minn xulxin").

F'moħħ l-awtur, il-ħolm tal-ħajja huwa parti mill-eżistenza tal-bniedem.

**[It-tieni parti tidher fil-ħarġa li jmiss ta' IL-PONT]**

**WHEN I DIE**

When I die
remember me as a sailing breeze
that glided o'er your spring
and kissed your cheeks perturbed by time
- A passing breeze
that swept unseen over roofs and valleys
in search of a sheltering corner
but faced by barring doors
and bittered by the coldness of the frigid rock.

My death is mine
and no-one else's.
It is my slab,
my epitaph
And subterranean cloister
that share my eternal destiny
in oblivion.

**MAURICE MIFSUD BONNICI**
**(minn *In a Nutshell*, PEG, 1987)**

**ĦARIFA**

Niżlin,
il-weraq tat-tin.
Mhux ħodor,
mhux weqfin,
’mma sfajra,
imqarqċin,
għajjiena u mibrumin.
Wiċċhom ’l fuq
għajjura għal sħabhom
li jiddandnu għadhom
mimlijin ħajja.
Arahom jiżżeffnu
ma’ kull iċken stedina
taż-żiffa nebbiexa.
Mhux hekk dawk li waqgħu,
spiċċa tagħhom iż-żmien,
waslu  fit-tmiem,
lewn il-ħamrija lebsin,
 għad-difna mkeffnin.

**LINA BROCKDORFF**

**MALTA TIEGĦI**
**(wara l-kriżi li laqtet lil Malta, fl-iżviluppi fl-investigazzjonijiet tal-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia f’Novembru/ Diċembru 2019)**

F’għomri fl-Awstralja,
dejjem jistaqsuni, minn fejn int, minn fejn ġej?
għax qatt ma semgħu b’Malta,
dan il-pajjiż tal-Ewropej...
U jien ngħidilhom Malta, qrib Sqallija u l-Italja,
gżira żgħira, ġawhra tal-Mediterran,
u niftaħrilhom bil-baħar, ix-xemx u l-istorja tal-ġens tagħna
li rebaħ lil kull setgħan.
Illum ma jistaqsunix aktar dwar Malta,
kulħadd jaf b’Malta tagħna llum,
jgħiduli x’qed jiġri hemmhekk?
fejn joqtlu l-ġurnalisti
fil-qalba tat-turisiti,
u l-flus jinħaslu u jinxtraw il-passaporti
u l-ġustizzja, pulizija u qorti
f’idejn il-ftit setgħana jitbissmu x-xorti.
U jien niftaħrilhom bil-baħar, ix-xemx u l-istorja tal-ġens tagħna
li rebaħ lil kull setgħan.

**JOE AXIAQ (Melbourne)**

**JEKK MHUX RAGĦDA**

Jekk mhux ragħda x’setgħet kienet
dik li smajna bosta ’l bogħod,
donnha diwi ġej mill-ibħra,
misterjuż daqskemm remot.

Jekk mhux krib ta’ tajr imbiegħed
li mitluf deher fl-orizzont,
jekk mhux mewġ li f’daqqa tqanqal
mill-abbiss, il-qiegħ profond.

Jekk mhux l-eku ta’ tempesta
illi qamet minnufih,
’k mhux qawwiet insuperabbli
ta’ kemm ħalel u ta’ rjieħ.

**CHARLES BEZZINA**

**MA NDUMUX**
**(Triq ir-Repubblika, Marzu 2021)**

Messaġġier bi ftit files,
tfajla fuq il-mobile,
it-Taljani tar-restawr biss.
Fejnhom l-eluf illum?
Baqgħu kollha rieqda?
Mhux ġejjin l-avukati, l-akkużati, diretturi illamtati,
għall-kafè?
Mhux ġejjin l-imħallfin, tan-negozji, ġojj'lleriji
żewġ pastizzi, kikkra te?
Jien hawn għadni
siekta, imma xejn ma jaħrabli.
Nistenna li nerġgħu niltaqgħu,
ma ndumux.

**EDWARD BONELLO**

**IMMA HAWN MIN IĦOBBU**

Meta l-warda titbiel,
għax ix-xemx qed tiqliel,
meta jiġi d-dubbien
u naraw il-wirdien,
meta l-ġilwa tan-nemel
toħroġ timraħ mal-qiegħa,
u n-nemus insidjuż
biex ikompli jżid hemmhekk,
jiġi jisker fuq demmek,
ngħidu wasal is-sajf.

Imma hawn min iħobbu,

u jieħu pjaċir bih.

Meta tħossok mifluġ,
b'riħa t'għaraq, maħmuġ,
tibda tħossok mitluq u għajjien.
Meta s-sħana tagħmel bik,
u tħallik,
f'apatija li kważi tifnik...

Meta l-mitraħ u l-friex
li soltu joffrulek mistrieħ,
isiru qishom maġmar
u ma ssibx serħan fih,
meta tagħmel lejl sħiħ
titqalleb u ddur bla serħan,
imxarrab, għarqan,
ngħidu wasal is-sajf.

Imma hawn min iħobbu,
u jieħu pjaċir bih.

**CHARLES MIFSUD**

**ESAĠERAT**

ix-xemx fietla fuq dahri fix-xitwa,
it-tbissima ta' tarbija,
is-siġar folti,
ir-riħa tax-xita,
iċ-ċafċifa tal-baħar,
il-miljun forma li jieħu s-sħab,
iċ-ċajt li jaqsmek bid-daħk,
ir-reżħa tal-Majjistral,
il-ħarsa minn taħt bejn żewġ maħbubin,
l-aħħar te ta' filgħaxija,
l-arti f'kull forma tagħha,
ir-riħa tal-ħobż mixwi fuq l-ispiritiera ta’ nannti,
is-sodisfazzjon li tħoss meta tagħmel xi ħaġa tajba,
it-tkarwit tar-ragħad fil-bogħod,
il-ħoss tar-riħ minn bejn l-labar taż-żnuber,
l-għeluq tal-ftuħ tal-Guglielmo Tell ta’ Rossini,
l-aroma tal-ewwel kafè,
il-kwiekeb feġġejja u t-teptip sielem ta’ sħabhom
meta jinqata’ l-elettriku,
it-tismira mas-siġġu tal-ajruplan ftit qabel jinqata’
mill-art,
l-akuti tal-kitarra ta’ Slash,
l-armonija mitlufa w misjuba fil-ħitan tas-sejjieħ,
il-gowl tar-rebħa fl-aħħar sekonda,
ir-ramel sħun bejn is-swaba’ ta’ saqajk fuq xatt ramli
fi tmiem Lulju,
it-tmellisa ta’ idek ma’ wiċċi.

Għax int twelidt biex tgħix dana wkoll
Il-ħajja mhijiex biss elf blata w skoll.

Għixha l-ħajja dejjem b’ħarstek mgħollija
La titnaffarx quddiem it-tbatija.

Għixha l-ħajja u kun grat
U fuq kollox ħobb b’mod esaġerat.

**IAN SCICLUNA**

**IL-POETA**

Il-bniedem, il-Poeta,
Il-bniedem ta’ kull żmien.
Il-bniedem l’għandu f’qalbu
is-seħer tal-ħolqien.

Taraħ irid jitkellem
mal-fjuri fil-widien.
Jitkellem mal-għasafar
jew waħdu f’post, xi mkien.

Ħassieb li qatt ma jegħja,
magħluq f’ġenna ta’ skiet.
F’kamartu ’l bogħ’d mill-ħsejjes,
mitluf fi ħsibijiet.

Hemmhekk isib il-hena
biex jikteb li jixtieq;
biex dak li hemm ġo qalbu
ma jmurx għal għonq it-triq.

Għalhekk dejjem issibu
bil-pinna ġewwa jdejh
sabiex kull ħsieb iniżżel
fuq karta li tkun ħdejh.

Jixtieq li dak li jikteb
jinbidel f’melodija
ta’ versi sbieħ, mexxejja
fi ġmiel il-poeżija.

Bi kliemu, l-Poeta,
tarah inixxi d-demm.
Iħoss u anki jibki
x’ħin ruħu ssib il-hemm.

Hekk jaħseb il-Poeta.
Bil-qtar ta' dmugħ f'għajnejh
u f'qalbu tixgħel fjamma
ta' ħlewwa fuq xufftejh.

Hekk joħlom il-Poeta:
Li qiegħed jgħix ġo ġnien
miksi bi kliem ifewwaħ
bħal warda kollha lwien.

**JOSEPH SCIBERRAS**

**LIL HINN MILL-JIEN**

Jien min jien
biex inżommok ankrat mal-ħolm tiegħi?

Jien min jien
biex ngħammidlek għajnejk mit-tlellix id-dinja?

Jien min jien
jekk ma nħallikx timraħ lil hinn mill-orizzont?

Jien min jien
jekk ma nafx nifhem li l-ħajja vjaġġ u aħna lkoll
baħħara?

Jien min jien
għax jien, jien!

**KAREN MAMO**

**LIL DAWK LI NQAST**

Jekk f'dat-tren ma stajtx nieqaf
jew fil-folla ma rajtekx.
Jekk b'pass mgħaġġel kont qed nimxi,
bqajt għaddej ma sejjaħtlekx.

Jekk ħallejtek waħdek miexi
bla ma nżilt jew tajtek kenn.
Af li qalbi mhux hekk xierfa

u ser tibqa' bla ma tħenn.

**OMAR SEGUNA**

**TAQBIDA**

Mal-pass ħarkien taż-żmien
teqliel qiegħda t-taqbida
tal-jien mal-psewdo-jien;
taqbida li nġorr miegħi
kullimkien;
taqbida li ttul fija
mill-għodwa sal-għaxija
bla waqfien...

bla nista' nsir naf qatt
jekk għadx jirbaħ il-jien
li naf jien biss
inkella l-psewdo-jien
li jaf kulħadd.

**CARMEL G. CAUCHI**

**KIEN**
**Lil Kelinu**

Meta jfettillu
kien irekken is-sigrieti tan-nies
mal-ħwawar, fi flixken żgħar tal-ħġieġ,
u jagħġen ħolmiethom
mal-bċejjeċ tat-tafal li jiġbor
minn bejn ir-ramel, l-alka u l-blat.

Qabel iżernaq kien joħroġ 'il barra
biex ġismu u ruħu jitbierku mix-xemx.
Mal-għabex iħalli n-ngħas iġorru miegħu
fl-għerien twal tad-dlam u tas-skiet.

Għalkemm xiħ, ta' spiss
kien iħossu żagħżugħ, ħerqan jippjana,
jittama u jgħarrex madwaru,
dejjem imwaħħad mas-siġra ta' ħajtu
b'fergħatha daqqa wieqfa u siekta,
u daqqa jitkebbu, jperpru, u jidwu mal-irjieħ.
Kien jafda fis-seħer tal-kwiekeb li jidhru
u jibża' mill-għadab ta' dawk mistoħbija.
Kien isib is-sabar f'ħoss l-ilma ġieri
jgelgel fil-wied għammieli ta' moħħu.

Kien dħuli, kien żorr –
ħabib u għarib.
U meta jfettillu
kien irekken is-sigrieti tan-nies
mal-ħwawar, fi flixken żgħar tal-ħġieġ,
u jagħġen ħolmiethom
mal-bċejjeċ tat-tafal li jiġbor
minn bejn ir-ramel, l-alka u l-blat.

**MARLENE SALIBA**

**IL-BDOT**

Kuljum inħossok ħdejja
għalkemm ma narak qatt;
tagħraxni biex turini
li m'għandikx Sibt u Ħadd.

U nħares lejn il-mera
biex nara wiċċi sew;
u le m'aħniex magħdura
għalkemm għajnejja bdew.

U le, saqajja sodi,
megħjuna mill-bastun;
itlaq minn ħdejja, isa,
ħallih f'idejja t-tmun.

Smajt daħqa li tarrxitni;
warajha terremot;
"Għalissa saħħa, sieħeb;
'ma dejjem jien il-bdot."

**KARMENU MALLIA**

**INĦOBBOK WISQ!**
**(b'dedika lis-Sajf)**

Għaraq nieżel ma' ħaddejja
lanqas roqgħa b'naqra frisk ...
jaħarquni xfar għajnejja
imma xorta nħobbok wisq!

Nonfoħ, nilheġ ... b'telqa kbira
met' għall-bżonn noħroġ irrid
jekk bil-ġuħ indellek ftira
imma xorta nħobbok wisq!

Glalen t'ilma kuljum nixrob
frott, ħaxix ... dak l-ikel biss
f'waqt bis-sħana kulħadd jokrob
jiena ngħid 'inħobbok wisq'!

Ja xemx tisreġ, taħraq, taqli
kif tħammarna lkoll nirien
anki nifsi qisek ħadtli
imma nħobbok nibqa jien!

Jien naf ħafna min jistmerrek
lanqas tgawdi ma jħallik ...
imma jien ja Sajf imbierek
min xahar għal ieħor nistenniek!

Is-Sajf jasal, għalxejn tgorru
u t-tbissima f'wiċċi tfiġġ
aqbdu l-basket, il-baħar morru
u taraw kif tgħaddu l-ħin!

**MYRIAMME ELLUL**

**ILLUM U GĦADA**

Għada… forsi
tinsini
ikun aħjar mela
li immut illum….
Meta għadek tħobbni.

**IX-XEMX U L-QAMAR**

Ix-xemx li titla',
u l-qamar li jmajna,
għalija l-istess:
qatt ma ser nisiek
anki għal nitfa ta' mument.

**JOHN CONSIGLIO**

**MILL-GĦATBA 'L ĠEWWA**

Ma nafx jekk għadx għajnejk tixħet fuq tiegħi,
fuq djulek tfissed din iċ-ċkejkna sura,
u dawn ħaddejja jħallu l-marka miegħi
itħuf ta' mħabbtek ġwejda daqs għasfura.

Ma nafx jekk surti tkunx qalb dawk il-ġmiegħi
li 'l ħajti, 'l ruħi, 'l ġismi jroddu lura,
iridu b'ragħwa fuq il-fomm iriegħi,
iridu b'saħħa u dritt juruni l-ħdura.

Biss lili ma jafux, ma jafux x'fini
ħlief tjieba ta' tarbija tibki safja
minn kull għemil malinn, ta' bla konfini.

It-tama tiegħi biss f'dik l-omm smewwija
li tqila marret tiġri, għoddha ħafja,
biex tgħin omm oħra bħalha fl-istennija.

**ROBERT GATT**

**TGĦID GĦAD ISIB XI WENS?**

Tgħid għad isib xi wens
min jibda jħoss li l-ħajja
hi bla sens?

Tgħid hemm min lest jagħtih
id-dawl mixtieq
biex jista', f'ħin ta' dlam,
isib it-triq?

U x'jiġri jekk mad-dawl
ma jiltaqax
u iżjed sens fil-ħajja
ma jarax?

**ĠORĠ BORG**

**SOIL**

The carpet earth we call you soil
Around the earth you wrap and coil
To feed us with your earth so brown
To lavish queen and king and crown

Mycelium networks in the dark
Your magic grows and leaves its mark
And social is your magic still
Your message spoke your silent will

You nourish and sustain all life
And yet we cut you with a knife
Disregard your nature kind
Blinded eyes we leave behind

Without soil we're good as dead
Without soil no food nor fed
Without soil no plants to grow
No flowers seeds no reap to sow

Soil you keep our life sustain
Soil your medicine is our gain
Soil without you there's no grain
Nothing more than ill and pain

Barren desert without breath
Dried out shells laid out to death
Soil you're gone now nothing's left
Souls deprived and left bereft

Life-Giving Soil you are our all
Without you we sink and fall
Gratitude is all you need
In return our life you feed

Thank you soil for knowing best
Birds without you have no nest
Without you there are no trees
No flowers grow no honey bees

Oh Sacred Soil I worship you
My life I owe you, this is true
For you are Nature at her best
Return to you when laid to rest

**MIRIAM SORRELL**

**SULL'ALTRA SPONDA**

Sono ormai sull'altra sponda
del fiume
non c'è niente di diverso
solo che il timoniere era cieco
e sapeva dove andare.

Sono ormai sull'altra sponda
della vita.
Vedo tutto come non deve essere
ma ormai io sono stanco
e non ho una scusa per combattere.

**ALFRED GRECH**

**EWROPA**

J'omm ir-re Minos
ta' Kreta.
Misruma
minn Żews il-Barri:

tifla ta' dejjem.
Bla dehen.
Bint il-ġenn u l-ħela li

fuq mirkeb imsewwi bil-qanneb
xħett għat-turufnament
lil ġmielek, lil tgħakkisek li

l-Griegi tal-Qedem
fittxewhom, ħabbewhom, eżaltawhom
biex jagħrfu wiċċhom iħabbtu

mat-taħbit iebes tal-ħajja u ...
... ara xi ġralek, belha!
Imtlejt bil-kruha, bit-tgerfix,
bit-tgħaffiġ, bit-tgħawwiġ ...
issa b'dawn trid iżżoqq
it-taħbit iebes tal-ħajja,
hux hekk!?

M'għandekx rutelli.
U mill-ġdid:
kienu l-Griegi li għallmuk
li m'hemm xejn sew bla qies.
X'ġustizzja hi dik tiegħek
jekk bħall-Griegi m'għamiltx -
ma weżintx, ma xtarrejtx
il-ġust, il-ġust?

Tridha li taf kollox!
Trid taħkem kollox u

sa trid tiżżattat
u s-sapjenza trid taqla'
mill-orbita mqaddsa tagħha!
Ma fhimtux 'l Eraklitu
meta qallek li l-għerf possibbli
għal min jiddixxernih?
Li l-abbundanza tal-għarfien
ma tgħallmekx tkun għaref?

Ara biss tgħid
li int wild il-Griegi!
Għid biss li għandek
popli jħammġu fil-ħarqa:

werrieta ta' storja mwerrċa -

stqarr li postok
mal-barri jisormok
ġol-baħħ li ħlaqt - deżert -

misħut l-imperu tiegħek!

**CARMEL SCICLUNA**

## LIMITAZZJONI

Fit-turkwas
tal-mewġ imħeddel
l-orizzonti jestasjaw.

Bħall-qaddisin jissublimaw
lilhom infushom.
Bħall-opri t-tajbin nett.

Jinsġuli
s-silenzju inert tagħhom
fis-silenzju mgħaġġeb tiegħi.

Ħajt inviżibbli
jibnuli
jillimitali ħarsti.

Bħal siparju fit-teatru
jridu jostru
t-traġedji ta' lil hinn.

**THERESE PACE**

## LILL-BELT TAL-ISLA

Kemm nitgħaxxaq nara l-Isla
mill-Barrakka jew mis-swar
tofroq ħierġa l-ilma baħar,
li jwennisha lejl u nhar.

Hemm mill-għoli malajr nilmaħ
knisja ħelwa fuq il-għolja,
b'koppla tħammar tal-Port Salvu
u lil hinn dik tal-Vitorja.

Imgezzin id-djar madwarhom
dawn jinsabu lkoll qatigħ,
imkennin minn swar godlija,
fejn gardjola qed tistrieħ.

Dawramejt iddur il-baħar,
li fi ħdanu ra l-għarqiet,
ta' qalbiena s-Sengleani,
wild ta' gżira li batiet.

It-trunċieri ta' mal-baħar,
min jaf kemm-il ġrajja ra,
nies jissieltu fit-taqbid,
kull Senglean demmu ta.

X'ma ġarrabx dan l-ilsien-art
tul l-Assedji, tul is-snin
iżda rebbieħ dejjem ħareġ
ġieħ għal Malta u l-Maltin

Hekk niftakar f'jum il-festa
l-isbaħ jum dak tal-Vitorja,

jum it-tmienja ta’ Settembru
jum mill-isbaħ tul l-Istorja.

Il-Maltin għożżew minn dejjem
u taw ġieħ dal-jum speċjali.
Għalhekk ġie meqjus u mgħolli
biex ikun jum nazzjonali.

Minquxin ġrajjietek f’qalbna,
u f’tant kotba maħżunin,
minsuġin fil-poeżija,
u f’diskorsi miġburin

Belt glorjuża, belt qalbiena
kont għalina minn twelidek
kull tifħir u ġieħ ngħannulek
għax int ommna, aħna wliedek.

Jiena għada mmur sal-Isla
biex ninvista r-Redentur,
u xejn inqas, lill-Bambina,
u mal-post, dawra indur.

**SAVIOUR CAMILLERI**

**THEY GO ABOUT SMASHING RAINBOWS IN THE SKY: HIGHRISE. HIGHRISE. HIGHRISE.**

Il-poeżija. Illum. Titkellem hekk. Titkellem dwar min. Iħaffer il-mogħdijiet. Qalb l-iġreħ. Ġerħiet. Tal-ulied. Ta' min. Jifflaġella. Il-ward. Kollu. Tal-giren. Wil-widien. Ta'. Din. Il-gżira. Tagħna.

Il-poeżija. Dal-ħin. Tal-għodwa. Bir-ragħad. Iriegħed. Ix-xemx. Imsaħħba. Titkellem. Hekk. Dwar. Min ikisser it-twieqi. Tal-iljieli. Ta' min jagħti n-nar. Lill-ġonon. Tat-tfulija. Wiċ-ċittadelli. Tas-salvazzjoni.

Il-poeżija. Illum. Titkellem. Hekk. Dwar l-għanjiet. Tal-għasafar. Hemmhekk. Fil-pjazez pubbliċi. Bil-bombi. Neżlin. Fuq il-ħolm. Tat-tfulija. Ikisser il-qawsalel. Fis-smewwiet. Iriegħed.

Illum. F'dal-ħin. Passiġġieri ta' għeruq impossibbli. Jitkellmu. U. Jgħidu: "Aħna. Qatt ma rajna l-fjur. Mal-isdra. Tan-nisa. Tagħna. Id-diq tagħna. Spunta. U. Kiber. U. Sar raġel."

Kemm iktar. Mix-xita. Huwa d-dwejjaq. Tal-Ġens. Antik. minn. Tagħna: "Ħaffer. Fil-fond. Profond." Jgħidu l-poeti. "Qiegħed. Widnejk. Mas-sider. Ta' Malta. Remota. Tagħna." U. Tħossha't-taħbita. Tad-diq. Ta' Malta'mnikkta. Tagħna.

**TARĊISJU ZARB**

**WERQA TIROLJANA**

Nifsejja jħarrku riġlejja
iterrqu ħaffiefa serħana
mill-ġenn ta’ postijiet urbana.
Ġewħan għall-ħdura għammiela
tal-pajsaġġ lewliemi Tiroljan
’il bogħod mill-barbariżmu tal-ibliet
iħawwel biża’, iwelled l-imwiet.

**JONATHAN BALZAN**
**(minn *Madwar Ħajti*, 2008)**

**IL-LEJLA LBIST IL-MASKRA LI TIĠINI...**
**Fi ftuħ il-Parlament 15/2/82**

Il-lejla lbist il-maskra li tiġini
biex nidher ħelu għal għajnejn in-nies,
biex ngħatti d-diqa tqila l’għandi f’qalbi,
taħsibni d-dinja mimli ferħ bla qies.

Il-lejla lbist il-libsa tal-kummiedja
biex buffu bravu ndaħħak ftit in-nies,
ħalli jċapċpuli ta’ tant gabrijoli,
u jifirħuli għax naf kif u biex.

Il-lejla f’gwardarobba kollha moffa
ħallejt magħluqa ruħi biex tistrieħ,
mir-realtà ta’ ħajja bdiet titherra,
mill-kriżijiet ta’ min beda jiblieh.

Il-lejla lbist...

**LINO SPITERI**
**(minn *Jien Nimxi Waħdi*, PEG, 1987)**

**EPIGRAMM NRU. 2**

Kull bniedem bis-salib ġo dalm’oskura
moħħu jtektek għasluġ għat-triq fiddiena;
imm’anki l-ifrem tama taqa’ lura
maż-żmien ġerrej idur qisu raddiena.

**VICTOR FENECH**
**(minn *Il-Poeżiji*, KKM, 2011)**

**A RACCOLTA PER LA PACE**

A raccolta
sul sentiero della pace,
nello zaino l'essenziale;
ognuno con il proprio passo
in cammino verso la luce.
Tra le mani il seme della speranza.
In un soffio viaggia
e di pensiero in pensiero
allarga la voce
nel buio silenzio della Terra.
Accendi lo sguardo,
ripara il cuore:
la pace ha il volto della pazienza
e i colori della vita.

**PAOLA MARA DE MAESTRI**
***L-Italja***

**APPENA ROSEO TU CORPO**

Nei piccoli rapimenti circolari che la rugiada
conosce di sé specchiandosi resiste l'alba,
la tenerissima morte della luna nella nuvola
fresca, grigissima e celeste. Appena roseo, tu
corpo, sul pane d'erba germogli,
nei campi il primo finire del muto tono s'irradia.
I borseggiatori dei fiumi, i becchetti piumati,
quasi tutti all'unisono volgono il petto
al tempio ardente,
rendendolo leggero il cielo che custodisce tutti
gli occhi,
e dalle scogliere madreporiche eternamente si
[nutrono
le creature brevilinee del silenzio.

**ANTONIO VANNI**
**(minn *Dimenticato*, Macabor, 2021)**
***L-Italja***

**TI ABBRACCIO, ALBERO...**

Ti abbraccio, albero
e il tuo nome ignoro
che sconosciuto non era
al più umile contadino
analfabeta della generazione
di mio padre.

Abbracciami, albero
alpino, che conosci il destino
maledetto degli olivastri sardi,
tuoi fratelli, miei fratelli
uccisi dalla caina indifferenza.

Piange il cielo
e mescola le sue lacrime
alle nostre
ma le sue son di speranza
per quei figli sospesi
tra rovina e riconciliazione.

Alla loro generazione
spetterà il perdono
e la nuova alleanza.
Un attimo prima che tutto
vada in fumo.

**MARCELLO MORETTI**
***L-Italja***

**WAKING UP**

What to do?
Crooks of all kinds running wild, blocking my way
How can I go forward?
I am hesitating, calculating

It is in a dream
Rarely do I dream a dream
But when I do I do such a nightmare
Since my childhood, once and again ...

I am hesitating ...
I am calculating...
Who to help me?
Who to save me?

Then, I brace myself up
To take up a divine pen to drive it away
And I awaken from the dream
Ha, who can block my way?

**HSU CHICHENG**
**(mill-ġabra ta' poeżiji *En Route*)**
***Iċ-Ċina***




### ***INSIDE THE HORSE. A MALTESE ODYSSEY*** **ta' Vincent Vella, Horizons, 2021**

Dan huwa rumanz bl-Ingliż ta' kważi 400 paġna, maqsum f'ħames partijiet. Hija l-ġrajja ta' bniedem li jaħdem fil-qasam politiku u li kapaċi immens jaddatta għall-ambjent li jinsab fih mingħajr ebda tbatija. Iż-żmien hu dak tal-ewwel nofs tas-seklu 20, mela żmien l-Italja Faxxista, il-Gwerra Ċivili Spanjola, u t-Tieni Gwerra Dinjija. Il-protagonist jaf eżattament liema huma d-dgħufijiet tan-nies ta' madwaru, rgħib fejn tidħol l-imħabba, opportunist prim, imma m'għandux ħbieb. Huwa wieħed mill-membri vjolenti tal-partit, spija u merċenarju, imma l-inġenwità tiegħu twasslu bieb iħallas prezz qares. Dan ir-rumanz għandu daħla mill-Prof. Ġorġ Mallia, li fi kliemu l-protagonist jirrifletti bosta nies tal-preżent li warrbu kull valur morali u dinjità umana biex minflok jiddependu fuq favuri ta' natura politiko-partiġġjana, basta jakkwistaw dak li jixtiequ. B'hekk *Inside the Horse* jista' jinftiehem bħala allegorija ta' Malta fil-preżent, imma anki bħala xogħol li jipprova jħares ġewwa d-dlam li l-umanità sħiħa hija kapaċi toħloq.




### ***META R-RUĦ TINTBILL FID-DEHEB*, ta' Charlò Camilleri, Horizons, 2021**

Dan huwa ktieb 'ċkejken' (joqgħod ġo but) ta' ftit iktar minn 200 paġna, imma 'kbir' għax jittratta dwar l-importanza tal-meditazzjoni li l-awtur patri Karmelitan jiddeskrivi bħala "ħidma axxetika u spiritwali... taqbida ġewwinija" li teħtieġ l-għajnuna ta' min jifhem biex timxi fit-triq tagħha. Wara "Kelmtejn Qabel" mill-pinna tal-awtur u studju riċerkat tal-Prof. Michael Zammit - li jikteb dwar l-għeruq Sanskrita tat-taħriġ meditattiv -, il-ktieb jinqasam f'21 kapitolett-meditazzjoniji miktubin b'Malti rfinat u meqjus, u li jakkumpanjawna pass pass f'din il-mixja mill-alpha sal-omega li tgħin lil dak li jkun fis-skiet jidħol daħla fih innifsu b'imħabba u b'kompassjoni u jasal għal "tisfija radikali tal-ħsieb u tal-qawwiet" kollha tiegħu. Marbutin ma' kull meditazzjoni huma inklużi sensiela ta' disinni-"Tbajja'" tal-inka, għażla li saret b'sens ta' djalogu mat-Tradizzjoni Zen, immaġnijiet sempliċi li ma jtellfu xejn mill-meditazzjoni li hi tant meħtieġa fid-dinja tal-lum. Dan hu ktejjeb li joffri 'deheb' differenti minn dak materjali li jgħammex l-għajnejn ta' tant nies illum, imma ħafna iktar meħtieġ.




## ***IT-TPESPISA TAT-TAMA. NOTI, KRIB U FWAWAR… MIT-TAĦBIT TA' QALBI!*, ta' Rev. Dr Ray Francalanza, Horizons, 2021**

Dan huwa ktieb ieħor li jorbot flimkien l-isbuħija tal-kelma Maltija mad-dimensjoni spiritwali u reliġjuża. Il-ħajja għal darb'oħra hija mifhuma bħala vjaġġ u għalhekk dan il-ktieb ta' 300 paġna jinqasam f'ħames vjaġġi jew riflessjonijiet ewlenin: Tieqa mbexxqa f'qalbi; Mill-Qawsalla tal-ħajja; Il-qima… fl-ispirtu u l-verità; Meta l-ħajja ssir talba; u Kliem li ma żvintax. Huwa ktieb personali li għandu mid-djarju intimu, mill-awtoritratt, li jistieden lill-qarrej iħaffer fil-fond tal-jien tiegħu, kif qablu għamel l-awtur. Kif jikteb r-Rev. Ray Francalanza, dawn li naqraw hawn huma riflessjonijiet dwar il-ħajja - dik reali ta' kuljum, bl-iskossi, bir-ritmi, bt-tlugħ u l-inżul tagħha -, l-avventura umana, l-imġiba tal-bniedem, il-koeżistenza tal-kuntrarji, l-ambigwitajiet, l-aljenazzjonijiet, il-kompromessi, il-loppju, il-maskri, l-għama u d-delitti tagħna. Fost dan kollu hi l-ħajja tal-fidi u tar-reliġjon li għandha l-qawwa li teħles. Il-ktieb hu maqsum f'partijiet organizzati b'tali mod li ma jgħejjewx lill-qarrej.




## ***MITTKELMA*, ta' Rita Saliba, KKM, 2020**

Din hi ġabra ta' mitt storja li kull waħda ttul mal-mitt kelma, u li b'kollox jifirxu fuq mitt paġna. Ktieb bħal dan - fejn titħaddem il-*flash fiction* jew il-mikrorakkont - hu mmirat fuq kollox għal dawk li jew għandhom ftit ħin għall-qari, jew inkella huma neqsin mis-sabar u mhumiex kapaċi jaqraw fit-tul. Huma stejjer li jiġru f'mitt post, mitt sitwazzjoni, u mitt vjaġġ. Huma tnemmisa f'ħajjet ħaddieħor, u jakkumpanjaw lill-qarrejja fi spazji u żminijiet fejn kienu xi darba jew fejn qatt ma basru li se jerġgħu jmorru f'waqt qasir fiż-żmien. Minkejja l-qosor tagħhom, dawn huma stejjer li rrikjedu dixxiplina u sengħa biex inkitbu, ladarba l-konċiżjoni fil-kitba - fejn kull kelma tgħodd u ġġorr magħha responsabbiltà kbira - mhix xi ħaġa li kulħadd kapaċi għaliha. L-istejjer jistgħu jinqraw wara xulxin jew mingħajr ordni ta' xejn, imma kollha joħolqu għadd ta' mistoqsijiet, waħda minnhom dik jekk qattx kont parti minnhom. Kull storja għandha mir-ritratt u mill-poeżija: jingħad ħafna minkejja l-qosor, hemm il-kelma li tfisser anki dak li ma jingħadx, u hemm ukoll it-tmiem li mhux tmiem għax iseħħ dak li l-qarrejja ma jkunux qed jistennew, stedina biex il-qarrej ikompli hu fejn jispiċċaw dawn il-mikrostejjer.




## ŻEWĠ KOTBA MIKTUBIN MINN OMM U IBEN, IPPUBBLIKATI MILL-HORIZONS

***Noti Blu*** (2021) ta' Jacqueline Mizzi huwa rumanz ta' ftit iktar minn 200 paġna għall-adolexxenti dwar l-adolexxenti. Il-preżentazzjoni mill-ewwel tolqot l-għajn: huwa ktieb li bħala daqs jista' jinġarr fl-but, u jinqasam f'żewġ partijiet li b'xi mod jew ieħor jirrakkontaw is-sena skolastika 2019-2020. L-ewwel biċċa tinqasam f'20 parti li huma datati daqslikieku kienu parti minn djarju: id-dati huma dawk bejn il-25 ta' Settembru u t-22 ta' Diċembru 2019. It-tieni biċċa tinqasam fi 12-il parti u d-dati jifirxu bejn l-1 ta' Jannar u t-2 ta' Marzu 2020. Hemm ukoll Epilogu datat 12 ta' Marzu 2020. Hemm partijiet miktubin bil-linka blu, oħrajn bil-griż, u oħrajn bl-iswed skur. Partijiet oħra jieħdu l-forma ta' SMSijiet - inklużi l-emojis - mibgħuta mill-protagonisti fir-rakkont. Hemm partijiet f'għamla ta' sticky notes jew ittri tradizzjonali. Kollox hu magħmul bi ħsieb. Niltaqgħu ma' sitt adolexxenti, ġuvni misterjuż, emozzjonijiet differenti, messaġġi u noti blu. Kollox iseħħ ġo skola waħda u djar differenti, imma hemm ukoll logħba mal-invżibbli jew fatat li tinduna bih biss permezz tar-riħa tinten li jġorr miegħu. *Noti Blu* mhux biss iżommok bħala rakkont, imma jolqot il-għajn grafikament.

***Il-Kantina tas-Sigrieti*** (2021) huwa rakkont li jinqasam fi 12-il kapitlu u li jifrex fuq 100 paġna. Huwa miktub minn iben Jacqueline Mizzi, Matias, li għandu 9 snin. It-tpinġijiet huma wkoll ta' Matias. Naqraw dwar grupp ta' ħbieb li jkunu qed jilagħbu fil-kampanja u s-sejba ta' kantina sigrieta. Din il-kantina tkun spazju speċjali ladarba biex toħroġ minnha jkun jeħtieġ tissupera tliet provi li jaqtgħu jekk wieħed għandux jgħix jew imut. Huwa wkoll rakkont-avventura fejn naqraw dwar magni speċjali, żunżana kbira ħafna, annimal feroċi, ġennati min-naħa ta' tiġieġ mostrużi, ġawhra tal-ambra, persuna unika b'sigriet li ilu moħbi għal żmien twil. Dan kollu jgħaddu minnu t-tlitt iħbieb Kail, Astrid u Jacob. Bħal fi ħrafa jew f'avventura, huma jiltaqgħu ma' sfidi u ostakli strambi, li matulhom ikun hemm waqtiet meta jaħdmu id f'id, u oħrajn meta ma jaqblux u jiġġieldu. Hu rakkont li jġiegħel lill-qarrejja jinkwetaw daqskemm jidħku wkoll; jiħalltu waqtiet serji u tal-biża' ma' oħrajn umoristiċi, realtà u fantasija, kollha ingredjenti li jirriflettu d-dinja u l-ħajja tat-tfal.






## ŻEWĠ KOTBA ĠODDA TA' CARMEL G. CAUCHI MILL-MERLIN PUBLISHERS

Isem Carmel G. Cauchi mhux ġdid fil-qasam tal-letteratura Maltija, l-iktar dik miktuba għat-tfal u għall-adolexxenti. Huwa l-ħallieq ta' persunaġġi divertenti bħal Pietru Pitravu u Betta Trumbetta, li permezz tagħhom iddeverta għadd illimitata ta' qarrejja permezz ta' pubblikazzjonijiet differenti. Persunaġġ ieħor maħluq minn Cauchi hu Mastru Gerfex. ***Mastru Gerfex Rebbieħ Dejjem*** (2021) huwa s-sitt ktieb li fih jiġbor stejjer ispirati minn dan il-bniedem "imqareb", imma qalbu tajba u ċajtier, li dejjem jivvinta xi waħda ġdida. F'dan il-ktieb ġdid insibu għaxar stejjer friski. Gerfex hu maħbub ħafna f'Ħal Busbies, imma hemm ukoll min ma jaħmlux kwiet. Fost dawn insibu lis-Surġent Sacco li donnu isir id-dell ta' Gerfex biex jara kif jaqbdu fil-fatt. Min-naħa l-oħra, Kaspru l-Amerikan jgħir għal Gerfex u spiss jisfidah u jagħmillu xi mħatra. Is-sabiħ hu li permezz tal-makakkerija tiegħu, Gerfex dejjem jirbaħ u jħalli lir-rivali tiegħu b'xiber imnieħer. Kemm hu sabiħ li persunaġġ bħal Mastru Gerfex jibqa' ħaj matul is-snin, u f'dan il-każ qed nitkellmu dwar persunaġġ letterarju li għandu iktar minn 30 sena. Fil-fatt din hija s-sitt ġabra ta' stejjer ispirati minn Gerfex. Is-sitt ġabriet l-oħra huma dawn: *Il-Praspar ta' Mastru Gerfex* (1990); *F'Ħal Busbies ma' Mastru Gerfex* (1997); *Dak l-Imbierek Mastru Gerfex* (1999); *Kif Jaħsibhom Mastru Gerfex* (2012); u *Gerfex, Betta u l-Internet* (2016).

***Rigal lil Samantha*** (2021) huwa rakkont ta' 90 paġna, din id-darba bi protagonista femminili. Il-Ħadd waranofsinhar jiltaqgħu f'Kennedy Grove il-familja ta' Samantha u dik tal-kuġini. Waqt logħba noli Samantha jkollha tfittex lill-oħrajn imma ma ssib lil ħadd minnhom. Meta, wara li għadda l-ħin, ġew lura, sabuha titkellem ma' tifel liebes ilbies stramb. X'kienu qed jagħmlu Ronnie u l-kuġini flok jilagħbu noli? Min kien il-ħabib il-ġdid ta' Samantha? X'ried dan mingħandhom?

Iż-żewġ kotba għandhom illustrazzjonijiet tal-maħbub Frank Schembri, filwaqt li t-tipa hija kbira biex tinkoraġġixxi lill-qarrejja jaqraw bla tbatija. Bħal dejjem, ir-rakkonti ta' Carmel G. Cauchi huma mexxejja, joħolqu sens ta' kurżità, inisslu tbissima, filwaqt li jħaddnu valuri pożittivi.






**LADY M, ATTENTAT u WAQTIET ta' Salv Sammut, Horisons, 2021**

Id-Dar tal-Pubblikazzjoni Horizons xi ġimgħat ilu ħarġet triloġija ta' rumanzi mill-pinna tal-kittieb Salv Sammut. Bejniethom, it-tliet volumi jgħoddu mas-775 paġna. ***Lady M*** jlaqqagħna ma' mara kapriċċuża, ambizzjuża u bla mogħdrija li tasal saħansitra biex tuża għall-għanijiet tagħha anki lil dawk li juruha rispett u stima. Fuq naħa oħra, Spettur tal-pulizija fl-ewwel imħabba safja ta' ħajtu jinqabad f'xibka ta' reati kriminali bla ħniena li jumiljawh. Dan l-ewwel volum mimli intriċċi: kriminalità u esplojtazzjoni, romantiċiżmu u mħabba ġenwina; tradiment ta' fiduċja; sfruttar u qtil ta' tfajliet innoċenti; sens ta' dover; diżappunt u qawmien mill-ġdid. *Lady M* juri li mhux kulma jaħseb u jemmen il-bniedem hu reali u ġenwin.

Fit-tieni volum, ***Attentat***, nies barranin megħjunin minn Maltin bla ġieħ ifasslu pjan sovversiv biex tiddgħajjef u tiġi eliminata l-istabbiltà politika ta' Malta ħalli l-interessi dittatorjali ta' pajjiż barrani jiġu moqdija. Imma Spettur tal-pulizija b'sens ta' dmir u lealtà lejn pajjiżu jidħol b'ruħu u b'ġismu biex ixejjen dan l-attentat ta' kolp ta' stat. Naqraw dwar korruzzjoni f'organizzazzjonijiet pubbliċi; imħabba illeċita u ta' konvenjenza; manipolazzjoni ta' karattri innoċenti; eliminazzjoni bla ħniena biex tinżamm l-omertà; dover u leatà ta' integrità individwali; qerq u seduzzjoni. Dan it-tieni volum juri kif l-istabbiltà politika tista' tiġi mhedda jew eliminata b'att kodard.

***Waqtiet fl-Imħabba li ma Titkellimx*** hu l-isem tat-tielet volum. Ambjent kwiet ta' familja normali jitħarbat minn sitwazzjoni mhux mistennija. Il-marda tal-Alhzeimer tgħaqqad u mhux tifred id-dedikazzjoni u l-imħabba ta' koppja. Aċċident fatali u dubjuż flimkien ma' ċirkustanzi imprevisti jħarbtu t-trankwillità tal-istess familja. Spettur tal-pulizija jidħol jinvestiga avvenimenti strambi, kontradittorji, u emozzjonali. Dan l-aħħar rumanz tat-triloġija fih elementi varji: nostalġija emozzjonali; mewta traġika u misterjuża; rispett, fedeltà u lealtà; romantiċiżmu sempliċi u ħelu; imħabba omosesswali; preġudizzju; u mogħdrija mingħajr kundanna. *Waqtiet fl-Imħabba li ma Titkellimx* hija ġrajja fittizzja imma li tista' faċilment isseħħ fir-realtà.

Dwar ir-rabta bejn ir-rumanz *Id-Dar ta' Ħdejn il-Baħar* (2012) u din it-triloġija ġdida jikteb Salv Sammut stess: "Il-karattru ewlieni fit-Triloġija u f'*Id-Dar ta' Ħdejn il-Baħar* huwa l-Ispettur Pawlu Borg, raġel serju ħafna, ġenwin u rett f'xogħlu li ma jiddistingwix bejn min hu kbir u b'saħħtu u min hu żgħir u dgħajjef. Għalih, il-ġustizzja togħla u tirbaħ fuq kollox. Jikkumplimentah hemm Ritchie, ġurnalist investigattiv imma nebbiexi li jinseġ il-ġrajjiet ta' reati li jkunu seħħu. Ma tonqos lanqas Jeannie, tfajla li Ritchie jinbex imma jirrispetta ħafna. Il-ġrajja tal-ewwel rumanz, *Id-Dar ta' Ħdejn il-Baħar*, hija msejsa fuq id-dgħufija, l-egoiżmu, il-verità, l-għira, il-mogħdrija, l-imħabba, l-emozzjoni, id-dominanza tal-karattri, il-maturità, id-droga u l-okkult tal-Quddiesa s-Sewda. Il-vittmi jkunu biss dawk ta' karattru dgħajjef li jiġu ddominati minn ħaddieħor waqt li r-rebbieħa huma dawk ta' rieda soda b'għan ċar f'ħajjithom. F'dawn l-erba' rumanzi, ridt noħroġ is-sens ta' dmir lejn dak li huwa sewwa u ġust ta' uffiċjal tal-pulizija flimkien ma' sitwazzjonijiet mhux normali. Ir-realtà fil-waqgħat u l-qawmien mill-ġdid tal-bniedem imma wkoll l-imħabba fir-romantiċiżmu u l-emozzjonijiet li jqanqlu u jżejnu lill-ħlejjaq umani minkejja kull tfixkil ieħor fil-ħajja ta' kuljum."




**_SAN ĠORĠ PRECA ĦAJ BĦAL QATT QABEL_ ta' Ġorġ Borg, Pubblikazzjoni Preca, 2021**

Dan il-ktieb b'qoxra iebsa ta' 358 paġna jiġbor flimkien tliet kotba preċedenti: *Dun Ġorġ, Il-Ħabib tat-Tfal* (1979), *Dun Ġorġ, Ġrajjiet Minn Ħajtu* (2001), u *Dun Ġorġ, Ġrajjiet Ġodda* (2005). F'dan il-ktieb ġdid il-kapitli ġew imnaqqsin u magħqudin ma' oħrajn u tqiegħdu f'ordni ġdid għadd ta' aneddoti. Xi ġrajjiet ġew integrati ma' oħrajn u daħlu xi kummenti ġodda fejn inħasset il-ħtieġa. Saret reviżjoni tal-materjal ta' qabel u żdied tagħrif ġdid 'l hawn u 'l hinn, filwaqt li ġew ikkoreġuti xi ineżattezzi żgħar li kienu qabżu. Saru aġġornamenti u żieda dwar l-avvenimenti tal-beatifikazzjoni u l-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca u tħalliet barra xi ġrajja li llum ma tantx tinftiehem. Żdiedu wkoll mal-40 aneddotu ġdid. Kollox hu mwassal b'Malti sempliċi, sabiħ u mexxej, sabiex il-qarrejja jifhmu sewwa min kien dan il-bniedem kbir minkejja l-umiltà u l-faqar li għex fih matul ħajtu. Il-ktieb jinqasam fi 13-il taqsima. Hemm inklużi taqsima bir-ritratti bw, glossarju, noti u indiċi ta' ismijiet. Dan kollu mwassal minn kittieb ta' sengħa u Mużewmin.




**_IR-RAZZETT MINSI_ ta' M.D. Spenser, maqlub għall-Malti minn Toni Aquilina, Horizons, 2021**

Dan hu rakkont ta' ftit iktar minn 150 paġna: il-preżentazzjoni pulita u l-kliem jinqara bla tbatija. Nico u oħtu għadhom sal-lum jixtiequ jistgħu jgħidu li mhux, iżda minnu, u l-avventura ġrat tabilħaqq. Dik id-dawra biż-żiemel billejl tant sabiħa u għall-kwiet ħadithom sat-tarf nett u lil hinn; sa dak il-post fejn iċ-ċpar jiġi fuqek għall-għarrieda bħal tigra salvaġġa u ż-żiemel tiegħek jibda jlebbet qisu għafrit. Daqslikieku dan mhux inkwiet biżżejjed, huma sabu rwieħhom quddiem bieb ta' razzett iwaħħax. Razzett mimli bl-iħirsa tal-biża' tan-nies li kienu jgħixu fih qabel, moħħhom biss kif se jivvendikaw irwieħhom. Dawn l-għefieret ta' raħħala riedu akkost ta' kollox iħawlu lil Nico u 'l Ana sitt piedi taħt il-ħamrija. Dan hu ktieb għall-adolexxenti li oriġinalment ħareġ fl-1997, bħala parti minn sensiela ta' 36 ktieb bl-isem ta' "Shivers". Iżommok trid taqra sal-aħħar, filwaqt li ma jonqsux elementi bħal dak misterjuż u tal-orrur. Bħal dejjem, Toni Aquilina jagħtina verżjoni b'Malti sabiħ u mexxej għall-aħħar li żgur jirnexxilu jwassal l-ispirtu tar-rakkont fl-oriġinal.